# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 109

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 66

24 ta' Marzu 2023


Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2023/C 109/01 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Komunikazzjoni Interpretattiva dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ........ 1


IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il–Kunsill**


2023/C 109/02 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2023 li taħtar membru fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Estonja ........ 69

2023/C 109/03 Deċiżjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Marzu 2023 li taħtar membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka ........ 71


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2023/C 109/04 Rata tal-kambju tal-euro — It-23 ta' Marzu 2023 ........ 72


MT

V *Avviżi*

ATTI OĦRAJN

**Il-Kummissjoni Ewropea**


2023/C 109/05 Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid ..... 73


**Rettifika**


2023/C 109/06 Rettifika tal-Pożizzjoni (UE) Nru …/2023 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagġħom meta jaqsmu l-fruntieri u dawk li ċ-ċittadini tagġħom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo *) — Adottata mill-Kunsill fid-9 ta’ Marzu 2023 (ĠU C 105, 21.3.2023) ..... 80

2023/C 109/07 Rettifika għad-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill: Pożizzjoni (UE) Nru …/2023 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta’ Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagġħom meta jaqsmu l-fruntieri u dawk li ċ-ċittadini tagġħom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo *) (ĠU C 105, 21.3.2023) ..... 81

2023/C 109/08 Rettifika għal Public holidays 2023 (ĠU C 39, 1.2.2023) ..... 82

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**Komunikazzjoni Interpretattiva dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol**

(2023/C 109/01)

**WERREJ**

*Paġna*


I. INTRODUZZJONI ..... 4

A. Nirbħu l-isfidi ta' organizzazzjoni tax-xogħol li qiegħda tinbidel ..... 4

B. Impenn imġedded sabiex jiġu appoġġati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali ..... 6

C. Ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet ewlenin ..... 7

II. IL-BAŻI LEGALI U L-ISKOP TAD-DIRETTIVA ..... 8

III. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA ..... 9

A. Il-kamp ta' applikazzjoni personali ..... 9

1. Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għall-"ħaddiema" ..... 9

2. Applikazzjoni tad-Direttiva fil-każ ta' kuntratti konkorrenti ..... 11

B. Il-kamp ta' applikazzjoni materjali — is-setturi kkonċernati ..... 11

1. Prinċipju: id-Direttiva tapplika għas-setturi kollha ..... 11

2. Deroga: l-esklużjoni ta' ċerti attivitajiet ta' servizz pubbliku ..... 13

3. Deroga: il-każ ta' attivitajiet tal-membri tal-forzi armati ..... 14

4. Baħħara ..... 15

5. Setturi u ħaddiema oħrajn soġġetti għal leġiżlazzjoni speċifika ..... 15

C. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ..... 16

1. X'inhu (jew x'mhux) kopert? ..... 16

2. Dispożizzjonijiet minimi ..... 17

3. Nonregressjoni ..... 17

IV. DEFINIZZJONIJIET ..... 18

A. "Ħin tax-xogħol" u "perjodi ta' serħan" ..... 18

1. Definizzjoni ta' "ħin tax-xogħol" u ta' "perjodi ta' serħan" ..... 19

2. Reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol ....21

3. L-applikazzjoni tad-definizzjoni tad-Direttiva għal perjodi ta' ħin speċifiċi ....21

B. Ħin ta' billejl u ħaddiema ta' billejl ....25

C. Xogħol bix-shift u ħaddiem bix-shift ....26

D. Ħaddiem mobbli ....27

E. Xogħol offshore ....28

F. Serħan adegwat ....28

V. PERJODI MINIMI TA' SERĦAN ....28

A. Serħan ta' kuljum ....29

B. Pawżi ....29

1. Durata tal-waqfa ta' mistrieħ ....30

2. Il-ħin meta tittieħed il-pawża ....30

3. Kundizzjonijiet tal-waqfa ta' mistrieħ ....30

4. Obbligi ta' traspożizzjoni fuq l-Istati Membri ....30

C. Serħan ta' kull ġimgħa ....31

1. Perjodu minimu ta' 35 siegħa ta' serħan mingħajr interruzzjoni kull ġimgħa ....31

2. Perjodu ta' serħan f'kull perjodu ta' 7 ijiem ("serħan ta' kull ġimgħa") ....31

3. Serħan ta' kull ġimgħa fuq perjodu ta' referenza ta' 14-il jum ....31

4. Perjodu mqassar ta' serħan ta' kull ġimgħa f'ċerti każijiet ....32

VI. ĦIN TAX-XOGĦOL MASSIMU TA' KULL ĠIMGĦA ....32

A. Ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa ....33

1. Liema ħin għandu jingħadd għall-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa ....33

2. Massimu stabbilit għal 48 siegħa ....33

3. Massimu mingħajr kundizzjonijiet ....33

B. Massimu li jista' jiġi kkalkolat bħala medja ....34

1. Kemm huwa twil il-perjodu ta' referenza? ....34

2. X'ma huwiex inkluż fil-perjodu ta' referenza ....34

3. X'jista' jiġi inkluż fil-perjodu ta' referenza ....34

C. Dispożizzjoni b'effett dirett ....34

VII. LIV ANNWALI BIL-ĦLAS ....35

A. Id-dritt għal-liv annwali bil-ħlas ta' kull ħaddiem ....35

1. Liv annwali bil-ħlas minimu ta' 4 ġimgħat ....36

2. Liv minimu għall-ħaddiema kollha, soġġett għall-ebda kundizzjoni ....37

3. Ħlas matul il-liv annwali ....40

4. Effett dirett tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas ....42

B. Intitolament għal benefiċċju bħala kumpens minflok il-liv annwali bil-ħlas ....42

1. L-intitolament għal benefiċċji bħala kumpens ....43

2. L-ammont tal-benefiċċju ....44

3. Intitolament għal liv addizzjonali ....44

C. L-interazzjoni bejn il-liv annwali bil-ħlas u tipi oħrajn ta' liv ........ 44
1. Liv tal-maternità ........ 44
2. Liv tal-ġenituri u tipi oħrajn ta' liv protetti mid-dritt tal-UE ........ 45
3. Liv minħabba mard ........ 46
4. Tipi oħrajn ta' liv fuq livell nazzjonali ........ 47
VIII. XOGĦOL TA' BILLEJL, XOGĦOL BIX-SHIFT U MUDELLI TAX-XOGĦOL ........ 48
A. It-tul tax-xogħol ta' billejl ........ 48
1. Il-limitu medju fuq ix-xogħol ta' billejl ........ 48
2. Limitu massimu fuq ix-xogħol ta' billejl li jinvolvi perikli speċjali jew strapazz fiżiku jew mentali kbir ........ 49
B. Eżamijiet tas-saħħa u t-trasferiment ta' ħaddiema ta' billejl għal xogħol ta' matul il-jum ........ 49
1. Id-dritt tal-ħaddiema ta' billejl għal eżamijiet tas-saħħa ........ 50
2. It-trasferiment ta' ħaddiema ta' billejl għal xogħol ta' matul il-jum għal raġunijiet ta' saħħa ........ 50
C. Garanziji għax-xogħol ta' billejl ........ 51
D. Notifika ta' użu regolari ta' ħaddiema ta' billejl ........ 51
E. Protezzjoni tas-sikurezza u tas-saħħa ........ 52
F. Tendenzi tax-xogħol ........ 53
IX. DEROGI ........ 53
A. Id-deroga għall-"ħaddiema awtonomi" ........ 54
1. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għall-"ħaddiema awtonomi" ........ 54
2. Il-konsegwenzi tad-deroga għall-"ħaddiema awtonomi" ........ 55
B. Derogi li jitolbu mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti jew protezzjoni xierqa ........ 55
1. Id-deroga għal "ċerti attivitajiet" skont l-Artikolu 17(3) ........ 56
2. Id-deroga għax-xogħol bix-shift u x-xogħol imqassam ........ 57
3. Id-deroga għas-setturi kollha permezz ta' ftehim kollettiv ........ 58
4. Ir-rekwiżit ta' mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti jew, b'mod eċċezzjonali, ta' protezzjoni xierqa ........ 59
5. Derogi mill-perjodi ta' referenza ........ 61
C. L-"esklużjoni fakultattiva" mill-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa ........ 62
1. Rekwiżit ta' traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni ........ 62
2. Il-kundizzjonijiet marbuta ........ 63
3. Konsegwenzi tal-"esklużjoni fakultattiva" ........ 64
D. Deroga speċifika għall-ħaddiema mobbli u x-xogħol offshore ........ 64
1. Ħaddiema mobbli ........ 65
2. Ħaddiema offshore ........ 65
E. Deroga speċifika għal ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f'ilmijiet miftuħa ........ 66
X. KONKLUŻJONI ........ 68

Din il-komunikazzjoni taġġorna l-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-2017 dwar id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ([1]) sabiex jiġu riflessi aktar minn 30 Sentenza u Digriet li jinterpretaw id-Direttiva li sadanittant inħarġu mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti").

Sabiex jiġi żgurat li l-Komunikazzjoni Interpretattiva tkun aġġornata u faċli għall-utent, hija tikkonsolida f'dokument wieħed il-ġurisprudenza rilevanti kollha maħruġa qabel u wara l-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-2017.

Din il-komunikazzjoni hija maħsuba sabiex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali, liċ-ċittadini u lin-negozji fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88/KE. Il-Qorti biss hija kompetenti sabiex tinterpreta b'mod awtorevoli d-dritt tal-Unjoni.

## I. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2003/88/KE ([2]) dwar il-Ħin tax-Xogħol (id-"Direttiva" jew id-"Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol") hija element ewlieni tal-acquis tal-Unjoni Ewropea (l-"UE"). Din saret wieħed mill-pilastri ewlenin tal-mudell soċjali tal-Ewropa. L-ewwel Direttiva ta' applikazzjoni ġenerali fil-qasam tal-ħin tax-xogħol, id-Direttiva 93/104/KE ([3]) (id-"Direttiva tal-1993"), ġiet adottata kważi 30 sena ilu.

Id-Direttiva tistabbilixxi d-drittijiet individwali għal kwalunkwe ħaddiem fl-UE u b'hekk tagħti espressjoni konkreta lill-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") li jirrikonoxxi bħala parti mil-"liġi primarja tal-UE" d-dritt ta' kull ħaddiem għal "kondizzjonijiet tax-xogħol li jirrispettaw is-saħħa, is-sigurtà u d-dinjità tiegħu" u għal "limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perijodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' leave imħallas".

Fil-fatt, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sikurezza u saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol rigward il-perjodi ta' serħan ta' kuljum, il-waqfiet ta' mistrieħ, is-serħan ta' kull ġimgħa, il-ħin massimu tax-xogħol ta' kull ġimgħa, il-liv annwali u aspetti tax-xogħol ta' billejl, ix-xogħol bix-shift u l-mudelli tax-xogħol.

Bħala drittijiet iggarantiti mill-Karta, il-limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, il-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa u l-liv annwali mħallas huma soġġetti għall-Artikolu 52 tal-Karta li jipprevedi li: "Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."

### A. ***Nirbħu l-isfidi ta' organizzazzjoni tax-xogħol li qiegħda tinbidel***

Id-Direttiva tal-1993 daħlet fis-seħħ kważi 30 sena ilu, f'soċjetà fejn, b'mod ġenerali, ir-relazzjonijiet ta' impjieg kienu aktar omoġenji u l-organizzazzjoni tax-xogħol kienet aktar standardizzata fil-jum komuni tax-xogħol mid-"disa' sal-ħamsa". Madankollu, matul dawn l-aħħar deċennji, ir-regolazzjoni tal-ħin tax-xogħol kienet dejjem aktar ikkonfrontata minn forom ġodda ta' impjieg u modi ġodda ta' kif jiġi organizzat ix-xogħol, miż-żieda ta', pereżempju, ix-xogħol mill-bogħod, ix-xogħol mobbli, ix-xogħol fuq talba, ix-xogħol fuq il-pjattaformi jew impjieg multiplu.

Dawn il-bidliet seħħew u/jew ġew aċċellerati mill-impatt tad-diġitalizzazzjoni fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE. Fil-fatt, it-trasformazzjoni diġitali kompliet tippermetti arranġamenti tax-xogħol aktar flessibbli, li jindirizzaw kemm l-aspirazzjonijiet tal-ħaddiema għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kif ukoll il-benesseri fuq il-post tax-xogħol u t-tiftix tan-negozji għal produttività u aġilità akbar f'ekonomija globalizzata.

([1]) ĠU C 165, 24.5.2017, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU L 299, 18.11.2003, p. 9).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 1993/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, (ĠU L 307, 13,12.1993, p. 18).

Għalhekk, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol qiegħda tiġi implimentata f'kuntest ikkaratterizzat minn firxa ġdida ta' opportunitajiet u riskji. Impjieg flessibbli jista' jwassal għal użu akbar tad-derogi tad-Direttiva. Id-diġitalizzazzjoni qiegħda ċċajpar id-distinzjoni bejn ix-xogħol u s-serħan, u tippermetti aktar frammentazzjoni tax-xogħol, kemm fir-rigward tal-post kif ukoll tal-ħin. Fl-istess ħin, it-teknoloġija toħloq possibbiltajiet ġodda għall-monitoraġġ tal-ħin tax-xogħol.

Id-dinja tax-xogħol ġiet affettwata ħafna wkoll mill-pandemija globali tal-COVID-19. Il-miżuri li ttieħdu mill-awtoritajiet pubbliċi madwar l-UE sabiex jillimitaw it-tixrid tal-marda wasslu għal żieda konsiderevoli u f'daqqa fix-xogħol mill-bogħod. Ir-restrizzjonijiet introdotti fuq raġunijiet sanitarji kienu jinvolvu telexogħol obbligatorju bbażat fid-dar għal proporzjon imdaqqas ta' ħaddiema ([4]). Meta s-sitwazzjoni sanitarja ppermettiet tnaqqis progressiv tar-restrizzjonijiet, it-telexogħol obbligatorju, fil-biċċa l-kbira tiegħu, ta lok għal użu akbar ta' telexogħol volontarju. Għall-proporzjon dejjem akbar ta' ħaddiema li l-funzjonijiet tagħhom jistgħu jitwettqu mill-bogħod ([5]), il-pandemija tal-COVID-19 tista' timmarka l-bidu ta' xejra dejjiema lejn telexogħol ibbażat aktar fid-dar, flimkien mal-preżenza fil-bini tal-impjegatur matul parti mill-ħin tax-xogħol, sabiex il-ħaddiema jwettqu "xogħol ibridu".

F'dan il-kuntest, din il-Komunikazzjoni taġġorna l-verżjoni preċedenti ppubblikata fl-2017 bl-iżviluppi riċenti fil-ġurisprudenza tal-Qorti. L-aktar waħda sinifikanti minn dawn is-sentenzi hija:

— Is-Sentenza *Matzak* ([6]) tal-2018 u diversi sentenzi oħrajn aktar riċenti li jikkonċernaw il-kwalifika ta' dmir stand-by bħala "ħin tax-xogħol" jew "perjodu ta' serħan". Dawk is-sentenzi jittrattaw il-kwistjoni ta' stand-by barra mill-post tax-xogħol, jiġifieri perjodu li matulu l-ħaddiem ma jkunx meħtieġ jibqa' fuq il-post tax-xogħol, iżda jrid jibqa' disponibbli sabiex jiġi kkuntattjat u jkun lest li jirrispondi f'ċertu ħin. Il-Qorti ddeċidiet li jekk l-istandby jgħoddx bħala "serħan" jew "ħin tax-xogħol" jiddependi mill-intensità tar-restrizzjonijiet applikati lill-ħaddiem u li jaffettwawh kif jista' juża l-ħin ta' stand-by. Il-Qorti dehret ukoll li tirrikonoxxi li, anke jekk perjodu ta' stand-by jiġi kkwalifikat bħala "perjodu ta' mistrieħ", l-obbligu li wieħed ikun disponibbli sabiex jiġi kkuntattjat u li jirreaġixxi, li l-korollarju tiegħu huwa d-deprivazzjoni tad-dritt ta' skonnessjoni, fil-fatt jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema jekk jiġi impost ta' spiss wisq.

— Is-Sentenza *CCOO* ([7]) tal-2019 dwar ir-reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol. F'din is-Sentenza, il-Qorti ddeċidiet li l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrikjedu li l-impjegaturi jistabbilixxu sistema li tippermetti li jitkejjel it-tul ta' ħin li kull ħaddiem jaħdem kuljum. Dan iqajjem mistoqsijiet kumplessi b'mod partikolari fil-każ ta' ħaddiema li jwettqu xogħol mill-bogħod jew telexogħol li jistgħu jgawdu minn grad ta' flessibbiltà u awtonomija fl-organizzazzjoni u l-għoti ta' xogħol mingħajr superviżjoni fiżika, pereżempju fir-rigward tal-11-il siegħa ta' serħan ta' kuljum mingħajr interruzzjoni.

— Is-Sentenza *Academia de Studii Economice din Bucureşti* ([8]) tal-2021. F'dik is-Sentenza, il-Qorti ttrattat il-kwistjoni ta' jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jistabbilixxux limiti assoluti fil-każ ta' kuntratti konkurrenti ma' impjegatur wieħed jew aktar jew jekk japplikawx għal kull relazzjoni ta' impjieg separatament, fil-każ speċifiku meta impjegat ikun ikkonkluda diversi kuntratti ta' impjieg mal-istess impjegatur. Il-Qorti qieset li l-perjodu minimu ta' mistrieħ ta' kuljum japplika għal dawk il-kuntratti meħuda flimkien u mhux għal kull wieħed minnhom meħud separatament.

— Is-Sentenza *Ministrstvo za obrambo* ([9]) tal-2021, li tikkonċerna l-applikabbiltà tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol għall-membri tal-persunal militari. Il-Qorti kkonfermat li fil-prinċipju d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tapplika għal tali persunal, madankollu ċerti attivitajiet tal-membri tal-forzi armati jistgħu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

([4]) Skont il-Eurofound (Eurofound, Telework during the pandemic: Prevalence, working conditions and regulations, Novembru 2022), filwaqt li fl-2019 11 % tal-impjegati fis-27 Stat Membru tal-UE rrapportaw li jaħdmu mid-dar "xi kultant" (jiġifieri anqas minn nofs il-jiem, iżda mill-anqas siegħa matul perjodu ta' referenza ta' 4 ġimgħat) jew "normalment" (jiġifieri mill-anqas nofs il-jiem), il-proporzjon żdied f'daqqa għal 19 % fl-2020 u kompla jiżdied għal 22 % fl-2021. Fl-istħarriġ elettroniku tal-Eurofound, intitolat "Living, Working and COVID-19" ta' Lulju 2020, mhux anqas minn 34 % tar-rispondenti rrapportaw li jaħdmu esklużivament mid-dar.

([5]) Ġie stmat (Sostero *et al.* (2020)) li l-okkupazzjonijiet li jammontaw għal 37 % tal-impjiegi dipendenti mill-UE jistgħu jitwettqu permezz tat-telexogħol (Eurofound, Telework during the pandemic: Prevalence, working conditions and regulations, Novembru 2022).

([6]) Is-Sentenza tal-21 ta' Frar 2018, *Ville de Nivelles vs Rudy Matzak*, C-518/15, ECLI:EU:C:2018:82.

([7]) Is-Sentenza tal-14 ta' Mejju 2019, *Federación de Servicios de Comisiones Obreras (CCOO) vs Deutsche Bank SAE*, C-55/18, ECLI:EU:C:2019:402.

([8]) Is-Sentenza tas-17 ta' Marzu 2021, *Academia de Studii Economice din Bucureşti vs Organismul Intermediar pentru Programul Operaţional Capital Uman - Ministerul Educaţiei Naţionale*, C-585/19, ECLI:EU:C:2021:210.

([9]) Is-Sentenza tal-15 ta' Lulju 2021, *B. K. vs Ir-Repubblika tas-Slovenja (Ministrstvo za obrambo)*, C-742/19, ECLI: EU:C:2021:597.

## B. *Impenn imġedded sabiex jiġu appoġġati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali*

Mill-1993 lil hawn, aktar minn 80 Sentenza u Digriet tal-Qorti kellhom x'jaqsmu mad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u interpretaw id-dispożizzjonijiet tagħha, inkluż il-kamp ta' applikazzjoni u l-limitazzjonijiet tal-flessibbiltà li tagħti.

Il-ġurisprudenza fuq din l-iskala toħloq diffikultà għall-Istati Membri, l-impjegati u l-impjegaturi, partijiet ikkonċernati oħrajn bħas-sħab soċjali jew l-ispettorati tax-xogħol u għaċ-ċittadini interessati sabiex jifhmu l-kontenut u l-firxa eżatti tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Madankollu din il-ġurisprudenza hija fundamentali sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni korretta tad-Direttiva billi l-fehim ħażin jew in-nuqqas ta' għarfien tal-aħħar żviluppi fil-ġurisprudenza jistgħu jwasslu għal kwistjonijiet relatati mal-konformità u għal ilmenti jew litigazzjoni li jistgħu jiġu evitati.

F'konformità mal-approċċ tal-Kummissjoni "*Riżultati Aħjar permezz ta' Applikazzjoni Aħjar*" ([10]), din il-Komunikazzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għal applikazzjoni, implimentazzjoni u infurzar effettivi tad-dritt eżistenti tal-UE u li tgħin lill-Istati Membri u lill-pubbliku jiżguraw li d-dritt tal-UE jiġi applikat b'mod effettiv.

L-objettivi speċifiċi tagħha huma:

— li toffri ċertezza u ċarezza legali akbar lill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-obbligi u l-flessibbiltajiet li hemm fid-Direttiva sabiex jitnaqqsu l-piżijiet u l-każijiet ta' ksur;

— li tgħin sabiex jiġu applikati aħjar id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva fil-kuntest ta' arranġamenti tax-xogħol ġodda u flessibbli;

— li tiżgura l-infurzar effettiv tal-istandards minimi eżistenti tal-UE li jinsabu fid-Direttiva u għalhekk tgħin biex jiġu protetti aħjar is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kontra r-riskji assoċjati ma' sigħat tax-xogħol eċċessivi jew mhux xierqa u perjodi ta' serħan inadegwati, għall-benefiċċju tal-partijiet kollha;

— li tiżgura r-rilevanza kontinwa tal-ħarsa ġenerali komprensiva tal-ġurisprudenza tal-Qorti dwar id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol prevista fil-Komunikazzjoni Interpretattiva tal-2017 billi taġġornaha bil-ġurisprudenza riċenti.

Il-Komunikazzjoni għandha l-għan li ġġib ċarezza u ċertezza legali għall-Istati Membri u partijiet ikkonċernati involuti oħrajn meta japplikaw id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u li tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali, lill-prattikanti legali u lis-sħab soċjali fl-interpretazzjoni tagħha. Għal dan il-għan, hija tiġbor flimkien f'dokument wieħed id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva u l-ġurisprudenza tal-Qorti li interpretathom. Din issemmi l-ġurisprudenza rilevanti dwar id-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva u tiċċara d-diversi possibbiltajiet għall-applikazzjoni li jirriżultaw mit-test tad-Direttiva nnifisha. F'termini tal-format tagħha, il-Komunikazzjoni kemm jista' jkun issegwi l-ordni tal-kapitoli u l-artikoli tad-Direttiva. Madankollu, hija ma tittrattax l-Artikolu 17(5) dwar it-tobba waqt it-taħriġ u l-Artikoli 24, 25, 26 u 27 dwar ir-rapporti, ir-rieżami tad-dispożizzjonijiet fir-rigward ta' ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru u ħaddiema kkonċernati bit-trasport tal-passiġġieri u dwar it-tħassir. L-ewwel wieħed ġie eskluż minħabba li d-derogi skadew u tal-aħħar ma humiex ittrattati minħabba n-natura proċedurali tagħhom.

Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni tippreżenta l-perspettiva tal-Kummissjoni dwar diversi aspetti. B'dan, il-Kummissjoni tibbaża kemm jista' jkun fuq il-ġurisprudenza eżistenti u tqis il-prinċipji ta' gwida għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE: il-formulazzjoni ([11]), il-kuntest u l-objettivi tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ([12]). F'każijiet fejn dawn l-elementi ma jirreferux għal eżitu speċifiku, il-Kummissjoni tuża l-prinċipju *in dubio pro libertate* sabiex tagħti gwida dwar id-diskrepanzi possibbli fid-Direttiva u l-ġurisprudenza tagħha, waqt li żżomm f'moħħha l-iskop tad-Direttiva sabiex ttejjeb is-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

([10]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar", C/2016/8600.

([11]) Fir-rigward tal-formulazzjoni tad-Direttiva, jista' jiġi rrimarkat mill-bidu nett li, kif irrikonoxxiet l-Avukat Ġenerali Kokott fl-osservazzjonijiet tagħha fil-Kawża C-484/04, *iIl-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet differenti tad-Direttiva hija inkonsistenti għall-aħħar, skont il-verżjoni lingwistika u anki fi ħdan verżjonijiet lingwistiċi individwali* Dan ifisser li analiżi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tkun trid tqis mhux biss il-formulazzjoni f'lingwa waħda iżda wkoll dik ta' diversi verżjonijiet sabiex tidentifika t-tifsira maħsuba tad-dispożizzjoni eżaminata. Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott tad-9 ta' Marzu 2006, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*, C-484/04, ECLI:EU:C:2006:166, il-punti 62 sa 64.

([12]) Ara l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott tad-9 ta' Marzu 2006, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*, C-484/04, ECLI:EU:C:2006:166, il-punt 22.

Il-Kummissjoni temmen li l-gwida tagħha tista' tkun ta' rilevanza partikolari għall-Istati Membri billi, fir-rwol tagħha bħala gwardjana tat-Trattati għandha s-setgħa li timmonitorja l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE u eventwalment li tibda jew tagħlaq proċeduri ta' ksur abbażi tad-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva, inklużi dawk fejn għadha ma ngħatat l-ebda deċiżjoni tal-Qorti. L-għoti ta' informazzjoni b'mod trasparenti lill-Istati Membri kollha dwar il-perspettiva tal-Kummissjoni dwar ċerti aspetti mhux ċari tad-Direttiva jista' jippermettilhom li jeħduhom inkonsiderazzjoni meta jkunu qegħdin ifasslu l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Komunikazzjoni ma hijiex vinkolanti u ma għandhiex il-ħsieb li toħloq regoli ġodda. Il-kompetenza finali għall-interpretazzjoni tad-dritt tal-UE hija tal-Qorti li fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati tiżgura li l-liġi tiġi osservata. Din hija r-raġuni għaliex l-aspetti addizzjonali li għalihom il-ġurisprudenza hija limitata jew ma teżistix u allura l-Kummissjoni tippreżenta l-pożizzjoni tagħha, huma identifikati b'mod ċar permezz ta' paragrafi inkwadrati minn bordura doppja vertikali.

Il-Kummissjoni qiegħda tippreżenta żewġ dokumenti: din il-Komunikazzjoni Interpretattiva u r-Rapport ta' Implimentazzjoni ([13]) previst fl-Artikolu 24 tad-Direttiva. Dan tal-aħħar janalizza s-sitwazzjoni attwali fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva. Flimkien, dawn id-dokumenti jikkondividu l-għan li jippermettu lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni aħjar tad-Direttiva sabiex ikun assigurat li dawn iwasslu riżultati aħjar għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi.

## C. *Ħarsa ġenerali lejn id-dispożizzjonijiet ewlenin*

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni materjali tagħha, id-Direttiva tapplika għas-setturi kollha ta' attività, inklużi dawk li jittrattaw avvenimenti li, mid-definizzjoni, huma imprevedibbli, bħas-servizzi tat-tifi tan-nar jew is-servizzi tal-protezzjoni ċivili. Fil-fatt, il-Qorti sostniet li l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kienet strettament limitata għal avvenimenti eċċezzjonali bħal "*diżastri naturali jew teknoloġiċi, attakki, inċidenti serji jew avvenimenti simili*" ([14]).

Fir-rigward tad-definizzjoni tal-ħin tax-xogħol, il-Qorti tat gwida speċifika fil-ġurisprudenza tagħha dwar il-kwalifika ta' perjodi li matulhom il-ħaddiema jeħtiġilhom jibqgħu disponibbli sabiex jerġgħu jibdew ix-xogħol tagħhom f'każ ta' bżonn, bħal "on-call" u "stand-by" ([15]). Il-Qorti ddeċidiet li l-ħin li wieħed iqatta' "on-call" għandu jitqies fl-intier tiegħu bħala "ħin tax-xogħol" skont it-tifsira tad-Direttiva jekk il-ħaddiem ikun meħtieġ li jkun preżenti fuq il-post tax-xogħol separat mir-residenza tiegħu jew tagħha ([16]). Il-perjodu kollu ta' "stand-by", fejn ħaddiem jeħtieġlu jkun jista' jintlaħaq f'kull ħin iżda ma huwiex meħtieġ li jibqa' f'post iddeterminat mill-impjegatur, jikkwalifika bħala "ħin tax-xogħol", meta r-restrizzjonijiet imposti mill-impjegatur matul l-"istand-by" ikollhom impatt oġġettiv u sinifikanti ħafna fuq il-possibbiltà tal-ħaddiem li jiġġestixxi liberament il-ħin li matulu s-servizzi tal-ħaddiem ma jkunux meħtieġa u b'hekk fuq il-possibbiltà li jsegwi l-interessi personali u soċjali tiegħu matul dak il-ħin ([17]). B'kuntrast ma' dan, meta dawn ir-restrizzjonijiet ma jkollhomx tali effett fuq il-kapaċità ta' ħaddiem li jsegwi l-interessi tiegħu stess, il-ħin marbut mal-forniment effettiv tas-servizzi biss irid jitqies bħala "ħin tax-xogħol" ([18]).

([13]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u d-dokument ta' akkumpanjament, COM(2017) 254 final u SWD(2017) 40 final.

([14]) Id-Digriet tal-14 ta' Lulju 2005, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg vs Leiter der Feuerwehr Hamburg*, C-52/04, ECLI:EU:C:2005:467, il-punt 54; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 59.

([15]) Is-Sentenza tat-3 ta' Ottubru 2000, *Sindicato de Médicos de Asistencia Pública (SIMAP) vs Conselleria de Sanidad y Consumo de la Generalidad Valenciana*, C-303/98, ECLI:EU:C:2000:528, il-punti 46 sa 52; Is-Sentenza tad-9 ta' Settembru 2003, *Landeshauptstadt Kiel vs Norbert Jaeger*, C-151/02, ECLI:EU:C:2003:437, il-punti 44 sa 71; Id-Digriet tal-4 ta' Marzu 2011, *Grigore*, C-258/10, ECLI:EU:C:2011:122, il-punti 42 sa 58; Is-Sentenza tal-21 ta' Frar 2018, *Matzak*, C-518/15, ECLI:EU:C:2018:82, il-punti 53 sa 66; Is-Sentenza tad-9 ta' Marzu 2021, *D.J. vs Radiotelevizija Slovenija*, C-344/19, ECLI:EU:C:2021:182, il-punti 32 sa 56; Is-Sentenza tad-9 ta' Marzu 2021, *RJ vs Stadt Offenbach am Main*, C-580/19, ECLI:EU:C:2012:183, il-punti 33 sa 55; Is-Sentenza tal-11 ta' Novembru 2021, *MG vs Dublin City Council*, C-214/20, ECLI:EU:C:2021:909, il-punti 38 sa 47; Is-Sentenza tad-9 ta' Settembru 2021, *XR vs Dopravní podnik hl. m. Prahy, a.s.*, C-107/19, ECLI:EU:C:2021:722, il-punti 30 sa 43, f'kuntest partikolari ta' dmir ta' stand-by impost fuq ħaddiem matul il-pawżi.

([16]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 63; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04; *Dellas et*, il-punt 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 31.

([17]) Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punti 63 sa 66; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punti 36 sa 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punti 37 sa 38; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punti 33 sa 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punt 38.

([18]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 39; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.

B'mod importanti, id-Direttiva tistabbilixxi ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa ta' 48 siegħa. Minbarra li tenfasizza li l-"ħin tax-xogħol" kollu jrid jingħadd sabiex jiġi ddeterminat dan il-limitu, il-Komunikazzjoni tfakkar li dan il-limitu huwa medja li tista' tiġi kkalkolata fuq perjodu ta' referenza sa 4 xhur anke f'sitwazzjonijiet fejn ma japplikawx id-derogi.

Dwar il-liv annwali bil-ħlas, il-Komunikazzjoni tiddeskrivi l-ġurisprudenza estensiva tal-Qorti li tkopri diversi aspetti li jvarjaw mill-obbligu li l-ħaddiema jingħataw id-dritt li jittrasferixxu l-liv annwali mħallas mhux meħud meta ma jkollhomx l-opportunità li jeżerċitaw dak id-dritt, pereżempju minħabba l-liv minħabba l-mard ([19]), għall-kjarifika li l-prinċipju ta' liv annwali mħallas stabbilit fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu effett dirett orizzontali u vertikali, jiġifieri jista' jiġi invokat direttament fi proċedimenti bejn individwi privati ([20]) u bejn individwi privati u l-emanazzjonijiet tal-istat ([21]). Madankollu, perjodi addizzjonali ta' liv annwali bil-ħlas mogħti mill-Istati Membri li jaqbżu l-4 ġimgħat meħtieġa mid-Direttiva jistgħu jkunu soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali ([22]).

Fid-Direttiva huma disponibbli wkoll numru sinifikanti ta' derogi u jippermettu li jiġu akkomodati r-rekwiżiti speċifiċi ta' ċerti attivitajiet jew setturi filwaqt li jipproteġu lill-ħaddiema kontra l-effetti avversi kkawżati minn sigħat twal iżżejjed u serħan inadegwat. Minħabba n-numru tagħhom u l-kundizzjonijiet differenti li huma soġġetti għalihom, huma jikkostitwixxu skema pjuttost kumplessa u l-Kummissjoni għalhekk tipprova tikkjarifika l-kundizzjonijiet għall-użu ta' dawn id-derogi kif ukoll id-dispożizzjonijiet u sa fejn huma permessi dawn id-derogi.

Pereżempju, id-deroga permessa għall-ħaddiema awtonomi la tapplika awtomatikament u lanqas hija limitata għat-tliet kategoriji ta' ħaddiema elenkati fl-artikolu relatat (eżekuttivi amministraturi jew persuni oħrajn b'poteri awtonomi ta' teħid ta' deċiżjonijiet; ħaddiema parti mill-familja u ħaddiema li jufficcjaw f'ċerimonji reliġjużi fi knejjes u f'komunitajiet reliġjużi) iżda titlob li l-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat fit-totalità tiegħu ([23]) jew li jkun jista' jiġi ddeterminat mill-ħaddiema nfushom.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-esklużjoni fakultattiva individwali mil-limitazzjoni tal-ħin tax-xogħol għal 48 siegħa fil-ġimgħa, il-Kummissjoni tfakkar li l-kunsens irid ikun individwali u ma jistax jiġi ssostitwit b'kunsens mogħti mir-rappreżentanti ta' trade union pereżempju fil-kuntest ta' ftehim kollettiv ([24]) u li l-ħaddiema jeħtiġilhom jiġu protetti kontra kwalunkwe detriment, u mhux biss kontra tkeċċija meta ma jaqblux jew ma jibqgħux jaqblu ma' esklużjoni fakultattiva.

## II. IL-BAŻI LEGALI U L-ISKOP TAD-DIRETTIVA

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tal-1993 kienet ibbażata fuq l-Artikolu 118a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Dan ippermetta li jiġu adottati rekwiżiti minimi għall-implimentazzjoni gradwali sabiex "jinkoraġġixxu t-titjib, speċjalment fl-ambjent tax-xogħol, fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema".

Bi tweġiba għal kontestazzjoni għall-użu ta' din il-bażi legali, il-Qorti kkonfermat li din kienet tinkludi l-fatturi kollha, fiżiċi jew mod ieħor, li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fl-ambjent tax-xogħol tagħhom, inklużi ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Id-Direttiva għalhekk kienet adottata b'mod korrett abbażi tiegħu ([25]).

([19]) Is-Sentenza tal-10 ta' Settembru 2009, *Francisco Vicente Pereda vs Madrid Movilidad SA*, C-277/08, ECLI:EU:C:2009:542, il-punt 19.

([20]) Is-Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften e.V. vs Tetsuji Shimizu*, C-684/16, ECLI:EU:C:2018:874, il-punti 73 sa 76.

([21]) Is-Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, *Stadt Wuppertal vs Maria Elisabeth Bauer u Volker Willmeroth vs Martina Broßonn*, il-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, ECLI:EU:C:2018:871; il-punti 80, 85 u 92.

([22]) Is-Sentenza tal-24 ta' Jannar 2012, *Maribel Dominguez vs Centre informatique du Centre Ouest Atlantique u Préfet de la région Centre*, C-282/10, ECLI:EU:C:2012:33, il-punti 47 sa 49; Is-Sentenza tat-3 ta' Mejju 2012, *Georg Neidel vs Stadt Frankfurt am Main*, C-337/10, ECLI:EU:C:2012:263, il-punti 34 sa 37; Is-Sentenza tad-19 ta' Novembru 2019, *Terveys- ja sosiaalialan neuvottelujärjestö (TSN) ry vs Hyvinvointialan liitto ry u Auto- ja Kuljetusalan Työntekijäliitto AKT ry vs Satamaoperaattorit ry*, il-Kawżi Magħquda C-609/17 u C-610/17, ECLI: EU:C:2019:981, il-punt 54.

([23]) Is-Sentenza tas-7 ta' Settembru 2006, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*, C-484/04, ECLI:EU:C:2006:526, il-punt 20; Is-Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, *Union syndicale Solidaires Isère* vs *Premier ministre et*, C-428/09, ECLI:EU:C:2010:612, il-punt 41.

([24]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 74; Is-Sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, *Bernhard Pfeiffer, Wilhelm Roith, Albert Süß, Michael Winter, Klaus Nestvogel, Roswitha Zeller u Matthias Döbele vs Deutsches Rotes Kreuz, Kreisverband Waldshut eV*, C-397/01 sa C-403/01, ECLI:EU:C:2004:584, il-punt 80.

([25]) Is-Sentenza tat-12 ta' Novembru 1996, *Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea*, C-84/94, ECLI:EU:C:1996:431, il-punti 15 sa 49; Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 93.

B'riżultat ta' dan, id-Direttiva attwali, li ħassret u ħadet post dik tal-1993, kienet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill abbażi tal-Artikolu 137(2) suċċessur tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ([26]). Dan jippermetti l-adozzjoni ta' direttivi li jistabbilixxu rekwiżiti minimi bil-għan li jittejjeb b'mod partikolari l-ambjent tax-xogħol sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema.

Ħlief għaż-żieda fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u t-tneħħija tad-dispożizzjoni preċedenti li s-serħan ta' kull ġimgħa għandu "*inprinċipju, jinkludi l-Ħadd*", id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol li tapplika bħalissa huma mfassla f'termini li huma essenzjalment identiċi għal dawk tad-Direttiva preċedenti tal-1993 u tad-Direttiva 2000/34/KE ([27]), li emendata ([28]).. Għal din ir-raġuni, l-iżviluppi ppreżentati fil-Komunikazzjoni jqisu, fejn ikun xieraq, it-tweġibiet mogħtija mill-Qorti għall-kwistjonijiet imsemmija fid-Direttivi preċedenti. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, id-dispożizzjonijiet ippreżentati f'din il-Komunikazzjoni għalhekk huma meħuda mit-test attwalment applikabbli tad-Direttiva 2003/88/KE. Fejn meħtieġ, issir referenza għat-testi preċedenti ([29]).

F'konformità mal-bażi legali tagħha, l-iskop tad-Direttiva kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) u f'diversi premessi ([30]) tagħha huwa li tistabbilixxi "*rekwiżiti minimi għas-sigurtà u s-saħħa fl-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol*".

Il-bażi legali u l-iskop tad-Direttiva huma prinċipji gwida fl-interpretazzjoni tagħha min-naħa tal-Qorti u għalhekk iridu jiġu kkunsidrati. Barra minn hekk, f'konformità mal-premessa 4 tad-Direttiva, li tgħid li "*t-titjib tas-sigurtà, l-iġene u fis-saħħa tal-ħaddiema fil-post tax-xogħol huwa objettiv li m'għandux ikun subordinat sempliċement għal raġunijiet ekonomiċi*", il-Qorti rrifjutat li tikkunsidra l-konsegwenzi ekonomiċi u organizzattivi mqajma mill-Istati Membri dwar jekk il-ħin li wieħed iqatta' "on-call" jikkwalifikax bħala ħin tax-xogħol ([31]).

## III. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA

### A. *Il-kamp ta' applikazzjoni personali*

#### 1. Applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva għall-"ħaddiema"

> Filwaqt li d-Direttiva ma tinkludix artikolu speċifiku li jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni personali tagħha, id-dispożizzjonijiet operattivi tagħha jirreferu għal "ħaddiem" (ħafna drabi għal "kwalunkwe ħaddiem" jew "kull ħaddiem").

Dan il-kunċett ta' "ħaddiem" ma huwiex definit fid-Direttiva nnifisha. Id-dokument ta' akkumpanjament għall-proposta għad-Direttiva ([32]) tal-1993 issuġġerixxa li tkun tapplika d-definizzjoni fid-Direttiva ([33]) 89/391/KEE, jiġifieri "*kwalunkwe persuna impjegata minn min iħaddem, inklużi dawk li jkunu għaddejjin minn taħriġ u apprentisti iżda li jeskludi sefturi fid-djar*". Madankollu, il-Qorti dan irrifjutatu għar-raġuni li d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol innifisha ma kienet tagħmel l-ebda referenza għal din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 89/391/KEE. Hija eskludiet ukoll l-applikazzjoni ta' definizzjoni derivata mil-leġiżlazzjoni u/jew il-prattiċi nazzjonali ([34]).

([26]) Issa l-Artikolu 153(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([27]) Id-Direttiva 2000/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2000 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol biex jitkoprew is-setturi u attivitajiet esklużi minn dik id-Direttiva, (ĠU L 195, 1.8.2000, p. 41).

([28]) Is-Sentenza tal-10 ta' Settembru 2015, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras (CC.OO.) vs Tyco Integrated Security SL u Tyco Integrated Fire & Security Corporation Servicios SA*, C-266/14, ECLI:EU:C:2015:578, il-punt 22; Is-Sentenza tal-25 ta' Novembru 2010, *Günter Fuß* vs *Stadt Halle*, C-429/09, ECLI:EU:C:2010:717, il-punt 32; Id-Digriet tal-4 ta' Marzu 2011, *Nicuşor Grigore vs Regia Naţională a Pădurilor Romsilva — Direcţia Silvică Bucureşti*, C-258/10, ECLI:EU:C:2011:122, il-punt 39.

([29]) L-iskop ta' din il-Komunikazzjoni Interpretattiva madankollu jibqa' li tippreżenta s-sitwazzjoni attwali tat-test applikabbli, u d-dispożizzjonijiet modifikati għalhekk mhux se jiġu eżaminati sakemm ma jkunux rilevanti għall-iżviluppi. Dan huwa partikolarment il-każ għad-dispożizzjoni li tistabbilixxi li l-perjodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa normalment għandu jkun il-Ħadd u għall-esklużjoni tas-setturi tat-trasport mid-Direttiva li ma għadhomx jeżistu bħala tali.

([30]) Ara b'mod partikolari l-premessi 2 u 4.

([31]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punti 66 sa 67.

([32]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295, p. 3.

([33]) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

([34]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 27.

Għall-kuntrarju, il-Qorti sostniet li dan il-kunċett ma setax jiġi interpretat b'mod differenti skont il-liġi tal-Istati Membri iżda kellu tifsira awtonoma speċifika għad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Hija qieset li l-kunċett ta' ħaddiem ma setax jiġi interpretat b'mod restrittiv ([35]) u kkonkludiet li dan "għandu jiġi ddefinit skont kriterji oġġettivi li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni ta' impjieg b'kunsiderazzjoni għad-drittijiet u għad-dmirijiet tal-persuni kkonċernati. Issa, il-karatteristika essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg hija, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li għal ċertu perijodu, persuna twettaq favur persuna oħra u taħt l-istruzzjonijiet tagħha, servizzi inkambju għal remunerazzjoni" ([36]). Il-Qorti b'hekk rabtet l-interpretazzjoni ta' "ħaddiem" għall-iskopijiet tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ma' dik stabbilita mill-ġurisprudenza fil-kuntest tal-moviment liberu tal-ħaddiema kif stabbilit fl-Artikolu 45 tat-Trattat.

Il-Qorti ssostni li "fil-kuntest tal-klassifikazzjoni fir-rigward tal-kunċett ta' ħaddiem, li huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali, din tal-aħħar għandha tibbaża ruħha fuq kriterji oġġettivi u tevalwa b'mod globali ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża li tinsab quddiemha, relatati kemm mal-attivitajiet ikkonċernati kif ukoll mar-relazzjoni bejn il-partijiet inkwistjoni" ([37]).

Madankollu, hija ħarġet gwida dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-kriterji u stabbiliet li l-kategorija "ħaddiem" skont id-dritt tal-UE hija indipendenti minn dik nazzjonali ([38]). Pereżempju hija sostniet li l-impjegati f'korp irregolat bil-liġi pubblika jikkwalifikaw bħala "ħaddiema" irrispettivament mill-istatus tagħhom bħala impjegati taċ-ċivil ([39]). Hija rraġunat ukoll li ħaddiema okkażjonali u staġunali impjegati b'kuntratti ta' terminu fiss li ma humiex soġġetti għal ċerti dispożizzjonijiet tal-kodiċi nazzjonali tax-xogħol jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "ħaddiema" ([40]). Il-Qorti ddeċidiet ukoll li l-kunċett ta' ħaddiem jista' jkopri persuna ammessa f'ċentru ta' riabilitazzjoni tax-xogħol, irrispettivament mil-livell ta' produttività tal-persuna, l-oriġini tal-fondi marbuta mar-remunerazzjoni jew l-ammont limitat ta' remunerazzjoni ([41]).

Ma huwiex l-istatus tal-persuna skont il-liġi nazzjonali li jiddeċiedi tiġix applikata d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol. Pereżempju, f'*Matzak*, il-Qorti kkwalifikat voluntier tat-tifi tan-nar skont il-liġi Belġjana bħala "ħaddiem" skont it-tifsira tad-Direttiva ([42]). Minflok, l-applikabbiltà tad-Direttiva tiddependi fuq jekk il-persuna kkonċernata tikkwalifikax bħala "ħaddiem" skont id-definizzjoni ġurisprudenzjali tal-UE ta' ħaddiem. Dan jistrieħ fuq aspetti tal-arranġamenti konkreti tax-xogħol tiegħu/tagħha, b'mod partikolari fuq jekk il-persuna twettaqx attivitajiet effettivi u ġenwini taħt id-direzzjoni u s-superviżjoni ta' persuna oħra u għal remunerazzjoni.

Dan min-naħa tiegħu jfisser li ċerti persuni kwalifikati bħala "persuni li jaħdmu għal rashom" skont il-liġi nazzjonali jistgħu xorta waħda jiġu kklassifikati bħala "ħaddiema" mill-Qorti għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ([43]). Il-Qorti fil-fatt sostniet li "l-kwalifika bħala 'fornitur li jaħdem għal rasu', fir-rigward tad-dritt nazzjonali, ma jeskludix li persuna għandha tiġi kkwalifikata bħala 'ħaddiem', fis-sens tad-dritt tal-Unjoni, jekk il-fatt li dan jaħdem għal rasu huwa biss fittizju, u b'hekk fir-realtà jaħbi relazzjoni ta' xogħol" ([44]). Il-Qorti semmiet l-elementi li ġejjin bħala indikaturi possibbli tal-kwalifika ta' "ħaddiem": jekk il-persuna taġixxi taħt id-direzzjoni tal-impjegatur tagħha b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà tagħha li tagħżel il-ħin, il-post u l-kontenut tax-xogħol tagħha ([45]), jekk il-persuna ma tikkondividix ir-riskji kummerċjali ([46]) tal-

([35]) Id-Digriet tas-7 ta' April 2011, *Dieter May vs AOK Rheinland/Hamburg — Die Gesundheitskasse*, C-519/09, ECLI:EU:C:2011:221, il-punt 21.

([36]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 28; Is-Sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, *Sindicatul Familia Constanța and Others vs Direcția Generală de Asistență Socială și Protecția Copilului Constanța*, C-147/17, ECLI:EU:C:2018:926, il-punt 41; Is-Sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, *UX vs Governo della Repubblica italiana*, C-658/18, ECLI:EU:C:2020:572, il-punti 90 u 94; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 49.

([37]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-658/18, *Governo della Repubblica italiana*, il-punt 91.

([38]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 30.

([39]) Id-Digriet fil-Kawża C-519/09, *May*, il-punti 25 sa 26.

([40]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punti 30 sa 32.

([41]) Is-Sentenza tas-26 ta' Marzu 2015, *Gérard Fenoll vs Centre d'aide par le travail "La Jouvene" u Association de parents et d'amis de personnes handicapées mentales (APEI) d'Avignon*, C-316/13, ECLI:EU:C:2015:200, il-punti 29 sa 41.

([42]) Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punt 45.

([43]) Ara b'analoġija s-Sentenza tal-4 ta' Diċembru 2014, *FNV Kunsten Informatie en Media vs Staat der Nederlanden*, C-413/13, ECLI:EU:C:2014:2411, il-punti 35 sa 37.

([44]) Is-Sentenza fil-Kawża C-413/13, *FNV Kunsten Informatie en Media*, il-punt 35.

([45]) Is-Sentenza tat-13 ta' Jannar 2004, *Debra Allonby vs Accrington & Rossendale College, Education Lecturing Services, trading as Protocol Professional u Secretary of State for Education and Employment*, C-256/01, ECLI:EU:C:2004:18, il-punt 72.

([46]) Is-Sentenza tal-14 ta' Diċembru 1989, *The Queen vs Ministry of Agriculture, Fisheries and Food, ex parte Agegate Ltd*, C-3/87, ECLI:EU:C:1989:650, il-punt 36.

impjegatur u jekk hija tifforma parti integrali mill-impriża tal-impjegatur għad-durata ta' dik ir-relazzjoni ([47]). Min-naħa l-oħra, l-għażla tat-tip ta' xogħol u tal-kompiti li għandhom jiġu eżegwiti u l-mod li bih jitwettqu, kif ukoll il-ħin u l-post tax-xogħol, u b'aktar libertà fir-reklutaġġ tal-persunal proprju, huma karatteristiċi tipikament assoċjati mal-funzjonijiet ta' fornitur indipendenti tas-servizzi ([48]).

Il-Qorti ddeċidiet li sabiex tiddetermina jekk persuna "li taħdem għal rasha" għandhiex tiġi kkategorizzata bħala "ħaddiem", wieħed għandu jeżamina jekk l-"indipendenza ta' dik il-persuna tidhirx li hija fittizja u, it-tieni, jekk huwiex possibbli li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' relazzjoni ta' subordinazzjoni bejn dik il-persuna u l-impjegatur putattiv tagħha" ([49]).

L-istess valutazzjoni, abbażi tal-kriterji ppreżentati hawn fuq, tista' twassal sabiex individwi taħt kwalunkwe forma ta' relazzjonijiet kuntrattwali jiġu kkategorizzati bħala "ħaddiema" u għalhekk ikunu koperti mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

## 2. Applikazzjoni tad-Direttiva fil-każ ta' kuntratti konkorrenti

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-"ħaddiema". Madankollu, hija ma tindikax espliċitament jekk id-dispożizzjonijiet tagħha jistabbilixxux limiti f'każ ta' kuntratti konkorrenti ma' impjegatur wieħed jew aktar jew jekk dawn japplikawx għal kull relazzjoni ta' impjieg separatament.

Il-Qorti ċċarat li meta l-ħaddiema jkunu kkonkludew diversi kuntratti ta' impjieg mal-istess impjegatur, il-perjodu minimu ta' mistrieħ ta' kuljum japplika għal dawk il-kuntratti meħuda flimkien, u mhux għal kull wieħed minnhom separatament ([50]).

Madankollu, il-Qorti għadha ma kellhiex tiddeċiedi dwar il-każ ta' ħaddiema li kkonkludew diversi kuntratti ta' impjieg ma' impjegaturi differenti.

Kif indikat f'rapporti preċedenti ([51]), il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tal-objettiv tad-Direttiva li ttejjeb is-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, il-limiti fuq il-ħin tax-xogħol medju ta' kull ġimgħa u s-serħan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa għandhom kemm jista' jkun japplikaw għal kull ħaddiem. Minħabba l-ħtieġa li jiġi assigurat li l-objettiv tas-saħħa u s-sikurezza tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jingħata effett sħiħ, il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri għandha tipprevedi mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ u l-infurzar.

Jista' jiġi nnotat ukoll li, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ppreżentat hawn fuq, id-Direttiva ma tapplikax għal relazzjonijiet li fihom il-persuna ma tikkwalifikax bħala "ħaddiem" skont id-dritt tal-UE. Dan pereżempju jfisser li l-ħin tax-xogħol ta' "voluntiera" jew "persuni li jaħdmu għal rashom" li ma jikkwalifikawx bħala "ħaddiema" ma huwiex kopert mid-Direttiva.

## B. *Il-kamp ta' applikazzjoni materjali — is-setturi kkonċernati*

## 1. Prinċipju: id-Direttiva tapplika għas-setturi kollha

> L-Artikolu 1 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jistipula li:
>
> "[…] 3. Din id-Direttiva għandha tapplika għas-setturi kollha tal-attività, kemm pubblika u wkoll privata, fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14, 17, 18 u 19 ta' din id-Direttiva. […]"
>
> L-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fuq ix-xogħol li għalih issir referenza jistipula li:
>
> "1. Din id-Direttiva għandha tgħodd għas-setturi ta' attività kollha, kemm pubbliċi u kemm privati (industrijali, agrikoli, kummerċjali, amministrattivi, ta' servizz, edukattivi, kulturali, ta' serħan eċċ.).

---

([47]) Is-Sentenza tas-16 ta' Settembru 1999, *Proċedura kriminali kontra Jean Claude Becu, Annie Verweire, Smeg NV u Adia Interim NV*, C-22/98, ECLI:EU:C:1999:419, il-punt 26.
([48]) Id-Digriet tat-22 ta' April 2020, *B vs Yodel Delivery Network Ltd*, C-692/19, ECLI:EU:C:2020:288, il-punt 32.
([49]) Id-Digriet fil-Kawża C-692/19, *Yodel*, il-punt 45,
([50]) Is-Sentenza fil-Kawża C-585/19, *Academia de Studii Economice din Bucureşti*.
([51]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Istat ta' Implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, COM(2000) 787 final; Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2003/88/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u d-dokument ta' akkumpanjament, COM(2010) 802 final u SEC(2010) 1611 final; Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-Implimentazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2003/38/KE li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u d-dokument ta' akkumpanjament, COM(2017) 254 final u SWD(2017) 204 final.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tgħodd fejn karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet ta' servizzi pubbliċi speċifiċi, bħall-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha.

F'dak il-każ, is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema għandhom ikunu żgurati sa fejn ikun possibbli fid-dawl tal-għanijiet ta' din id-Direttiva."

F'konformità mal-ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti, li tqis l-objettiv tad-Direttiva, jiġifieri li tinkoraġġixxi titjib fis-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol, u l-formulazzjoni tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/391/KEE, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' ([52]).

Minħabba f'hekk, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni stabbilit fl-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391/KEE trid tiġi interpretata b'mod restrittiv ([53]) u "b'tali mod li l-ambitu tagħha jkun limitat għal dak li jkun strettament neċessarju sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi li hija tippermetti lill-Istati Membri li jipproteġu" ([54]).

Fil-punti dwar il-fatti, il-Qorti ddeċidiet li din l-esklużjoni ma tapplikax għas-setturi ta' attività kkunsidrati fl-intier tagħhom. L-uniku għan tagħha huwa li tassigura 'l-operat xieraq tas-servizzi essenzjali għall-protezzjoni tas-saħħa pubblika, is-sigurtà u l-ordni f'każijiet, bħal katastrofi, li l-gravità u l-iskala tagħhom ikunu eċċezzjonali u li karatteristika tagħhom ikun il-fatt li jistgħu jesponu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għal riskju konsiderevoli u li, min-natura tagħhom, ma jipprestawx ruħhom għall-ippjanar fir-rigward tal-ħin tax-xogħol ta' timijiet ta' ħaddiema tal-emerġenza' ([55]).

Il-Qorti stabbiliet li għalkemm ċerti servizzi jridu jittrattaw avvenimenti li, min-natura tagħhom stess, huma imprevedibbli, l-attivitajiet li jinvolvu f'kundizzjonijiet normali u li jikkorrispondu wkoll għad-dmirijiet speċifikament assenjati f'servizz ta' dak it-tip xorta waħda jistgħu jiġu organizzati bil-quddiem, inklużi s-sigħat tax-xogħol tal-persunal u l-prevenzjoni tar-riskji għas-sikurezza u/jew għas-saħħa ([56]).

B'riżultat ta' dan, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ma tiddependix fuq jekk il-ħaddiema jkunux jappartjenu għal wieħed mis-setturi msemmija fid-Direttiva 89/391/KEE. Pjuttost tiddependi fuq in-natura speċifika ta' ċerti kompiti individwali mwettqa mill-impjegati f'dawk is-setturi. Fid-dawl tal-ħtieġa li tiġi assigurata protezzjoni effettiva tal-komunità, tali kompiti jiġġustifikaw eċċezzjoni għar-regoli stabbiliti f'dik id-Direttiva.

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol għalhekk tapplika għall-attivitajiet tal-forzi armati, il-pulizija, jew is-servizzi tal-protezzjoni ċivili. Tapplika wkoll għal attivitajiet speċifiċi oħrajn tas-servizz pubbliku sakemm dawn jitwettqu f'ċirkustanzi normali.

Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti ddeċidiet li d-Direttiva tapplika għall-attivitajiet ta' timijiet tal-kura primarja u għal persunal mediku u infermiera li jipprovdu servizzi f'timijiet tal-kura tas-saħħa primarja ([57]). Din tapplika wkoll għal servizzi oħrajn li jirrispondu għal emerġenzi bħall-persunal mediku u infermiera f'timijiet tal-kura primarja u f'servizzi oħrajn li jittrattaw emerġenzi ([58]) fuq barra,

([52]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 22.

([53]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 35; Id-Digriet tat-3 ta' Lulju 2001, *Confederación Intersindical Galega (CIG) vs Servicio Galego de Saude (SERGAS)*, C-241/99, ECLI:EU:C:2001:371, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 52; Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 42; Is-Sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju ta' Spanja*, C-132/04, ECLI:EU:C:2006:18, il-punt 22; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 24; Is-Sentenza tat-30 ta' April 2020, *UO vs Készenléti Rendőrség*, C-211/19, ECLI:EU:C:2020:344, il-punt 32; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punti 55 u 65.

([54]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 54; Is-Sentenza fil-Kawża C-132/04, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, il-punt 23, is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punt 32; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 55.

([55]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 45; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 55.

([56]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 57; Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 46.

([57]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 41.

([58]) Is-Sentenza fil-Kawża C-241/99, *CIG*, il-punt 30.

il-ħaddiema f'servizz mediku ta' emerġenza ([59]), il-forzi ta' intervent ta' ħaddiema tat-tifi tan-nar pubbliċi ([60]), il-pulizija muniċipali ([61]), jew il-persunal mhux ċivili ta' amministrazzjonijiet pubbliċi meta d-dmirijiet tagħhom jitwettqu f'ċirkustanzi normali ([62]). Id-Direttiva tapplika wkoll għall-membri tal-forzi armati ([63]).

## 2. Deroga: l-esklużjoni ta' ċerti attivitajiet ta' servizz pubbliku

Madankollu, teżisti esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, u l-Qorti pprovdiet xi kjarifiki f'dan ir-rigward ([64]). L-interpretazzjoni tagħha tirriżulta mill-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391/KEE, li jiddikjara li 'Din id-Direttiva ma għandhiex tgħodd fejn karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet ta' servizzi pubbliċi speċifiċi, bħall-forzi armati jew il-pulizija, […] b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha'.

Fir-rigward tal-espressjoni ta' 'servizz pubbliku', skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, din ma tinkludix biss 'is-setturi li fihom il-ħaddiema jkunu marbuta b'mod organiku mal-Istat jew ma' awtorità pubblika oħra, iżda wkoll […]setturi li fihom il-ħaddiema jeżerċitaw l-attività tagħhom għal persuna privata li tassumi, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet pubbliċi, missjoni ta' interess ġenerali li tagħmel parti mill-funzjonijiet essenzjali tal-Istat' ([65]).

Madankollu, il-Qorti ddikjarat li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391/KEE ma jippermettix l-esklużjoni ta' setturi sħaħ ta' attività, iżda ta' kompiti speċifiċi biss ([66]).

Il-Qorti speċifikat li sabiex jiġu esklużi mid-Direttiva 89/391/KEE, l-attivitajiet speċifiċi tas-servizz pubbliku jrid ikollhom karatteristiċi li jfissru li n-natura proprja tagħhom hija assolutament inkompatibbli mal-ippjanar tal-ħin tax-xogħol b'mod li jirrispetta r-rekwiżiti imposti mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ([67]). Dan huwa partikolarment il-każ meta l-attivitajiet ikunu jistgħu jitwettqu biss fuq bażi kontinwa u mill-istess ħaddiema biss, mingħajr ma jkun possibbli li tiġi stabbilita sistema ta' rotazzjoni ([68]).

Il-Qorti kkjarifikat li l-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391/KEE se jippermetti esklużjonijiet biss fil-każ ta' 'avvenimenti eċċezzjonali li fihom l-implimentazzjoni xierqa ta' miżuri mfassla sabiex jipproteġu l-popolazzjoni f'sitwazzjonijiet fejn il-komunità inġenerali tkun f'riskju serju titlob li l-persunal li jkun qiegħed jittratta sitwazzjoni ta' dak it-tip jagħti prijorità assoluta lill-objettiv ta' dawk il-miżuri sabiex dan ikun jista' jintlaħaq' ([69]).

Dan ikun il-każ għal 'diżastri naturali jew teknoloġiċi, attakki, inċidenti serji jew avvenimenti simili, li l-gravità u l-iskala tagħhom jitolbu l-adozzjoni ta' miżuri indispensabbli għall-protezzjoni tal-ħajja, is-saħħa u s-sigurtà tal-komunità b'mod ġenerali, miżuri li l-implimentazzjoni xierqa tagħhom tkun ipperikolata kieku kellhom jiġu osservati r-regoli kollha stabbiliti fid-Direttivi 89/391 u 93/104 [id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol]' ([70]).

Madankollu, l-attivitajiet li jitwettqu f'ċirkustanzi normali minn servizzi ta' sikurezza u ta' emerġenza jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/391/KEE ([71]). Il-Qorti sabet li l-attivitajiet tas-servizz tat-tifi tan-nar li jitwettqu mill-forzi operazzjonali fuq il-post ([72]) u l-attivitajiet tal-ħaddiema ta' emerġenza li għandhom it-tendenza li jweġġgħu u li jkunu morda ([73]) jistgħu jiġu organizzati minn qabel, inklużi s-sigħat tax-xogħol tal-persunal tiegħu u l-prevenzjoni tar-riskji

([59]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 63.
([60]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 52; Is-Sentenza fil-Kawża C-429/09, *Fuß*, il-punt 57.
([61]) Is-Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2010, *Antonino Accardo et vs Comune di Torino*, C-227/09, ECLI:EU:C:2010:624, il-punt 39.
([62]) Is-Sentenza fil-Kawża C-132/04, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, il-punti 25 sa 38.
([63]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punti 63 sa 64 u 68.
([64]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et;* Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg;* Is-Sentenza fil-Kawża C-132/04, *Il-Kummissjoni vs Spanja*; Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*; Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*.
([65]) Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punt 56.
([66]) Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punt 55; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 56.
([67]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 55; Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punt 68; Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 60.
([68]) Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punti 70 sa 74; Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 61.
([69]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 53; Is-Sentenza fil-Kawża C-132/04, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, il-punt 26.
([70]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 54; Is-Sentenza fil-Kawża C-132/04, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, il-punt 27.
([71]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 51.
([72]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 52.
([73]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et;* il-punti 56 u 57.

għas-sikurezza u/jew għas-saħħa. Hija ħalliet f'idejn il-qorti nazzjonali sabiex tivvaluta jekk l-attivitajiet ta' forza tal-pulizija li twettaq sorveljanza tal-fruntieri esterni ta' Schengen għandhomx tali karatteristiċi speċifiċi jew jekk l-influss fil-fruntieri waqqafx is-sorveljanza ta' dawk il-fruntieri milli titwettaq taħt ċirkustanzi normali ([74]).

Huwa biss fil-każ ta' ġenituri ta' tfal f'foster care impjegati mill-Istat li jipprovdu għat-trobbija u l-indokrar tat-tfal li jkunu ttieħdu mill-kustodja tal-ġenituri tagħhom li s'issa l-Qorti sostniet b'mod espliċitu li tapplika l-esklużjoni ta' attivitajiet speċifiċi ta' servizz pubbliku mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Hija sabet li l-karatteristiċi partikolari tat-twettiq tal-attività tagħhom kontinwament, inkluż matul il-jiem ta' serħan ta' kull ġimgħa, il-vaganzi pubbliċi, il-jiem mhux tax-xogħol u l-liv annwali, strettament jipprekludu l-applikazzjoni tad-Direttiva għalihom ([75]).

Fi kwalunkwe każ, il-Qorti enfasizzat li, anke meta d-Direttiva ma tiġix applikata f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali, hija titlob li 'l-awtoritajiet kompetenti jassiguraw is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema sa fejn ikun possibbli' ([76]).

### 3. Deroga: il-każ ta' attivitajiet tal-membri tal-forzi armati

Fir-rigward tal-attivitajiet tal-membri tal-forzi armati, il-Qorti ddeċidiet fil-Kawża *Ministrstvo za obrambo* ([77]) li attività ta' sigurtà mwettqa minn membru tal-persunal militari tiġi eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ([78]):

— meta dik l-attività sseħħ matul it-taħriġ inizjali jew operazzjonali, inkluż is-servizz militari obbligatorju, jew operazzjoni militari reali, kemm jekk il-forzi armati jiġu skjerati b'mod permanenti kif ukoll jekk fuq bażi temporanja, fil-fruntieri ta' Stat Membru jew barra minnhom;

— meta l-attività tkun tant partikolari li ma tkunx adattata għal sistema ta' rotazzjoni tal-persunal li tikkonforma mad-Direttiva;

— meta l-applikazzjoni tad-Direttiva, billi tirrikjedi l-istabbiliment ta' sistema ta' rotazzjoni jew sistema għall-ippjanar tal-ħin tax-xogħol, inevitabbilment tkun ta' detriment għat-twettiq xieraq tal-operazzjonijiet militari reali; u

— meta l-attività titwettaq fil-kuntest ta' avvenimenti eċċezzjonali li l-gravità u l-iskala tagħhom jirrikjedu l-adozzjoni ta' miżuri li huma indispensabbli għall-protezzjoni tal-ħajja, is-saħħa u s-sikurezza tal-komunità b'mod ġenerali u li l-implimentazzjoni xierqa tagħha tkun ipperikolata kieku kellhom jiġu osservati r-regoli kollha stabbiliti fid-Direttiva.

Madankollu, il-Qorti enfasizzat li ċerti attivitajiet ta' membri tal-forzi armati, bħal dawk marbuta, b'mod partikolari, ma' servizzi amministrattivi, ta' manutenzjoni, ta' tiswija u tas-saħħa, kif ukoll servizzi relatati mal-ordni pubbliku u mal-prosekuzzjoni, ma jistgħux jiġu esklużi fl-intier tagħhom mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ([79]).

Il-Qorti bbażat ruħha fuq l-Artikolu 1(3) tad-Direttiva, moqri fid-dawl tal-Artikolu 4(2) tat-TUE. Skont din l-aħħar dispożizzjoni, 'l-Unjoni għandha tirrispetta (…) il-funzjonijiet Statali essenzjali tagħhom, inkluż dawk li jassiguraw l-integrità territorjali tal-Istat, iż-żamma tal-ordni pubbliku u l-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali'. Dik id-dispożizzjoni tiddikjara wkoll li s-sigurtà nazzjonali għandha tibqa' r-responsabbiltà unika ta' kull Stat Membru. Il-Qorti rrimarkat li l-kompiti prinċipali tal-forzi armati tal-Istati Membri, li huma l-preservazzjoni tal-integrità territorjali u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, huma inklużi b'mod espliċitu fost il-funzjonijiet essenzjali tal-Istat ([80]). Għalkemm l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tal-persunal militari ma taħrabx kompletament l-applikazzjoni tad-dritt tal-UE, l-Artikolu 4(2) tat-TUE jirrikjedi li l-applikazzjoni għal tali persunal tar-regoli tad-dritt tal-UE relatati mal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ma tfixkilx it-twettiq xieraq ta' dawk il-funzjonijiet essenzjali. Barra minn hekk, id-dritt tal-UE jrid iqis tajjeb il-karatteristiċi speċifiċi li Stat Membru jimponi fuq il-funzjonament tal-forzi armati tiegħu, jiġifieri jirriżultawx, fost l-oħrajn, mir-responsabbiltajiet internazzjonali partikolari ta' dak l-Istat Membru, mill-kunflitti jew mit-theddid li qiegħed jiffaċċja, jew mill-kuntest ġeopolitiku ([81]) tiegħu.

([74]) Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punti 44 u 47.
([75]) Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punt 76.
([76]) Id-Digriet fil-Kawża C-52/04, *Personalrat der Feuerwehr Hamburg*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-132/04, *Il-Kummissjoni vs Spanja*, il-punt 28; Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punt 78; Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punt 51.
([77]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*.
([78]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 88.
([79]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 69.
([80]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punt 37.
([81]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punti 43 u 44.

4. **Baħħara**

L-Artikolu 1(3) tad-Direttiva jipprevedi li:

'[…] Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal baħħara, kif definiti fid-Direttiva 1999/63/KE mingħajr preġudizju għall-Artikolu 2(8) ta' din id-Direttiva. […]'

A contrario, din id-dispożizzjoni tfisser li d-Direttiva ġenerali dwar il-Ħin tax-Xogħol tapplika għal baħħara li ma humiex koperti mid-Direttiva 1999/63/KE ([82]) kif emendata bid-Direttiva 2009/13/KE ([83]).

Id-Direttiva 1999/63/KE tistabbilixxi standards minimi għall-ħin tax-xogħol tal-baħħara. Skont il-Klawżola 1 tal-Anness tad-Direttiva, din tapplika għal 'baħħara abbord kull vapur li jbaħħar, kemm jekk ikun propjetà pubblika u kemm jekk ikun propjetà privata, li jkun irreġistrat fit-territorju ta' kwalunkwe Stat Membru u li jkun involut f'ħidmiet marittimi kummerċjali' u li l-baħħara huma definiti mill-Klawżola 2 bħala 'kwalunkwe persuna li hija impjegata jew ingaġġata jew taħdem f'kwalunkwe kapaċità fuq bastiment li għalih japplika dan il-Ftehim'.

Konsegwentement, ħaddiema abbord bastimenti li ma jkunux normalment involuti f''ħidmiet marittimi kummerċjali' ma jkunux koperti mid-Direttiva 1999/63/KE. Fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 1(3) kif ippreżentata hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li tali ħaddiema jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.

5. **Setturi u ħaddiema oħrajn soġġetti għal leġiżlazzjoni speċifika**

L-Artikolu 14 tad-Direttiva jistabbilixxi wkoll li:

'Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika meta strumenti oħrajn tal-Komunità jkun fihom ħtiġiet aktar speċifiċi li jirrigwardaw l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol għal ċerti impjiegi jew attivitajiet tal-impjieg.'

Abbażi tal-istrumenti preżenti tal-Unjoni, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ma tapplikax meta jkunu jeżistu rekwiżiti aktar speċifiċi. Dan huwa l-każ għal:

— *Ħaddiema żgħażagħ*

Id-Direttiva tal-Kunsill 94/33/KE tat-22 ta' Ġunju 1994 dwar il-protezzjoni taż-żgħażagħ fuq ix-xogħol ([84]).

— *Avjazzjoni ċivili*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/79/KE tas-27 Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasportazzjoni bl-Arju (IACA) ([85]).

([82]) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA) u l-Federazzjoni tal-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST) (ĠU L 167, 2.7.1999, p. 33).

([83]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/13/KE tas-16 ta' Frar 2009 li timplimenta l-Ftehim konkluż mill-Assoċjazzjonijiet tas-Sidien tal-Bastimenti tal-Komunità Ewropea (ECSA) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol Marittimu, 2006, u li temenda d-Direttiva 1999/63/KE (ĠU L 124, 20.5.2009, p. 30).

([84]) ĠU L 216, 20.8.1994, p. 12.

([85]) ĠU L 302, 1.12.2000, p. 57.

— *Trasport fuq l-art*

Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta’ ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq ([86]) u r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta’ ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x’taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 ([87]).

— *Ferroviji transfruntiera*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE tat-18 ta’ Lulju 2005 dwar il-Ftehim bejn il-Komunità ta’ Ferroviji Ewropej (CER) u l-Federazzjoni Ewropea għall-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) dwar ċerti aspetti tal-kondizzjonijiet tax-xogħol ta’ ħaddiema mobbli assenjati għal servizzi transkonfini interoperabbli fis-settur tal-ferroviji ([88]).

— *Navigazzjoni interna*

Id-Direttiva tal-Kunsill 2014/112/UE tad-19 ta’ Diċembru 2014 li timplimenta l-Ftehim Ewropew dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fit-trasport fl-ilmijiet navigabbli interni konkluż mill-Unjoni tan-Navigazzjoni Interna (EBU), l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Kaptani (ESO) u l-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) ([89]).

— *Xogħol fis-sajd*

Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta’ Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta’ Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche) ([90]).

B’mod simili għas-sitwazzjoni tal-baħħara, huwa meħtieġ li wieħed imur lura għall-kamp ta’ applikazzjoni eżatt ta’ dawn id-Direttivi billi, anke fis-setturi kkonċernati, xi ħaddiema jistgħu jiġu esklużi minnu u għalhekk jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ([91]).

## C. **Il-kamp ta’ applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet**

### 1. **X’inhu (jew x’mhux) kopert?**

Kif indikat fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, hija tapplika għal:

‘[…] (a) il-perjodi minimi ta’ serħan ta’ kuljum, serħan ta’ kull ġimgħa u leave annwali, għal waqfien u ħin tax-xogħol massimu ta’ kull ġimgħa;

(b) u ċerti aspetti tax-xogħol billejl, ix-xogħol bix-shift u t-tendenzi tax-xogħol.’

*A contrario*, dan ifisser li l-ħin tax-xogħol ‘statutorju’ tal-ħaddiema, jiġifieri d-durata legali tal-ġimgħa tax-xogħol li ’l fuq minnu l-impjegaturi ħafna drabi jridu jħallsu s-sahra, ma huwiex regolat mid-Direttiva u jitħalla f’idejn l-Istati Membri filwaqt li jiġi rrispettat il-limitu massimu għall-ħin tax-xogħol medju ta’ kull ġimgħa stipulat fl-Artikolu 6 tad-Direttiva (Ara l-Kapitolu VI).

([86]) ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35.
([87]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1.
([88]) ĠU L 195, 27.7.2005, p. 15.
([89]) ĠU L 367, 23.12.2014, p. 86.
([90]) ĠU L 25, 31.1.2017, p. 12.
([91]) Pereżempju, din tkun is-sitwazzjoni tal-ħaddiema ferrovjarji li ma jaħdmux f’servizzi transfruntiera interoperabbli fis-settur ferrovjarju, li ma humiex koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 2005/47/KE. Din tkun ukoll is-sitwazzjoni tal-ħaddiema mobbli tat-trasport bit-triq li joperaw vetturi li jġorru passiġġieri fuq servizzi regolari li ma jaqbżux il-50 kilometru, li ma humiex koperti mid-Direttiva 2002/15/KE.

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol lanqas ma tittratta l-kwistjoni tar-remunerazzjoni, inkluż il-livell tas-salarji u l-metodi tar-remunerazzjoni u d-diversi rati ta' ħlas li jistgħu jiġu stabbiliti fuq livell nazzjonali ([92]). Il-Qorti sostniet li dan kien ċar kemm mill-iskop kif ukoll mill-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Din hija konsegwenza ċara wkoll tal-Artikolu 153(5) tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([93]). L-unika eċċezzjoni għal dan il-prinċipju rikonoxxuta mill-Qorti hija dik tal-ħlas li jrid jiġi assigurat matul il-liv annwali tal-ħaddiema (ara l-Kapitolu VII).

## 2. **Dispożizzjonijiet minimi**

F'konformità mal-bażi legali tagħha, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tistabbilixxi standards minimi fl-oqsma msemmija hawn fuq. Id-dispożizzjonijiet minimi tagħha għandhom l-għan li jipprovdu 'xibka tas-sikurezza' għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kkonċernati ([94]). Dawn huma vinkolanti għall-Istati Membri, li huma obbligati jassiguraw it-traspożizzjoni ta' dawn l-istandards minimi fl-ordni ġuridiku nazzjonali tagħhom. Madankollu, il-karattru minimu tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva jfisser ukoll li dan ma jimpedixxix lill-Istati Membri milli japplikaw jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema ([95]).

> L-Artikolu 15 tad-Direttiva jirreferi speċifikament għal dan l-aspett:
>
> 'Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt tal-Istati Membri li japplikaw jew jintroduċu liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema jew li jiffaċilitaw jew jippermettu l-applikazzjoni ta' ftehim kollettiv jew ta' ftehim oħrajn konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija li huma aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.'

Dan min-naħa tiegħu jfisser li, meta l-ħaddiema jibbenefikaw minn protezzjoni addizzjonali skont il-liġi nazzjonali, huma l-Istati Membri li jridu jiddeċiedu dwar il-kundizzjonijiet u li l-interpretazzjonijiet tal-Qorti fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ma japplikawx għad-dispożizzjonijiet aktar protettivi mogħtija fuq livell nazzjonali ([96]).

Meta l-Istati Membri jużaw din l-opzjoni sabiex jimplimentaw jew japplikaw dispożizzjonijiet aktar protettivi, il-konformità mar-regoli stabbiliti mid-Direttiva trid tiġi aċċertata b'referenza biss għal-limiti stabbiliti minnha. Jibqa' l-obbligu tal-"*Istati Membri li jiggarantixxu l-osservanza ta' kull rekwiżit minimu impost minn din id-Direttiva*" ([97]).

## 3. **Nonregressjoni**

Kif indikat hawn fuq, id-Direttiva tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi, li l-Istati Membri għandhom jittrasponu fil-liġi nazzjonali.

> Filwaqt li l-Istati Membri jgawdu grad ta' libertà fil-mod kif jittrasponu u jimplimentaw dawn id-dispożizzjonijiet, l-Artikolu 23 tad-Direttiva jistipula li:
>
> "Mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Stat Membru li jiżviluppa, fid-dawl ta' ċirkostanzi li jinbidlu, leġislattiva differenti, dispożizzjonijiet regolatorji jew kuntrattwali fil-qasam tal-ħin tax-xogħol, sakemm il-ħtiġiet minimi li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva jkun hemm konformità magħhom, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva m'għandhiex tikkostitwixxi bażi valida għat-tnaqqis tal-livell ġenerali tal-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema."

([92]) Id-Digriet tal-11 ta' Jannar 2007, *Jan Vorel vs Nemocnice Český Krumlov*, C-437/05, ECLI:EU:C:2007:23, il-punti 32 sa 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 48 sa 49; Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 81; Is-Sentenza tas-26 ta' Lulju 2017, *Hannele Hälvä et vs SOS-Lapsikylä ry*, C-175/16, ECLI:EU:2017:617, il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, Matzak. il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-147/17, *Sindicatul Familia Constanța et*, il-punt 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punti 57 sa 58; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punti 56 sa 57.

([93]) Is-Sentenza tal-1 ta' Diċembru 2005, *Abdelkader Dellas et vs Premier ministre u Ministre des Affaires sociales, du Travail et de la Solidarité*, C-14/04, ECLI:EU:C:2005:728, il-punti 38 sa 39; Is-Sentenza tas-7 ta' Lulju 2022, *Coca-Cola European Partners Deutschland GmbH vs L. B. u R.G.*, il-Kawżi Magħquda C-257/21 u C-258/21, ECLI:EU:C:2022:529, il-punt 47.

([94]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295, paġna 3.

([95]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 sa C-610/17, *TSN*, il-punt 48.

([96]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 sa C-610/17, *TSN*, il-punt 36.

([97]) Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 53.

Filwaqt li l-Qorti ma kellhiex l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar din id-dispożizzjoni f'termini tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, hija ddeċidiet dwar dispożizzjoni simili inkluża fid-Direttiva dwar Xogħol għal Żmien Fiss ([98]), jiġifieri l-Klawżola 8(3), li tgħid li "*L-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim m'għandhiex tikkostitwixxi bażijiet validi għat-tnaqqis tal-livell ġenerali ta' protezzjoni mogħti lill-ħaddiema fil-qasam tal-ftehim*".

F'dan il-kuntest, il-Qorti ddeċidiet li din il-klawżola ma setgħetx tiġi interpretata b'mod restrittiv minħabba l-għan tal-Ftehim li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati ([99]).

Il-Qorti identifikat ukoll żewġ kriterji li għandhom jiġu eżaminati fir-rigward ta' dik il-klawżola ([100]):

— l-eżistenza ta' tnaqqis fil-"livell ġenerali ta' protezzjoni" u

— il-fatt li dan it-tnaqqis irid ikun marbut mal-"implimentazzjoni" tal-Ftehim.

Filwaqt li l-Qorti sostniet li huma l-qrati nazzjonali li jridu jiddeċiedu dwar l-eżistenza ta' tnaqqis fil-protezzjoni tal-ħaddiema ([101]), hija madankollu qieset li, f'termini tal-ewwel kriterju, il-fatt li t-tnaqqis jirrigwarda l-"livell ġenerali ta' protezzjoni" kien ifisser li huwa biss "tnaqqis ta' daqs tali li jista' jaffettwa globalment il-leġiżlazzjoni nazzjonali […] li jista' jaqa' taħt" din id-dispożizzjoni ([102]).

Bħala t-tieni kriterju, il-Qorti kkunsidrat li l-konnessjoni mal-"implimentazzjoni tal-Ftehim" ma llimitatx ruħha għat-traspożizzjoni oriġinali tad-Direttiva; iżda kopriet ukoll "kull miżura nazzjonali intiża sabiex tiggarantixxi li l-għan imfittex minnu jkun jista' jintlaħaq, inkluż fosthom dawk li, wara l-hekk imsejħa traspożizzjoni, jikkompletaw jew jemendaw ir-regoli nazzjonali diġà adottat" ([103]). Madankollu, hija kienet teskludi tnaqqis kopert minn testi ġustifikati mill-ħtieġa li jiġi inkoraġġit "għan ieħor distint ta' din [l-implimentazzjoni tal-Ftehim]" ([104]).

Il-Kummissjoni tqis li l-istess pożizzjoni tapplika għad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, fid-dawl tal-għan tagħha li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema u l-formulazzjoni simili tal-Artikolu 23 tagħha u l-Klawżola 8(3) tad-Direttiva dwar Xogħol għal Żmien Determinat. Dan ifisser li l-Artikolu 23 ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv u li ż-żewġ kriterji ta' hawn fuq japplikaw għall-karatterizzazzjoni ta' tnaqqis fil-livell ġenerali ta' protezzjoni marbut mal-implimentazzjoni tad-Direttiva, li huwa pprojbit.

## IV. **DEFINIZZJONIJIET**

### A. ***"Ħin tax-xogħol" u "perjodi ta' serħan"***

L-Artikolu 2 jiddefinixxi l-"ħin tax-xogħol" u l-"perjodu ta' serħan" għall-iskopijiet tad-Direttiva:

"Għall-fini ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:

1. 'ħin tax-xogħol' ifisser kwalunkwe perjodu li matulu l-ħaddiem ikun għax-xogħol, għad-dispożizzjoni ta' min jimpjegah u jwettaq l-attivitajiet jew id-doveri tiegħu, b'konformità mal-liġijiet nazzjonali u/jew prattiċi;
2. 'perjodu ta' serħan' ifisser kwalunkwe perjodu li ma jkunx il-ħin tax-xogħol;"

Skont il-premessa 5 tad-Direttiva, il-kunċett ta' "serħan" għandu jkun espress f'unitajiet ta' ħin, jiġifieri f'jiem, f'sigħat u/jew frazzjonijiet tagħhom.

([98]) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU L 175, 10.7.1999, p. 43).

([99]) Is-Sentenza tat-23 ta' April 2009, *Kiriaki Angelidaki et vs Organismos Nomarchiakis Autodioikisis Rethymnis, Charikleia Giannoudi vs Dimos Geropotamou u Georgios Karabousanos u Sofoklis Michopoulos vs Dimos Geropotamou*, il-Kawżi Magħquda C-378/07 sa C-380/07, ECLI:EU:C:2009:250, il-punti 112 sa 113.

([100]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-378/07 sa C-380/07, *Angelidaki et*, il-punt 126.

([101]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-378/07 sa C-380/07, *Angelidaki et*, il-punt 129.

([102]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-378/07 sa C-380/07, *Angelidaki et*, il-punt 140.

([103]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-378/07 sa C-380/07, *Angelidaki et*, il-punt 131.

([104]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-378/07 sa C-380/07, *Angelidaki et*, il-punt 133.

## 1. **Definizzjoni ta' "ħin tax-xogħol" u ta' "perjodi ta' serħan"**

F'termini tal-formulazzjoni tad-Direttiva, il-Qorti ddeċidiet li fil-loġika tad-Direttiva, il-ħin tax-xogħol għandu "jinftiehem b'kuntrast mal-perjodu ta' serħan, billi t-tnejn jeskludu lil xulxin" ([105]) u li d-Direttiva "ma tipprovdix għal kategorija intermedjarja bejn il-perjodi ta' xogħol u dawk ta' serħan" ([106]).

Il-Qorti sostniet li l-kunċetti ta' "ħin tax-xogħol" u ta' "perjodi ta' serħan" "m'għandhomx jiġu interpretati skont ir-rekwiżiti tal-leġiżlazzjonijiet differenti tal-Istati Membri, iżda li huma jikkostitwixxu kunċetti tad-dritt Komunitarju li jeħtieġ li jiġu definiti skont karatteristiċi oġġettivi, b'referenza għas-sistema u l-għan tal-imsemmija direttiva, intiża li tistabbilixxi rekwiżiti minimi biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol tal-ħaddiema. Fil-fatt, hija biss tali interpretazzjoni awtonoma li hija ta' natura li tassigura l-effett sħiħ ta' din id-direttiva kif ukoll applikazzjoni uniformi tal-imsemmija kunċetti fl-Istati Membri kollha" ([107]).

Dan ifisser ukoll li l-Istati Membri ma jistgħux jiddeċiedu b'mod unilaterali l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kunċetti ([108]). Dan huwa korroborat ulterjorment mill-fatt li d-Direttiva ma tippermetti l-ebda deroga mill-Artikolu 2 tad-Direttiva ([109]), li jistabbilixxi, fost l-oħrajn, id-definizzjonijiet ta' "ħin tax-xogħol" u ta' "perjodu ta' serħan".

B'referenza għat-test tal-Artikolu 2(1) innifsu, il-ġurisprudenza ([110]) tal-Qorti u dokumenti storiċi ([111]), tliet kriterji kumulattivi jistabbilixxu jekk ċerti perjodi jitqisux bħala "ħin tax-xogħol":

— *il-ħaddiem ikun għax-xogħol*

Dan l-ewwel kriterju huwa wieħed spazjali li jikkorrispondi għal kundizzjoni li "l-ħaddiem ikun għax-xogħol" jew li huwa/hija jkun/tkun "preżenti fil-post tax-xogħol tiegħu/tagħha". Dan il-kriterju huwa espress b'differenzi żgħar bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva: pereżempju, bl-Ingliż, tiddikjara "*the worker is working*" u bil-Ġermaniż "*ein Arbeitnehmer … arbeitet*" filwaqt li bil-Franċiż tiddikjara "*le travailleur est au travail*" u bl-Ispanjol "*el trabajador permanezca en el trabajo*", mhux "le travailleur travaille" jew "el trabajador trabaja".

Billi hija neċessarja interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi Ewropea, it-test tad-Direttiva jrid jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet li jeżistu fil-lingwi uffiċjali l-oħrajn. Jekk ikun hemm diverġenza, id-dispożizzjoni trid tiġi interpretata b'referenza għall-iskop u l-iskema ġenerali tar-regoli li tifforma parti minnhom ([112]).

([105]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 47; Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 48, id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Voel*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 42; Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punt 55; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 28.

([106]) Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 43; Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 28; Is-Sentenza tat-8 ta' Ottubru 2021, *BX vs Unitatea Administrativ Teritorială D.*, C-909/19, ECLI:EU:C:2021:893, il-punt 38.

([107]) Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 58; Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 27; Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 44. Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 31; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 29.

([108]) Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 45.

([109]) Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 45; Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 28; Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punti 34 sa 38.

([110]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 30, 35 u 43.

([111]) Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fis-setturi u l-attivitajiet esklużi mid-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993, it-18 ta' Novembru 1998, COM(1998) 662 final, il-paragrafu 6.

([112]) Ara b'analoġija: Is-Sentenza tad-19 ta' April 2007, *UAB Profisa vs Muitinės departamentas prie Lietuvos Respublikos finansų ministerijos*, C-63/06, ECLI:EU:C:2007:233, il-punti 13 sa 15.

Fil-każ tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, tali interpretazzjoni wasslet lill-Qorti sabiex tqis il-kriterju ta' "*il-ħaddiem ikun għax-xogħol*" bħala wieħed spazjali relatat mal-ħtieġa li l-ħaddiem ikun "fil-post tax-xogħol" jew "f'post determinat mill-impjegatur tiegħu". Dan kien interpretat b'mod ċar mill-Avukat Ġenerali Bot ([113]) u b'mod impliċitu mill-Qorti ([114]) li ripetutament irrimarkat li fattur deċiżiv fl-istabbiliment tal-"ħin tax-xogħol" huwa jekk il-ħaddiem ikunx meħtieġ li jkun fiżikament preżenti fil-post determinat mill-impjegatur ([115]).

Għandu jiġi nnotat li l-post determinat mill-impjegatur mhux bilfors ikun il-post tax-xogħol. Kif ippreżentat hawn taħt, il-Qorti sostniet ukoll li, f'ċerti każijiet, il-ħin tal-ivvjaġġar jista' jgħodd ukoll bħala "ħin tax-xogħol" billi l-ħin tax-xogħol ta' tali ħaddiema ma jistax jiġi limitat għall-ħin li jqattgħu fil-bini tal-impjegatur tagħhom jew tal-klijenti bħal pereżempju fil-każ tal-ħaddiema mingħajr postijiet tax-xogħol fissi fil-kawża *Tyco* ([116]).

Il-Qorti ċċarat fil-kuntest tal-kwalifika ta' "on-call" jew ta' "stand-by" bħala "ħin tax-xogħol" jew "perjodu ta' mistrieħ" li meta d-dmir ta' "on-call" jew ta' "stand-by" isir f'post determinat mill-impjegatur, li huwa differenti mid-dar tal-ħaddiem, il-perjodu kollu ta' tali dmir jikkwalifika sistematikament bħala "ħin tax-xogħol" skont id-Direttiva, mingħajr ma tkun meħtieġa valutazzjoni ulterjuri ([117]). Madankollu, meta l-post tax-xogħol ikun ukoll id-dar tal-ħaddiem, il-kwalifika bħala "ħin tax-xogħol" jew "perjodu ta' mistrieħ" tiddependi fuq l-intensità tal-limitazzjonijiet imposti fuq il-ħaddiem mill-impjegatur ([118]).

— *il-ħaddiem ikun għad-dispożizzjoni tal-impjegatur*

Dwar din il-kwistjoni, il-fattur deċiżiv huwa li l-ħaddiem ikun disponibbli sabiex jipprovdi servizzi immedjatament fil-każ ta' ħtieġa ([119]).

Dan huwa l-każ fejn il-ħaddiema jkunu legalment obbligati jobdu l-ordnijiet tal-impjegatur tagħhom u jwettqu l-attività tagħhom għal dak l-impjegatur. Min-naħa l-oħra, meta l-ħaddiema jkunu jistgħu jiġġestixxu l-ħin tagħhom mingħajr limitazzjonijiet kbar u jsegwu l-interessi proprji tagħhom, dan jista' jipprova li l-perjodu taż-żmien inkwistjoni ma jikkostitwixxix "ħin tax-xogħol" ([120]).

Fil-kuntest ta' "stand-by", fejn il-ħaddiema huma liberi li jagħżlu fejn jinsabu, dan jimplika l-ħtieġa li l-qrati nazzjonali jistabbilixxu f'kull każ jekk ir-restrizzjonijiet li l-impjegatur jimponi fuq il-ħaddiem humiex tali li jaffettwaw, b'mod oġġettiv u sinifikanti ħafna, il-possibbiltà għal dan tal-aħħar li jimmaniġġja l-ħin li matulu s-servizzi professjonali tiegħu ma jkunux meħtieġa u li jsegwi l-interessi tiegħu stess ([121]). Huwa biss jekk dan ikun il-każ li l-perjodu kollu ta' "stand-by"

([113]) Il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bot tal-11 ta' Ġunju 2015, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras (CC.OO.) vs Dalail Integrated Security SL u Tyco Integrated Fire & Security Corporation Servicios SA.*, C-266/14, ECLI:EU:C:2015:391, il-punti 31 u 48.

([114]) Ara b'mod partikolari s-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 48 li fiha l-Qorti tqis li l-ewwel żewġ kundizzjonijiet ta' ħin tax-xogħol ("ikun għax-xogħol" u "għad-dispożizzjoni tal-impjegatur tiegħu") huma ssodisfati fil-każ tal-ħin li wieħed iqatta' on call fiċ-ċentru tas-saħħa; ara wkoll is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 43, li fiha l-Qorti, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju "ikun ix-xogħol" għall-ħaddiema li jivvjaġġaw lejn/mingħand klijent, tgħid li "*il-post tax-xogħol ta' tali ħaddiema ma jistax jiġi limitat għal postijiet ta' intervent fiżiku ta' dawn il-ħaddiema għand il-klijenti tal-persuna li timpjegahom*".

([115]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras.*, il-punt 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 48; Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 28; Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 63; Is-Sentenza fil-Kawża C-909/19, *Unitatea Administrativ Teritorială D.*, il-punt 40.

([116]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 43 sa 46.

([117]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 63; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 31.

([118]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 43.

([119]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 48; Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 28; Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 63.

([120]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 36 sa 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 50.

([121]) Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punti 63 sa 66; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punti 36 sa 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punti 37 sa 38; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punti 33 sa 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punt 38.

jikkwalifika bħala "ħin tax-xogħol". Għall-kuntrarju, meta r-restrizzjonijiet imposti fuq il-ħaddiem mill-impjegatur matul "stand-by" ma jwaqqfux lill-ħaddiem milli jsegwi l-interess tiegħu stess, il-ħin marbut mal-forniment reali tas-servizzi biss irid jitqies bħala "ħin tax-xogħol" ([122]).

— *il-ħaddiem irid ikun qiegħed iwettaq l-attività jew id-dmirijiet tiegħu*

F'termini ta' dan it-tielet kriterju, huwa importanti li jiġi rrimarkat li kemm l-intensità kif ukoll kwalunkwe nuqqas ta' kontinwità fl-attivitajiet imwettqa huma irrilevanti.

F'konformità mal-objettiv tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol li tassigura s-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema, il-Qorti ddeċidiet li, "*anki jekk l-attività attwalment imwettqa tvarja skont iċ-ċirkustanzi, il-fatt li [il-ħaddiema] huma obbligati li jkunu preżenti fil-post tax-xogħol sabiex jipprovdu s-servizzi professjonali tagħhom ifisser li huma jkunu qegħdin iwettqu d-dmirijiet tagħhom f'dak il-waqt*" ([123]). Il-Qorti fil-fatt enfasizzat li l-intensità tax-xogħol imwettaq mill-impjegat u l-output tiegħu/tagħha ma humiex fost il-karatteristiċi determinanti ta' "ħin tax-xogħol" skont it-tifsira tad-Direttiva ([124]) u li l-ħin ikkonċernat jista' jikkwalifika bħala ħin tax-xogħol "*indipendentement mill-fatt li […] l-persuna kkonċernata ma teżerċitax attività professjonali kontinwa*" ([125]).

Meta l-qrati nazzjonali jiġu mitluba jiddeċiedu dwar jekk ħin jikkwalifikax bħala "ħin tax-xogħol" jew "perjodu ta' serħan", huma jeħtiġilhom jillimitaw l-analiżi tagħhom għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali. Huma għandhom jeżaminaw il-kundizzjonijiet li japplikaw fil-prattika għall-ħin tax-xogħol tal-ħaddiem ikkonċernat ([126]).

Fl-aħħar nett, f'konformità mal-formulazzjoni tad-Direttiva u l-ġurisprudenza tal-Qorti, jekk perjodu ta' ħin ma jissodisfax dawn il-kriterji, dan irid jitqies bħala "perjodu ta' serħan".

## 2. **Reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol**

Sabiex tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 3, 5 u 6(b) tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, l-Istati Membri jeħtiġilhom jirrikjedu li l-impjegaturi jistabbilixxu "sistema oġġettiva, affidabbli u aċċessibbli li tippermetti l-kejl tat-tul tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum maħdum minn kull ħaddiem" ([127]) ([128]).

Madankollu, l-Istati Membri għandhom id-diskrezzjoni li jiddeterminaw l-arranġamenti speċifiċi għall-implimentazzjoni ta' tali sistema. B'mod partikolari għandhom id-dritt li jiddeċiedu l-forma li jridu jieħdu, filwaqt li jqisu, kif meħtieġ, il-karatteristiċi partikolari ta' kull settur ta' attività kkonċernat, jew il-karatteristiċi speċifiċi ta' ċerti impriżi li jikkonċernaw, fost l-oħrajn, id-daqs tagħhom ([129]).

Hemm eċċezzjoni waħda għal din ir-regola. Jekk minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata fejn id-durata tal-ħin tax-xogħol ma titkejjilx u/jew iddeterminata minn qabel jew tista' tiġi ddeterminata mill-ħaddiema nfushom, Stat Membru jista' jidderoga mill-Artikoli 3 sa 6 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u ma għandux jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol għal dik l-attività ([130]).

## 3. **L-applikazzjoni tad-definizzjoni tad-Direttiva għal perjodi ta' ħin speċifiċi**

### a) *Il-ħin "on-call" u "standby"*

Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-ħin "on-call" u "standby" irċeviet gwida speċifika mill-Qorti, b'mod partikolari fil-kawżi tagħha *Simap*, *Jaeger* u *Dellas*, li kienu jirrigwardaw tobba f'timijiet tal-kura primarja u fl-isptar kif ukoll għalliem ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fi stabbilimenti residenzjali għal żgħażagħ u adulti b'diżabilità ([131]).

([122]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 39; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.
([123]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 48.
([124]) Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 43
([125]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 93.
([126]) Id-Digriet fil-Kawża C-258/10, *Grigore*, il-punt 50.
([127]) Is-Sentenza fil-Kawża C-55/18, CCOO, il-punt 60.
([128]) Il-Qorti ddeċidiet li skont ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data personali, ir-rekords tal-ħin tax-xogħol huma data personali; Is-Sentenza tat-30 ta' Mejju 2013, *Worten – Equipamentos para o Lar SA vs Autoridade para as Condições de Trabalho (ACT)*, C-342/12, ECLI:EU:C:2013:355.
([129]) Is-Sentenza fil-Kawża C-55/18, CCOO, il-punt 63.
([130]) Is-Sentenza fil-Kawża C-55/18, CCOO, il-punt 63.
([131]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*; Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*.

F'dawk il-kawżi, il-Qorti sostniet li l-ħin li l-ħaddiema jkunu "on-call" għandu jitqies kollu kemm hu bħala ħin tax-xogħol skont it-tifsira tad-Direttiva jekk dawn ikunu meħtieġa li jkunu preżenti fil-post tax-xogħol. F'tali sitwazzjoni, il-ħaddiema kkonċernati huma meħtieġa li jkunu disponibbli sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom f'post determinat mill-impjegatur għad-durata sħiħa tal-perjodu. Il-ħaddiema huma soġġetti wkoll għal restrizzjonijiet ferm akbar billi jridu jibqgħu 'l bogħod mill-familja u l-ambjent soċjali tagħhom u għandhom anqas libertà li jiġġestixxu l-ħin li matulu ma jkunux meħtieġa s-servizzi professjonali tagħhom ([132]).

B'appoġġ għall-pożizzjoni tagħha, il-Qorti rrimarkat il-fatt li l-esklużjoni tal-ħin "on-call" mill-ħin tax-xogħol jekk tkun meħtieġa l-preżenza fiżika timmina serjament l-objettiv li jiġu assigurati s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema billi dawn jingħataw perjodi minimi ta' serħan u pawżi adegwati ([133]).

Madankollu, meta l-ħaddiem ikun obbligat jibqa' fuq il-post tax-xogħol li jinkludi jew ma jkunx distint mir-residenza tal-ħaddiem, dak il-fatt biss ma jkunx biżżejjed sabiex dak il-perjodu jiġi kklassifikat bħala "ħin tax-xogħol" skont it-tifsira tad-Direttiva; minflok, il-kwalifika ta' tali ħin "on-call" bħala "ħin tax-xogħol" jew "perjodu ta' mistrieħ" tiddependi fuq l-intensità tal-limitazzjonijiet imposti fuq il-ħaddiem mill-impjegatur. Tabilħaqq, f'dak il-każ, ir-rekwiżit li l-ħaddiem ma jitlaqx mill-post tax-xogħol mhux bilfors ifisser li l-ħaddiem jeħtieġlu jibqa' 'l bogħod mill-familja u mill-ambjent soċjali tiegħu jew tagħha u għalhekk l-obbligu li wieħed jirrispondi s-sejħiet tal-impjegatur huwa anqas probabbli li jinterferixxi mal-possibbiltà li jimmaniġġja liberament il-ħin li matulu s-servizzi professjonali ma humiex meħtieġa ([134]).

Għandu jiġi nnotat li l-ħin "on-call" għandu l-istatus ta' "ħin tax-xogħol" irrispettivament minn jekk il-persuna fil-fatt taħdimx waqt il-perjodu ta' dmir "on-call" ([135]). Dan ifisser li jekk il-ħin "on-call" jinkludi l-inattività, din hija irrilevanti għall-istatus tiegħu bħala "ħin tax-xogħol" ([136]). Bl-istess mod, jekk tkun disponibbli kamra tal-mistrieħ għall-ħaddiema u huma jkunu jistgħu jistrieħu jew jorqdu matul il-perjodi meta ma jkunux meħtieġa s-servizzi tagħhom, dan ma jaffettwax l-istatus tal-ħin "on-call" bħala ħin tax-xogħol ([137]).

Dwar l-użu ta' sistemi ta' ekwivalenza li bihom jiġi stabbilit proporzjon għall-kontabilità tal-ħin "on-call", il-Qorti ddeċidiet li jekk tali sistemi ma jassigurawx il-konformità mar-rekwiżiti minimi kollha tas-sikurezza u s-saħħa, huma ma jkunux kompatibbli mad-Direttiva ([138]).

B'kuntrast ma' dan, matul "stand-by", fejn il-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu aċċessibbli f'kull ħin iżda jkunu liberi li jagħżlu fejn jinsabu, jew fejn jeħtiġilhom jibqgħu f'post tax-xogħol li huwa wkoll id-dar tagħhom, il-qrati nazzjonali se jkollhom jivvalutaw fuq bażi ta' każ b'każ jekk ir-restrizzjonijiet imposti mill-impjegaturi fuq il-ħaddiema humiex tali li jipprekludu lill-ħaddiema mill-possibbiltà li jsegwu l-interessi tagħhom stess. Jekk dan ikun il-każ, il-"ħin tax-xogħol" ikopri l-perjodi kollha ta' "ħin stand-by" ([139]).

Min-naħa l-oħra, meta r-restrizzjonijiet imposti fuq il-ħaddiema jippermettulhom jimmaniġġjaw il-ħin tagħhom u jsegwu l-interessi tagħhom stess mingħajr restrizzjonijiet kbar, il-ħin marbut mal-provvista ta' xogħol li fil-fatt ikun twettaq matul dak il-perjodu biss jikkostitwixxi "ħin tax-xogħol" ([140]).

Fil-ġurisprudenza reċenti tagħha, il-Qorti speċifikat l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi ddeterminata l-intensità tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-ħaddiema matul "stand-by".

Il-preżenza ta' mill-anqas wieħed miż-żewġ elementi li ġejjin tiskatta, fil-prinċipju, il-kwalifika tal-perjodu kollu ta' "stand-by" bħala "ħin tax-xogħol":

— ħin qasir ħafna ("ftit minuti") meħtieġ sabiex jerġa' jibda x-xogħol f'każ ta' bżonn ([141]), u

([132]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 65.
([133]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 49.
([134]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 44.
([135]) Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 27; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 46.
([136]) Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 28.
([137]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punti 60 u 64.
([138]) Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 63.
([139]) Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punti 63 sa 66; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punti 36 sa 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punti 37 sa 38; Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punti 33 sa 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punt 38.
([140]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 39; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata.
([141]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punt 47; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 48.

— frekwenza għolja ta' sejħiet flimkien ma' durata "mhux negliġibbli" tal-attività attwali mwettqa mill-ħaddiem, jekk ikun possibbli li din il-frekwenza tiġi stmata b'mod oġġettiv ([142]).

Jekk il-ħaddiem rarament jintalab jaġixxi matul il-perjodi ta' stand-by, dawn il-perjodi madankollu ma humiex "perjodi ta' mistrieħ" meta l-limitu ta' żmien li fih il-ħaddiem jeħtieġlu jirritorna għall-attività jillimita b'mod oġġettiv u sinifikanti ħafna, il-kapaċità ta' ġestjoni libera tal-ħin meta l-ħaddiem ma jkunx meħtieġ jaħdem ([143]).

Madankollu, anke jekk ikun preżenti wieħed miż-żewġ elementi, xorta jista' jkun li l-parti mhux attiva ta' "stand-by" tikkwalifika bħala "perjodu ta' mistrieħ", fejn il-faċilitajiet u/jew il-libertà mogħtija lill-ħaddiem jippermettu lil dak il-ħaddiem juża ż-żmien għall-interessi tiegħu ([144]) stess.

Sabiex tiġi vvalutata l-intensità tar-restrizzjonijiet imposti fuq il-ħaddiem, jistgħu jitqiesu biss ir-restrizzjonijiet imposti u l-faċilitajiet mogħtija mill-impjegaturi nfushom, mil-leġiżlazzjoni jew minn ftehimiet kollettivi ([145]). Tali restrizzjonijiet jistgħu, pereżempju, jinkludu l-obbligu li jkun hemm tagħmir ([146]) speċifiku jew penali jekk jinqabeż il-ħin ta' reazzjoni ([147]). Il-faċilitajiet jistgħu jkopru l-użu ta' vettura professjonali bi drittijiet speċjali tat-traffiku ([148]), in-nuqqas ta' obbligu ta' rispons għas-sejħiet kollha ([149]) jew il-possibbiltà li titwettaq attività professjonali oħra matul "stand-by" ([150]).

Min-naħa l-oħra, ir-restrizzjonijiet li jistgħu jaffettwaw il-kwalità tal-mistrieħ tal-ħaddiema matul "stand-by" iżda li ma humiex imposti mill-impjegatur, permezz ta' leġiżlazzjoni jew permezz ta' ftehimiet kollettivi ma humiex rilevanti għall-kwalifika bħala "ħin tax-xogħol". Dawn jistgħu jkunu fatturi naturali ([151]) jew l-għażla tal-ħaddiema stess ([152]).

Meta l-"istand-by" iseħħ matul pawża tal-ħaddiem, huma biss ir-restrizzjonijiet li jirriżultaw mill-obbligu li wieħed jibqa' lest għal sejħa f'limitu ta' żmien qasir ħafna li huma rilevanti għall-valutazzjoni ta' jekk "stand-by" jikkwalifikax bħala "ħin tax-xogħol" jew "perjodu ta' serħan". Il-fatt li d-durata limitata ta' pawża inevitabbilment tirriżulta wkoll f'restrizzjonijiet ma huwiex rilevanti għal din il-valutazzjoni ([153]).

Huwa irrilevanti wkoll il-forniment ta' akkomodazzjoni ta' servizz li tinsab fuq il-post tax-xogħol jew maġenb il-post tax-xogħol ([154]).

Anke f'każijiet fejn il-parti mhux attiva ta' "stand-by" tikkwalifika bħala "perjodu ta' mistrieħ", dan ma jfissirx li l-impjegaturi għandhom il-libertà rigward id-durata u t-twaqqit ta' "stand-by". L-impjegaturi jeħtiġilhom dejjem jikkonformaw mal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 89/391/KEE sabiex jipproteġu s-sikurezza tal-ħaddiema ([155]). Il-Qorti ċċarat li mill-Artikolu 5(1) ta' dik id-Direttiva jirriżulta li l-impjegaturi huma obbligati jevalwaw u jipprevjenu r-riskji kollha għas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema. Dan jinkludi ċerti riskji psikosoċjali, bħal stress jew eżawriment ([156]). Għalhekk, il-ħaddiema jeħtieġ li jkunu jistgħu jirtiraw mill-ambjent tax-xogħol għal numru suffiċjenti ta' sigħat konsekuttivi, sabiex ikunu jistgħu jinnewtralizzaw l-effetti tax-xogħol fuq is-sikurezza jew is-saħħa tagħhom ([157]). Konsegwentement, l-impjegaturi ma jistgħux jistabbilixxu perjodi ta' stand-by tant twal jew frekwenti li jistgħu jqiegħdu f'riskju s-saħħa tal-ħaddiema ([158]). Il-Qorti indikat li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu arranġamenti dettaljati għall-applikazzjoni ta' dak l-obbligu ([159]).

([142]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Stadt Offenbach am Main*, il-punti 50 sa 53; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punti 51 sa 53.
([143]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19 *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 54.
([144]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punti 41 sa 42.
([145]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 40; Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 39.
([146]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 49.
([147]) Il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella tas-6 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 120 u l-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella tas-6 ta' Ottubru 2020 fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 111.
([148]) Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 49.
([149]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punt 44.
([150]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punti 43 sa 44.
([151]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 50 (il-post tax-xogħol li jinsab f'post remot b'possibbiltajiet limitati ta' divertiment).
([152]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punt 45 (l-għażla tal-ħaddiem fejn għandu jwettaq attività professjonali oħra matul l-istand-by tiegħu).
([153]) Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 39.
([154]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 50.
([155]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 61; Is-Sentenza fil-Kawża C-580/19, *Offenbach am Main*, il-punt 60.
([156]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 62.
([157]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 64.
([158]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 65.
([159]) Is-Sentenza fil-Kawża C-344/19, *Radiotelevizija Slovenija*, il-punt 65.

b) *Pawżi*

Fil-Kawża *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-Qorti ddeċidiet li pawża li tingħata lil ħaddiem matul il-ħin tax-xogħol ta' kuljum, li matulha ħaddiem jeħtieġlu jkun lest li jwieġeb fi żmien żewġ minuti tikkostitwixxi "ħin tax-xogħol" skont it-tifsira tal-Artikolu 2, peress li "r-restrizzjonijiet imposti fuq dan il-ħaddiem matul l-imsemmi perijodu ta' pawża huma tali li jaffettwaw oġġettivament u b'mod sinjifikattiv ħafna l-fakultà għal dan tal-aħħar li jiġġestixxi liberament il-ħin li matulu s-servizzi professjonali ma jkunux mitluba u li jiddedika dan il-ħin għall-interessi tiegħu stess" ([160]).

c) *Il-ħin imqatta' minn ħaddiema mingħajr post tax-xogħol fiss sabiex jivvjaġġaw bejn l-ewwel u l-aħħar klijenti u d-djar tagħhom*

Fil-Kawża *Tyco*, il-Qorti ddeċidiet dwar jekk il-ħin tal-ivvjaġġar lejn l-ewwel u mingħand l-aħħar klijent mill-ħaddiema mingħajr post tax-xogħol fiss jikkwalifikax bħala "ħin tax-xogħol" ([161]).

Din il-Kawża kienet tikkonċerna tekniċi impjegati sabiex jinstallaw u jagħmlu manutenzjoni fuq tagħmir tas-sigurtà f'diversi postijiet fi ħdan żona ġeografika assenjata lilhom. Huma kienu jivvjaġġaw mill-anqas darba fil-ġimgħa lejn l-uffiċċji ta' kumpanija loġistika tat-trasport sabiex jiġbru t-tagħmir meħtieġ għax-xogħol tagħhom. Fi ġranet oħrajn, huma kienu jivvjaġġaw direttament mid-djar tagħhom lejn il-postijiet fejn kellhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom.

Il-Qorti qieset li t-tliet kriterji ta' "ħin tax-xogħol" kienu ssodisfati. L-ewwel, hija sostniet li l-vjaġġi tal-ħaddiema sabiex imorru għand il-klijenti indikati mill-impjegatur tagħhom kienu mezz neċessarju sabiex jipprovdu servizzi tekniċi lill-klijenti. Minħabba f'hekk, hija kkonkludiet li dawn il-perjodi jridu jitqiesu bħala perjodi li matulhom il-ħaddiema jwettqu l-attività jew id-dmirijiet tagħhom ([162]). It-tieni, f'termini tal-fatt li l-ħaddiema kkonċernati kienu jirċievu itinerarju għall-vjaġġi tagħhom u li ma setgħux jużaw il-ħin tagħhom b'mod liberu u jsegwu l-interessi tagħhom matul dak il-perjodu, il-Qorti sostniet li l-ħaddiema, anke matul dak il-ħin, kienu għad-dispożizzjoni tal-impjegatur tagħhom ([163]). It-tielet, il-Qorti kkonfermat li l-ħaddiema li jkunu qegħdin jivvjaġġaw lejn jew mingħand klijent u għalhekk ikunu qegħdin iwettqu d-dmirijiet tagħhom jeħtiġilhom jitqiesu wkoll li qegħdin jaħdmu waqt dawk il-vjaġġi. Minħabba li l-ivvjaġġar huwa parti integrali mill-fatt li wieħed ikun ħaddiem mingħajr post tax-xogħol fiss jew abitwali, il-post tax-xogħol ta' tali ħaddiema ma jistax jiġi limitat għall-bini tal-klijenti tal-impjegatur tagħhom ([164]).

d) *Taħriġ vokazzjonali meħtieġ mill-impjegatur*

Il-Qorti enfasizzat li l-post tax-xogħol ifisser kwalunkwe post fejn il-ħaddiem huwa meħtieġ jeżerċita attività fuq l-istruzzjoni tal-impjegatur, inkluż meta dan ma jkunx il-post fejn normalment jitwettqu dmirijiet professjonali. Konsegwentement, il-Qorti ddeċidiet li l-perjodu li matulu ħaddiem jattendi t-taħriġ vokazzjonali meħtieġ mill-impjegatur, li jsir lil hinn mill-post tax-xogħol tas-soltu u, kompletament jew parzjalment, barra mill-ħinijiet normali tax-xogħol, jikkostitwixxi "ħin tax-xogħol" ([165]).

e) *Perjodi ta' żmien oħrajn*

Billi l-Qorti ddeċidiet biss dwar firxa limitata ta' perjodi li jikkwalifikaw bħala "ħin tax-xogħol", il-Kummissjoni tqis li huwa neċessarju li tipprovdi gwida fir-rigward ta' tipi oħrajn ta' perjodi. Dan li ġej jispjega fil-qosor il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar il-kunċett ta' "ħin tax-xogħol" f'termini ta' perjodi ta' żmien oħrajn.

— Vjaġġi bejn appuntamenti matul il-ġurnata tax-xogħol

Il-kwistjoni tal-vjaġġi bejn xogħlijiet differenti matul il-ġurnata tax-xogħol ma hijiex ittrattata fis-Sentenza *Tyco*. Dan minħabba li, fil-kawża inkwistjoni, dawn il-perjodi kienu diġà ngħaddu bħala parti mis-sigħat tax-xogħol ta' kuljum ikkalkolati mill-impjegatur ([166]).

([160]) Is-Sentenza fil-Kawża C-107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 43.
([161]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*.
([162]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 30 sa 34.
([163]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 35 sa 39.
([164]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 43 sa 46.
([165]) Is-Sentenza fil-Kawża C-909/19, *Unitatea Administrativ Teritorială D.*
([166]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 16.

Madankollu, fid-dawl ta' din id-deċiżjoni u skont il-fatti eżatti tal-każ li fuqhom tintalab deċiżjoni, il-Kummissjoni tqis li l-vjaġġi bejn xoghlijiet differenti matul il-ġurnata tax-xogħol jikkwalifikaw ukoll bħala ħin tax-xogħol. Dan ikun il-każ jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— jekk il-vjaġġi kkonċernati jikkostitwixxu mezz neċessarju sabiex jiġu pprovduti s-servizzi lill-klijenti u għalhekk iridu jitqiesu bħala perjodi li matulhom il-ħaddiema jwettqu l-attività jew id-dmirijiet tagħhom;

— jekk matul dak il-ħin il-ħaddiema kkonċernati jkunu għad-dispożizzjoni tal-impjegatur, li jfisser li huma jaġixxu fuq l-ordnijiet tal-impjegatur u ma jistgħux jużaw il-ħin tagħhom liberament sabiex isegwu l-interessi proprji tagħhom;

— jekk il-ħin li jqattgħu jivvjaġġaw jifforma parti integrali mix-xogħol tal-ħaddiema u l-post tax-xogħol ta' tali ħaddiema għalhekk ma jistax jiġi limitat għall-bini tal-klijenti tal-impjegatur tagħhom.

— Vjaġġi irregolari tal-ħaddiema lejn post tax-xogħol differenti

Bl-istess raġunament bħal fil-każ tal-vjaġġi bejn appuntamenti differenti matul il-ġurnata tax-xogħol, jista' jitqies li, fid-dawl tal-kriterji hawn fuq imsemmija u l-objettiv tad-Direttiva li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, il-vjaġġi tal-ħaddiema li, minflok ma jmorru fil-post tax-xogħol prinċipali tagħhom, imorru direttament għall-appuntamenti jew f'post tax-xogħol differenti fuq talba tal-impjegatur tagħhom, għandhom jitqiesu bħala ħin tax-xogħol. Fil-fatt, matul dawn il-perjodi, is-sitwazzjoni tal-ħaddiema tista' tiġi mxebbha ma' dik tal-ħaddiema fil-Kawża *Tyco* billi huma jintbagħtu mill-impjegaturi tagħhom f'post differenti minn dak li fih is-soltu jwettqu x-xogħol tagħhom ([167]).

— Vjaġġi lejn u mill-post tax-xogħol

Rigward il-ħin tal-ivvjaġġar ta' kuljum lejn post tax-xogħol fiss, ma hemm l-ebda indikazzjoni li tali perjodi għandhom jitqiesu bħala "ħin tax-xogħol" għall-iskopijiet tad-Direttiva.

Il-ħaddiema b'post tax-xogħol fiss jistgħu jiddeterminaw id-distanza bejn id-dar u l-post tax-xogħol tagħhom u jistgħu jużaw u jorganizzaw il-ħin tagħhom liberament fit-triq tagħhom lejn u minn dak il-post tax-xogħol sabiex isegwu l-interessi proprji tagħhom. Is-sitwazzjoni għalhekk hija differenti minn dik tal-Kawża *Tyco*, li fiha l-Qorti qieset li l-ħaddiema, li ma kellhomx post tax-xogħol fiss, kienu tilfu din il-kapaċità li jiddeterminaw liberament id-distanza bejn id-djar tagħhom u l-post normali tal-bidu u t-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol tagħhom ([168]).

## B. ***Ħin ta' billejl u ħaddiema ta' billejl***

L-Artikolu 2(3) u (4) jistipula li:

"3. 'ħin ta' billejl' ifisser kwalunkwe perjodu ta' mhux anqas minn seba' sigħat, kif definiti bil-liġi nazzjonali, u li għandu jinkludi, fi kwalunkwe każ, il-perjodu ta' bejn nofsillejl u l-5.00;

4. 'ħaddiem ta' matul il-lejl' ifisser:

(a) minn naħa l-waħda, kwalunkwe ħaddiem, li, matul il-ħin tal-lejl, jaħdem mill-anqas tlett sigħat tal-ħin tax-xogħol ta' kull jum tiegħu bħala ħaġa normali; u

(b) minn naħa l-oħra, kwalunkwe ħaddiem li aktarx li matul il-lejl iwettaq ċertu proporzjon tal-ħin annwali tax-xogħol tiegħu, kif definit b'għażla tal-Istati Membri kkonċernati:

(i) bil-leġislazzjoni nazzjonali, b'segwiment ta' konsultazzjonijiet bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija; jew

(ii) ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell nazzjonali jew reġjonali;"

([167]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*.

([168]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punt 44.

Rigward id-definizzjoni ta' "ħin ta' billejl", il-kontenut tagħha huwa simili għal dak użat għal "xogħol ta' billejl" fil-Konvenzjoni dwar ix-xogħol ta' billejl ([169]) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (l-"ILO"). Id-definizzjoni finalment maqbula għad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol timponi fuq kull Stat Membru l-obbligu li jiddefinixxi perjodu ta' 7 sigħat fil-liġi nazzjonali tiegħu li jikkostitwixxi l-"ħin ta' billejl". Dan ifisser li kwalunkwe xogħol imwettaq matul dan il-perjodu, irrispettivament mid-durata tiegħu, jikkwalifika bħala xogħol ta' billejl.

Din id-definizzjoni hija kkomplementata minn definizzjoni ta' "ħaddiem ta' billejl" li tistabbilixxi l-kriterji li ġejjin: (a) fejn il-ħaddiema jaħdmu mill-anqas 3 sigħat tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum tagħhom matul il-ħin ta' billejl jew (b) fejn x'aktarx jaħdmu ċertu proporzjon tal-ħin tax-xogħol annwali tagħhom matul il-ħin ta' billejl.

Il-formulazzjoni bl-Ingliż tad-Direttiva tidher difettuża billi torbot il-kriterji (a) u (b) bil-konġunzjoni "u", li timplika li dawn jistgħu jkunu kumulattivi. Fl-istess waqt, iż-żewġ paragrafi huma introdotti separatament bil-frażi "minn naħa l-waħda" u "min-naħa l-oħra". Xi verżjonijiet lingwistiċi oħrajn ma jinkludux din il-konġunzjoni "u" ([170]), li jissuġġerixxi li l-kundizzjonijiet huma alternattivi. Dan it-tieni fehim jidher appoġġat mill-Qorti, li fis-Sentenza tagħha fil-Kawża *Simap* sostniet li "l-Artikolu 2(4)(a) tad-Direttiva 93/104 jiddefinixxi ħaddiem ta' billejl bħala kull ħaddiem, li, tul il-ħin ta' billejl, jaħdem għall-inqas tliet sigħat tal-ġurnata tax-xogħol tiegħu bħala ħidma normali" u li "l-Artikolu 2(4)(b) jippermetti wkoll lil-leġiżlatur nazzjonali jew, fuq għażla tal-Istat Membru kkonċernat, iż-żewġ naħat tal-industrija fuq livell nazzjonali jew reġjonali li jittrattaw bħala ħaddiema ta' billejl ħaddiema oħra li jaħdmu matul il-ħin ta' billejl ċertu proporzjon tal-ħin tax-xogħol annwali tagħhom." ([171]).

Għalhekk, il-Kummissjoni tqis il-kriterji bħala alternattivi u li l-ħaddiema li jissodisfaw wieħed miż-żewġ kriterji jikkwalifikaw bħala "ħaddiema ta' billejl".

Il-proposta oriġinali ([172]) kienet tgħid espliċitament li l-ħaddiema ta' billejl jistgħu jagħmlu shifts. Dan jikkonferma li l-kategoriji differenti ma kinux maħsuba sabiex waħda teskludi lill-oħra iżda li ħaddiem jista' jkun "ħaddiem bix-shift" fl-istess ħin li jkun "ħaddiem ta' billejl". Din il-fehma ġiet ikkonfermata mill-Qorti fis-Sentenza González Castro, fejn il-Qorti sabet li ħaddiema li "tagħmel xogħol bix-xift li fil-kuntest tiegħu hija twettaq biss parti mill-funzjonijiet tagħha matul il-lejl għandha titqies li twettaq xogħol matul il-'ħin ta' billejl' u għandha għaldaqstant tiġi kklassifikata bħala "ħaddiem ta' matul il-lejl', fis-sens tad-Direttiva 2003/88"' ([173]).

## C. *Xogħol bix-shift u ħaddiem bix-shift*

> L-Artikolu 2(5) u (6) jistipula li:
>
> '5. "xogħol bix-shift" ifisser kwalunkwe metodu tal-organizzazzjoni tax-xogħol bix-shift li permezz tagħha ħaddiema jkomplu wara xulxin fl-istess stazzjonijiet tax-xogħol skont ċerti tendenzi, inklużi t-tendenzi tar-rotazzjoni, u li jistgħu jkunu kontinwi jew mhux kontinwi, li jinvolvi għall-ħaddiema li jaħdmu f'ħinijiet differenti matul perjodu partikolari ta' jiem jew ġimgħat;
>
> 6. "ħaddiem bix-shift" tfisser kwalunkwe ħaddiem li l-iskeda tax-xogħol tiegħu hija parti minn xogħol bix-shift;'

Id-definizzjonijiet ta' 'xogħol bix-shift' u ta' 'ħaddiem bix-shift' kienu soġġetti biss għal interpretazzjoni limitata ħafna mill-Qorti. Fis-Sentenza tagħha fil-Kawża *Simap*, il-Qorti sostniet li l-ħin tax-xogħol tat-tobba, organizzat sabiex il-ħaddiema jiġu assenjati suċċessivament fl-istess postijiet tax-xogħol fuq bażi rotazzjonali, jissodisfa r-rekwiżiti tad-definizzjoni ta' xogħol bix-shift ([174]). F'din il-Kawża, il-ħaddiema, tobba fis-servizzi tas-saħħa pubblika, normalment kienu jaħdmu mit-8 ta' filgħodu sat-3 ta' waranofsinhar. Madankollu, huma kienu jwettqu wkoll perjodi on-call mit-3 ta' waranofsinhar sat-8 ta' filgħodu kull 11-il jum. Il-Qorti sostniet li dan il-ħin 'on-call' fiċ-ċentru tas-saħħa jew il-ħin 'standby' fejn il-ħaddiema riedu jkunu jistgħu jintlaħqu f'kull ħin kien jissodisfa d-definizzjoni ta' xogħol bix-shift fuq il-bażi li:

— il-ħaddiema kienu assenjati suċċessivament fl-istess postijiet tax-xogħol fuq bażi rotazzjonali;

([169]) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol ta' Billejl, C171, 26 ta' Ġunju 1990.
([170]) Ara b'mod partikolari t-testi Franċiżi u Ġermaniżi tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol.
([171]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 55.
([172]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.
([173]) Is-Sentenza tad-19 ta' Settembru 2018 , *Isabel González Castro vs Mutua Umivale et*, C-41/17, ECLI:EU:C:2018:736, il-punt 46.
([174]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punti 59 sa 64.

— u li, anke jekk id-dmir jitwettaq f'intervalli regolari, it-tobba kkonċernati jissejħu biex iwettqu x-xogħol tagħhom f'ħinijiet differenti fuq perjodu ta' ġranet jew ġimgħat partikolari.

F'dan il-każ, il-Qorti ma sostnietx li l-iskeda tax-xogħol 'normali' tat-tobba kienet tammonta għal xogħol bix-shift, jista' jkun minħabba l-fatt li l-ħaddiema kienu jaħdmu fl-istess ħin u f'postijiet differenti ([175]).

Kif irrimarkat fit-test tad-definizzjoni, ix-'xogħol bix-shift' ma huwiex limitat għall-famuż 'mudell ta' rotazzjoni' li bih l-impjegati jaħdmu sett ta' sigħat għal perjodu u mbagħad jaqilbu għal sett differenti ta' sigħat ġeneralment organizzati bħala tliet perjodi ta' 8 sigħat f'ġurnata.

Fl-aħħar nett, kif indikat aktar 'il fuq, il-'ħaddiema bix-shift' jistgħu jkunu wkoll 'ħaddiema ta' billejl' ([176]). Ħaddiem li jkun kopert b'aktar minn definizzjoni waħda jeħtieġlu jibbenefika mill-miżuri ta' protezzjoni marbuta ma' kull waħda minnhom.

## D. ***Ħaddiem mobbli***

L-Artikolu 2(7) jistabbilixxi li:

'7. "ħaddiem mobbli" jfisser kwalunkwe ħaddiem impjegat bħala membru ta' persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir minn impriża li topera servizzi tat-trasport għall-passiġġieri jew il-merkanzija bit-triq, bl-ajru jew b'kanali tal-ilma interni;'

Id-distinzjoni bejn persunal mobbli u persunal mhux mobbli għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol kienet waħda mill-aspetti diskussi fil-preparazzjoni tad-Direttiva 2000/34/KE, li emendat id-Direttiva tal-1993, u introdotti fiha ([177]).

Skont id-Direttiva tal-1993, kienu jeżistu dubji dwar jekk l-esklużjoni ta' ċerti setturi kellhiex tiġi applikata jew le għall-ħaddiema kollha f'dawn is-setturi jew għal dawk biss li kienu soġġetti għal obbligi speċifiċi ta' mobilità ([178]). Id-Direttiva emendatorja 2000/34/KE għalhekk kellha l-għan li tistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet speċifiċi għall-persunal mobbli filwaqt li tiggarantixxi li l-persunal mhux mobbli f'setturi b'ħaddiema mobbli jibbenefikaw minn organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ġenerali.

Għalhekk, il-kwalifika bħala 'ħaddiema mobbli' fid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol hija limitata għall-ħaddiema li fl-istess ħin:

— ikunu parti minn persunal tal-ivvjaġġar jew tat-titjir;

— jaħdmu għal impriża li topera servizzi tat-trasport għall-passiġġieri jew għall-merkanzija;

— jaħdmu fis-settur tat-trasport bit-triq, bl-ajru jew b'kanali tal-ilma interni.

It-tifsira tat-terminu 'ħaddiema mobbli' hija speċifika għad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u hija marbuta b'mod intrinsiku mal-kriterju tal-'ivvjaġġar jew titjir'. Għandha l-għan li tqis il-kundizzjonijiet tax-xogħol distintivi u l-karatteristiċi partikolari tal-attivitajiet tal-ħaddiema kkonċernati (eż. jaħdmu u jgħixu fil-post tax-xogħol għal ċerti perjodi, prinċipalment bħala parti minn attivitajiet transfruntiera). Din hija differenti minn ħaddiema mobbli fis-sens ta' ħaddiema stazzjonati, migranti jew transfruntiera. Tfisser ukoll li mhux il-ħaddiema kollha li 'jivvjaġġaw' jew 'itiru' jikkwalifikaw bħala 'ħaddiema mobbli'.

Din id-definizzjoni fid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol hija marbuta mad-deroga introdotta mill-Artikolu 20 tagħha għall-ħaddiema mobbli (ara hawn taħt il-punt IX.D.1).

Madankollu, kif indikat taħt il-punt III.B.5 hawn fuq, huma biss il-ħaddiema mobbli mhux koperti b'leġiżlazzjoni speċifika dwar it-trasport li jaqgħu taħt din id-Direttiva u d-derogi tagħha.

([175]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 61.
([176]) Is-Sentenza fil-Kawża C-41/17, *González Castro*, il-punti 44 sa 46.
([177]) Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fis-setturi u l-attivitajiet esklużi mid-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993, it-18 ta' Novembru 1998, COM(1998) 662 final, il-paragrafu 27.
([178]) Madankollu jista' jiġi nnotat li l-Qorti eventwalment ikkjarifikat dan l-aspett fis-Sentenza tagħha tal-4 ta' Ottubru 2001, *J.R. Bowden, J. L. Chapman u J.J. Doyle vs Tuffnells Parcels Express Ltd*, C-133/00, ECLI:EU:C:2001:514, fejn hija ddeċidiet li l-esklużjoni ta' ċerti setturi tat-trasport li kienet implikata fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 93/104/KE kienet teskludi mhux biss lill-ħaddiema mobbli iżda lill-ħaddiema kollha f'dawn is-setturi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha.

E. ***Xogħol offshore***

> L-Artikolu 2(8) jiddikjara li:
>
> ‘8. “xogħol offshore” ifisser xogħol imwettaq primarjament fuq jew minn installazzjonijiet offshore (inklużi r-riggijiet tat-tħaffir), direttament jew indirettament konnessi mal-esplorazzjoni, l-estrazzjoni jew l-esplojtazzjoni ta’ riżorsi minerali, inklużi l-idrokarburi, u għadis b’konnessjoni ma’ attivitajiet bħal dawn, sewwa jekk imwettqa minn installazzjoni offshore jew minn vapur;’

Sal-lum, ma jidher li qamet l-ebda kwistjoni speċifika għal din id-definizzjoni u ma hemm l-ebda ġurisprudenza tal-Qorti.

F. ***Serħan adegwat***

> L-Artikolu 2(9) jistipula li
>
> ‘9. “serħan adegwat” ifisser li l-ħaddiema jkollhom perjodi regolari ta’ serħan, li t-tul tagħhom huwa espress f’unitajiet ta’ ħin u li huma suffiċjentement twal u kontinwi li jassiguraw li, bħala riżultat ta’ għajja jew tendenzi oħrajn irregolari tax-xogħol, li ma joħolqux xi korriment għalihom, għal ħaddiema sħabhom jew għal oħrajn u li ma jkunux ta’ ħsara għal saħħithom, la f’terminu qasir u lanqas f’terminu fit-tul.’

Il-kunċett ta’ mistrieħ adegwat jissemma kemm fil-premessa 5 tad-Direttiva li tgħid li ‘Il-ħaddiema kollha għandu jkollhom perjodi adegwati ta’ serħan’ kif ukoll fl-Artikoli 20 u 21 li jistabbilixxu derogi għall-ħaddiema mobbli u offshore kif ukoll għall-ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f’ilmijiet miftuħa. Dan għalhekk jintuża fir-rigward ta’ ħaddiema li ma humiex koperti mid-dispożizzjonijiet dwar il-perjodi ta’ serħan stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 5. Dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi ta’ deroga jgħidu li tali ħaddiema huma intitolati għal ‘serħan adegwat’ bħala livell minimu ta’ protezzjoni ([179]).

Fin-nuqqas ta’ limiti numeriċi u n-nuqqas ta’ ġurisprudenza dwar dan il-kunċett, il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta’ ‘serħan adegwat’ irid jiġi eżaminat fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom jiġi applikat. B’mod partikolari jridu jiġu kkunsidrati l-ispeċifiċitajiet marbuta mal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tat-tliet tipi ta’ ħaddiema kkonċernati: mobbli, offshore u ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f’ilmijiet miftuħa.

## V. **PERJODI MINIMI TA’ SERĦAN**

Id-dritt tal-ħaddiema għal perjodi minimi ta’ serħan kuljum u kull ġimgħa huwa mnaqqax fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-premessa 5 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tikkonferma l-importanza ta’ dawn il-perjodi ta’ serħan u tiddikjara li ‘Il-ħaddiema kollha għandu jkollhom perjodi adegwati ta’ serħan. Il-kunċett ta’ “serħan” għandu jkun espress f’unitajiet ta’ ħin, i.e. f’jiem, f’sigħat u/jew frazzjonijiet tagħhom. Il-ħaddiema tal-Komunità għandhom ikunu mogħtija il-perijodi minimi ta’ serħan ta’ kull jum u ta’ kull ġimgħa, u waqfien adegwati. […]’

Fid-Direttiva, huma definiti tliet tipi ta’ perjodi ta’ serħan: serħan ta’ kuljum (l-Artikolu 3), waqfien (l-Artikolu 4) u serħan ta’ kull ġimgħa (l-Artikolu 5). L-Artikolu 7 jipprevedi wkoll perjodu ta’ liv annwali bil-ħlas, li oriġinarjament kien imsejjaħ ‘serħan annwali’ ([180]) u huwa diskuss aktar fil-Kapitolu VII.

Irid jingħad li jeżistu derogi għal dawn id-dispożizzjonijiet u li l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom u l-miżuri ta’ protezzjoni marbuta magħhom huma spjegati fil-Kapitolu IX.

---

([179]) L-Artikoli 20 u 21 jipprevedu rispettivament li l-ħaddiema mobbli, u l-ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f’ilmijiet miftuħa, ma humiex koperti mill-Artikoli 3, 4, jew 5, iżda li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jassiguraw li dawn il-ħaddiema xorta jkunu intitolati għal ‘*serħan adegwat*’.

([180]) Il-Memorandum ta’ spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta’ Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.

A. ***Serħan ta' kuljum***

> L-Artikolu 3 jistipula li:
>
> 'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu ta' serħan kuljum ta' 11-il siegħa konsekuttivi f'perjodu ta' 24 siegħa.'

Ir-rekwiżit li kull ħaddiem jingħata 11-il siegħa konsekuttiva ta' serħan huwa standard minimu u ħafna drabi jiġu pprovduti dispożizzjonijiet aktar protettivi mil-liġi nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva, pereżempju li jagħtu lill-ħaddiema perjodu itwal ta' serħan kuljum jew li jistabbilixxu ħin massimu ta' xogħol ta' kuljum. Il-Kummissjoni qisitu bħala 'xibka tas-sikurezza' għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema kkonċernati, li kienet tqis ukoll ir-rekwiżiti ekonomiċi u ċ-ċikli tax-xogħol bix-shift ([181]).

Il-11-il siegħa ta' serħan ta' kuljum iridu jkunu konsekuttivi. Dan ifisser li l-ħaddiema ma għandhomx jiġu interrotti fil-perjodu ta' serħan tagħhom sakemm l-Istat Membru ma jkunx ippreveda mod ieħor skont id-derogi permessi (ara l-Kapitolu IX).

Il-ħaddiema jeħtiġilhom jirċievu perjodu wieħed ta' serħan ta' kuljum għal kull perjodu ta' 24 siegħa. Madankollu, id-Direttiva ma tiddefinix dan il-perjodu bħala jum tal-kalendarju. Tali approċċ *de facto* jwassal għall-impożizzjoni ta' skeda tax-xogħol li ma taqbilx mal-perjodi tax-xogħol normali ([182]).

Madankollu, billi tistabbilixxi qafas ta' perjodi ta' 24 siegħa, id-Direttiva timponi ċerta regolarità fil-perjodi ta' serħan ta' kuljum. F'dan ir-rigward, il-Qorti ddeċidiet li 'sabiex tkun żgurata protezzjoni effettiva tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem, għandu, bħala regola ġenerali, ikun previst li perijodu ta' xogħol jalterna b'mod regolari ma' perijodu ta' mistrieħ' ([183]). L-iskop tas-serħan ta' kuljum huwa li jippermetti lill-ħaddiema li jitilqu mill-ambjent tax-xogħol tagħhom għal numru ta' sigħat. Dawn iridu jkunu konsekuttivi u 'isegwu direttament perijodu ta' xogħol, sabiex jippermettulu jirrilassa u jelimina l-għeja kkaġunata mit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu' ([184]).

Dan ifisser li fejn ma jkunx hemm deroga, il-ħin tax-xogħol konsekuttiv ikun limitat għal 13-il siegħa (li minnhom trid titnaqqas il-waqfa ta' mistrieħ ippreżentata hawn taħt) u jrid ikun segwit minn tal-anqas 11-il siegħa konsekuttivi ta' serħan. Skont id-dispożizzjonijiet 'normali' tad-Direttiva, il-ħaddiema ma jistgħux iwettqu xogħol għal aktar minn 13-il siegħa konsekuttivi billi dan imur kontra l-iskop ta' din id-dispożizzjoni. Tali reġimi għalhekk huma permessi biss skont il-kundizzjonijiet dettaljati fil-Kapitolu IX.

B. ***Pawżi***

> L-Artikolu 4 jistipula li:
>
> 'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, meta l-jum tax-xogħol ikun itwal min sitt sigħat, li kull ħaddiem ikun intitolat għal waqfien ta' serħan, li d-dettalji tiegħu, inkluż it-tul ta' żmien u t-terminu li fuqhom jingħata, ikunu stabbiliti fi ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija jew, f'nuqqas ta' dan, b'leġiżlazzjoni nazzjonali.'

L-Artikolu 4 jintitola lill-ħaddiema għal waqfa ta' mistrieħ jekk il-ġurnata tax-xogħol tagħhom tkun itwal minn 6 sigħat. Madankollu, hija tħalli d-definizzjoni tad-durata u t-termini tagħha għall-ftehimiet kollettivi jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

([181]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.
([182]) Dan iġiegħel lill-ħaddiema jaħdmu bejn 00.00 u s-13.00 u li jibbenefikaw mill-perjodu ta' serħan tagħhom bejn is-13.00 u 24.00 jew għall-kuntrarju li jistrieħu minn 00.00 sal-11.00 u li jaħdmu mill-11.00 sa 24.00.
([183]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 95.
([184]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 95.

## 1. **Durata tal-waqfa ta' mistrieħ**

Il-premessa 5 tad-Direttiva tgħid li l-perjodi ta' serħan, li jinkludu l-waqfiet ta' mistrieħ, iridu jkunu espressi f'unitajiet ta' ħin, jiġifieri f'jiem, f'sigħat u/jew frazzjonijiet tagħhom, u li l-ħaddiema jeħtiġilhom jingħataw '*waqfien adegwati*' ([185]).

Il-Kummissjoni għalhekk tqis li l-waqfiet ta' mistrieħ li l-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu intitolati għalihom iridu jkunu definiti b'mod ċar f'unitajiet ta' ħin u li, għalkemm id-durata tal-waqfa ta' mistrieħ trid tkun definita bi ftehim kollettiv jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, waqfiet ta' mistrieħ qosra żżejjed imorru kontra d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.

## 2. **Il-ħin meta tittieħed il-pawża**

Bl-istess mod, għalkemm id-Direttiva tħalliha f'idejn il-ftehimiet kollettivi jew il-leġiżlazzjoni sabiex tiddefinixxi t-termini kif tingħata l-waqfa ta' mistrieħ, il-waqfa ta' mistrieħ għandha effettivament tippermetti lill-ħaddiema li jistrieħu matul il-jum tax-xogħol tagħhom meta dan tal-aħħar ikun itwal minn 6 sigħat. Dan il-ħin għalhekk għandu jiġi addattat għall-iskeda tal-ħaddiema u dan għandu jseħħ mhux aktar tard milli wara 6 sigħat.

## 3. **Kundizzjonijiet tal-waqfa ta' mistrieħ**

Il-'waqfa ta' mistrieħ' li l-ħaddiema huma intitolati għaliha skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva għandha tikkostitwixxi 'perjodu ta' serħan' kif jidher ċar kemm mill-inklużjoni tagħha fil-premessa 5 kif ukoll fit-titolu tal-kapitolu '*Perjodi minimi ta' serħan*' li fih hija mdaħħla.

Fid-dawl tad-definizzjonijiet ta' 'ħin tax-xogħol' u 'perjodu ta' serħan', dan ifisser li l-ħaddiema ma għandhomx ikunu obbligati jibqgħu fl-istazzjonijiet tax-xogħol tagħhom, għad-dispożizzjoni tal-impjegatur jew iwettqu l-attività jew id-dmirijiet tagħhom. Tali waqfiet ta' mistrieħ fejn il-ħaddiema jitħallew jiġġestixxu l-ħin tagħhom mingħajr restrizzjonijiet kbar u li jsegwu l-interessi proprji tagħhom, ma jikkostitwixxux ħin tax-xogħol ([186]). Il-waqfiet ta' mistrieħ għalhekk ma għandhomx għalfejn jingħaddu bħala 'ħin tax-xogħol' billi huma jikkostitwixxu 'perjodi ta' serħan'. Il-liġi nazzjonali madankollu tista' tvarja billi, kif enfasizzat aktar 'il fuq, l-Istati Membri jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, pereżempju billi jgħoddu l-waqfiet ta' mistrieħ matul ġurnata tax-xogħol bħala 'ħin tax-xogħol'.

Għall-kuntrarju, perjodu li matulu l-ħaddiema jkunu mitluba mill-impjegatur tagħhom li jibqgħu fil-post tagħhom u li jkunu disponibbli sabiex jipprovdu servizzi jekk ikun meħtieġ, anke jekk l-attività tagħhom tkun żero, jikkwalifika bħala 'ħin tax-xogħol' u għalhekk ma jissodisfax id-dritt tal-ħaddiema li jirċievu waqfa ta' mistrieħ matul il-ġurnata tax-xogħol tagħhom.

Il-Qorti ddeċidiet li perjodu li matulu l-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu lesti li jwieġbu għal sejħa f'limitu ta' ħin ta' żewġ minuti jikkostitwixxi 'ħin tax-xogħol' jekk ikun jidher li l-limitazzjonijiet imposti fuq il-ħaddiema jaffettwaw b'mod sinifikanti ħafna l-kapaċità tagħhom li jimmaniġġjaw il-ħin liberu tagħhom ([187]).

## 4. **Obbligi ta' traspożizzjoni fuq l-Istati Membri**

Id-Direttiva tippermetti li l-ftehimiet kollettivi jistabbilixxu d-durata u t-termini tal-pawża. Minkejja dan, id-dmir li d-Direttiva tiġi trasposta jaqa' taħt l-Istati Membri ([188]). Għaldaqstant, hija r-responsabbiltà tagħhom li jiżguraw li l-ħaddiema kollha, inklużi dawk li jistgħu ma jiġux koperti bi ftehimiet kollettivi, ikunu intitolati għal pawża.

Il-formulazzjoni tad-Direttiva tistabbilixxi li d-durata u t-termini tal-waqfa ta' mistrieħ ikunu definiti bi ftehimiet kollettivi jew mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Dan min-naħa tiegħu jfisser li t-testi tat-traspożizzjoni nazzjonali jistgħu ma jħallux id-durata u t-termini tal-waqfa ta' mistrieħ jiġu ddefiniti bi ftehimiet individwali bejn il-ħaddiem u l-impjegatur ikkonċernat.

([185]) Dan il-kunċett tal-aħħar ta' '*waqfien adegwati*' ssemma wkoll mill-Qorti pereżempju fis-Sentenza tal-14 ta' Ottubru 2010, *Günter Fuß vs Stadt Halle*, C-243/09, ECLI:EU:C:2010:609, il-punt 32.

([186]) Is-Sentenza fil-Kawża C-266/14, *Federación de Servicios Privados del sindicato Comisiones obreras*, il-punti 36 sa 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 50.

([187]) Is-Sentenza fil-Kawża 107/19, *Dopravní podnik hl. m. Prahy*, il-punt 43.

([188]) L-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li: '*Direttiva għandha torbot l-Istati Membri, f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.*'

## C. Serħan ta' kull ġimgħa

L-Artikolu 5 jistipula li:

'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, f'kull perjodu ta' sebat ijiem kull ħaddiem ikun intitolat għal perjodu minimu mingħajr interruzzjoni ta' serħan ta' 24 siegħa flimkien ma' 11-il siegħa serħan ta' kuljum kif li hemm referenza għalih fl-Artikolu 3.

Jekk objettivi, l-organizzazzjoni tal-kondizzjonijiet tekniċi jew tax-xogħol hekk jiġġustifikaw, perjodu minimu ta' serħan ta' 24 siegħa jista' jkun applikat.'

Barra minn hekk, l-Artikolu 16 jistabbilixxi li:

'L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu:

(a) għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 (perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa), perjodu ta' referenza li ma jeċċedix 14-il jum; […]'

Id-Direttiva tal-1993 kellha formulazzjoni kemxejn differenti fl-Artikolu 5 billi kienet tinkludi s-sentenza li ġejja: '*Il-perjodu minimu ta' serħan imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu għandu inprinċipju jinkludi l-Ħadd*'. Madankollu, din id-dispożizzjoni kienet imħassra mill-Qorti, li qieset li l-obbligu li jiġi stabbilit il-Ħadd pjuttost milli kwalunkwe jum ieħor tal-ġimgħa bħala jum ta' serħan ma kienx ġustifikat fid-dawl tal-bażi legali użata għal din id-Direttiva, li tirrigwarda l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema ([189]). Is-sentenza mbagħad tneħħiet waqt l-emenda tad-Direttiva permezz tad-Direttiva 2000/34/KE.

Għalkemm il-ġurisprudenza sal-lum hija limitata dwar is-suġġett tas-serħan ta' kull ġimgħa, il-Kummissjoni xorta waħda tispjega l-konsiderazzjonijiet li ġejjin fid-dawl tal-formulazzjoni u l-objettiv tad-Direttiva.

### 1. Perjodu minimu ta' 35 siegħa ta' serħan mingħajr interruzzjoni kull ġimgħa

Kif innotat aktar 'il fuq, l-Artikolu 5 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jistipula li 'f'kull perjodu ta' sebat ijiem' il-ħaddiema jgawdu perjodu ta' serħan ta' 24 siegħa flimkien mal-11-il siegħa ta' serħan ta' kuljum, li jfisser li dan il-perjodu ta' 11-il siegħa ta' serħan ta' kuljum ma jistax jitnaqqas mill-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa.

Dan jammonta għal perjodu ta' serħan kontinwu ta' 35 siegħa.

Kif indikat aktar 'il fuq, dan ir-rekwiżit huwa provvediment minimu. L-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu perjodi addizzjonali jew itwal ta' serħan sakemm jiġi rrispettat dan il-minimu.

### 2. Perjodu ta' serħan f'kull perjodu ta' 7 ijiem ('serħan ta' kull ġimgħa')

L-Artikolu 5 jistabbilixxi li l-ħaddiema jeħtiġilhom ikunu intitolati għal perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa 'f'kull perjodu ta' sebat ijiem'. Fid-dawl tal-objettiv li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, id-Direttiva tirrikjedi ċerta regolarità tas-serħan ta' kull ġimgħa li l-ħaddiem huwa intitolat għalih.

Il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 5 ma jispeċifikax meta jrid iseħħ il-perjodu minimu ta' serħan fil-ġimgħa u jagħti lill-Istati Membri grad ta' flessibbiltà fir-rigward tal-għażla dwar il-ħin. Il-perjodu ta' serħan jista' jiġi pprovdut fi kwalunkwe ħin f'kull perjodu ta' 7 ijiem ([190]). Madankollu, id-Direttiva ma tirrikjedix li s-serħan ta' kull ġimgħa jingħata fl-istess jum tal-ġimgħa f'kull perjodu ta' 7 ijiem.

### 3. Serħan ta' kull ġimgħa fuq perjodu ta' referenza ta' 14-il jum

Lil hinn mill-flessibbiltà deskritta hawn fuq dwar l-istabbiliment tal-perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa matul kull perjodu ta' 7 ijiem, l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol jippermetti li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ta' 14-il jum għas-serħan ta' kull ġimgħa. F'dan ir-rigward, il-proposta ([191]) tal-Kummissjoni indikat li l-perjodi ta' serħan proposti kienu

([189]) Is-Sentenza fil-Kawża C-84/94, *Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill*.

([190]) Is-Sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, *António Fernando Maio da Rosa vs Varzim Sol – Turismo, Jogo e Animação SA*, C-306/16, ECLI:EU:C:2017:844, il-punti 39 u 44.

([191]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.

jikkostitwixxu 'f'minimi raġonevoli li jqisu r-rekwiżiti ekonomiċi u ċ-ċikli tax-xogħol bix-shift, billi l-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa jista' jiġi kkalkulat bħala medja fuq perjodu ta' ġimagħtejn. Dan iqis il-flessibbiltà neċessarja, kif murija mill-multiplikazzjoni tal-"ftehimiet dwar il-produttività" maqbula miż-żewġ naħat tal-industrija.' [129]

Dan ifisser li l-liġi nazzjonali tista' tippermetti li tittieħed il-medja tal-perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa ta' ġimagħtejn. Dan għalhekk jippermetti li l-ħaddiema jingħataw jew żewġ perjodi ta' 35 siegħa jew perjodu doppju wieħed ta' serħan ta' kull ġimgħa.

L-Artikoli 5 u 16 għal darba oħra jimponu ċerta regolarità billi jiggarantixxu li l-ħaddiema jkunu intitolati għal ammont stabbilit ta' serħan f'kull perjodu ta' 14-il jum. Madankollu, huma ma jimponu l-ebda obbligu li dan is-serħan ikun fl-istess jiem matul kull perjodu ta' 14-il jum.

Dan ifisser li l-atti ta' traspożizzjoni nazzjonali għandhom jassiguraw li jingħataw żewġ perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa ta' 35 siegħa jew perjodu doppju wieħed ta' serħan ta' kull ġimgħa f'kull perjodu ta' 14-il jum.

### 4. **Perjodu mqassar ta' serħan ta' kull ġimgħa f'ċerti każijiet**

L-Artikolu 5, l-aħħar sentenza, jipprevedi l-possibbiltà li s-serħan ta' kull ġimgħa jitnaqqas għal 24 siegħa minħabba kundizzjonijiet oġġettivi, tekniċi jew ta' organizzazzjoni tax-xogħol.

Sal-lum, din id-dispożizzjoni ma ġietx interpretata mill-ġurisprudenza tal-Qorti. Għalhekk huwa diffiċli li jiġi ddefinit il-kamp ta' applikazzjoni preċiż tagħha. Żewġ aspetti jistgħu madankollu jagħtu gwida għall-kjarifika ta' din id-dispożizzjoni.

L-ewwel nett, din id-dispożizzjoni kienet introdotta fil-pożizzjoni komuni bil-għan li tkopri l-problema possibbli tal-ħaddiema bix-shift li jaħdmu x-shift tard is-Sibt u x-shift kmieni t-Tnejn, jiġifieri li jirċievu biss 24 siegħa ta' serħan konsekuttiv ([192]). It-tieni, il-Qorti sostniet kemm-il darba li, fid-dawl tal-objettiv tad-Direttiva, l-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha u d-derogi mid-dispożizzjonijiet tagħha jridu jiġu interpretati b'mod restrittiv ([193]).

Għalkemm dawn il-konsiderazzjonijiet ma humiex deċiżivi u din id-deroga tista' tapplika wkoll għal każijiet differenti minn dak tal-ħaddiema bix-shift, l-użu tagħha jrid jiġi kkunsidrat bir-reqqa fuq bażi ta' każ b'każ.

## VI. **ĦIN TAX-XOGĦOL MASSIMU TA' KULL ĠIMGĦA**

Id-dritt tal-ħaddiema għal limitazzjoni tas-sigħat massimi ta' xogħol huwa mnaqqax fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

> Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tista' titqies bħala li tagħti espressjoni konkreta lil dan id-dritt billi tistabbilixxi ħin massimu medju ta' xogħol kull ġimgħa fl-Artikolu 6:
>
> 'L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li, skont il-ħtieġa tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema:
>
> (a) il-perijodu tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa ikun limitat permezz ta' liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi jew bi ftehim kollettiv jew bi ftehim bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija;
>
> (b) il-medja tal-ħin tax-xogħol għal kull perjodu ta' sebat ijiem, inkluża s-sahra, ma tkunx teċċedi t-48 siegħa.'
>
> Dan id-dritt huwa inkwadrat b'perjodu ta' referenza stabbilit fl-Artikolu 16:
>
> 'L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu:
>
> […] (b) għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6 (perjodu massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa), perjodu ta' referenza li ma jeċċedix erba' xhur.

([192]) Kif irrapportat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni dwar il-proposta rieżaminata għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, is-16 ta' Novembru 1993, COM(93) 578 final – SYN 295, paġna 3, l-emenda Nru 5.

([193]) Dwar l-esklużjonijiet mill-kamp ta' applikazzjoni, ara: Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-211/19, *Készenléti Rendőrség*, il-punt 32; Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punti 55 u 65. Dwar id-derogi, ara: Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 89; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 40; Is-Sentenza fil-Kawża C-518/15, *Matzak*, il-punt 38; Is-Sentenza fil-Kawża C-585/19, *Academia de Studii Economice din Bucureşti*, il-punt 61.

Il-perjodi ta' leave annwali bil-ħlas, mogħtija b'konformità ma l-Artikolu 7, u l-perjodi tal-leave tal-mard, m'għandhomx ikunu inklużi jew inkella jkunu newtralizzati fil-kalkolazzjoni tal-medja; […]'.

Fl-aħħar nett, filwaqt li l-limitazzjoni nnifisha tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa hija soġġetta biss għal derogi fil-każ tal-'ħaddiema awtonomi' u għall-ħaddiema li jkunu qablu mal-'esklużjoni fakultattiva', id-derogi mill-perjodu ta' referenza permessi fl-Artikolu 16 huma possibbli f'każijiet oħrajn deskritti hawn taħt iżda ċirkoskritti mill-Artikolu 19 kif ippreżentat fil-Kapitolu IX hawn isfel.

L-istatus speċjali tal-limitazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa ġie enfasizzat ulterjorment mill-Qorti, li sostniet ripetutament li 'fir-rigward, kemm tal-kliem tad-[Direttiva] kif ukoll tal-għan u l-iskema tagħha, ir-rekwiżiti differenti li hija tipprovdi dwar is-suġġett tal-ħin massimu tax-xogħol u tal-ħin minimu ta' serħan jikkostitwixxu regoli tad-dritt soċjali Komunitarju ta' importanza partikolari li minnhom għandu jibbenefika kull ħaddiem bħala rekwiżit minimu neċessarju sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tiegħu' ([194]).

A. ***Ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa***

### 1. Liema ħin għandu jingħadd għall-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa

Il-limitu massimu ta' kull ġimgħa japplika għall-kunċett ta' ħin tax-xogħol ippreżentat aktar 'il fuq u użat mill-Qorti ([195]).

Barra minn hekk, id-Direttiva tipprovdi espliċitament li s-sahra għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tal-ħin tax-xogħol massimu medju ta' kull ġimgħa. Dan huwa konformi mad-definizzjoni ta' ħin tax-xogħol ippreżentata aktar 'il fuq, li ma tiddistingwix bejn ħin tax-xogħol 'statutorju' u perjodi ta' ħin li jistgħu, pereżempju, jiġu kkwalifikati bħala 'sahra' jew 'ħin on-call' skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali u jiġu ttrattati b'mod differenti b'mod partikolari għal skopijiet ta' remunerazzjoni.

### 2. Massimu stabbilit għal 48 siegħa

Il-ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa huwa stabbilit għal 48 siegħa f'kull perjodu ta' 7 ijiem. Din id-dispożizzjoni tistabbilixxi standard minimu u l-Istati Membri jistgħu jipprevedu aktar protezzjoni kif ippreżentat hawn fuq.

### 3. Massimu mingħajr kundizzjonijiet

Fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti enfasizzat li l-Istati Membri ma jistgħux jiddeterminaw b'mod unilaterali l-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u għalhekk l-Istati Membri ma jistgħux jorbtu kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-dritt tal-ħaddiem skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva li ma jaħdimx aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa ([196]).

Il-Qorti sostniet li l-effettività ta' dik id-dispożizzjoni għandha tiġi assigurata mill-Istati Membri. Pereżempju hija kkonkludiet li l-applikazzjoni ta' miżura li biha ħaddiem jiġi soġġett għal trasferiment obbligatorju f'servizz ieħor talli jkun talab ir-rispett tal-ħin massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa ċċaħħad l-effettività tad-dispożizzjoni billi 'il-biża' ta' miżura ta' ritaljazzjoni simili li kontriha ma hemm l-ebda rimedju ġudizzjarju tista' tiddiswadi lill-ħaddiema, li jqisu lilhom infushom leżi minn miżura meħuda minn min jimpjegahom, milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom permezz ta' rimedji ġudizzjarji u, għalhekk, hija tali li tikkomprometti b'mod gravi l-kisba tal-għan tad-Direttiva' ([197]).

Barra minn hekk, il-Qorti sostniet ukoll li l-qbiż ta' dak il-massimu kien jikkostitwixxi, fih innifsu, ksur ta' dik id-dispożizzjoni, mingħajr il-ħtieġa li jintwera li jkun ġie sofrut detriment speċifiku ([198]).

([194]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 100; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 49; Id-Digriet fil-Kawża C-437/05, *Vorel*, il-punt 23; Is-Sentenza tal-11 ta' April 2019, *Syndicat des cadres de la sécurité intérieure vs Premier ministre et*, C-254/18, ECLI:EU:C:2019:318, il-punt 32; Is-Sentenza fil-Kawża C-909/19, *Unitatea Administrativ Teritorială D.*, il-punt 36; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/20, *Dublin City Council*, il-punt 37.

([195]) Ara b'mod partikolari: Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punti 93 sa 95; Is-Sentenza fil-Kawża C-14/04, *Dellas et*, il-punt 50.

([196]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 99; Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 52; Is-Sentenza fil-Kawża C-429/09, *Fuß*, il-punt 34.

([197]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punti 65 sa 66.

([198]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 53.

## B. *Massimu li jista' jiġi kkalkolat bħala medja*

### 1. **Kemm huwa twil il-perjodu ta' referenza?**

Kif indikat mit-test tal-Artikolu 6, il-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa użat sabiex tiġi ċċekkjata l-konformità mal-limitu massimu jista' jiġi kkalkolat bħala medja. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol medju ta' kull ġimgħa, fis-setturi u l-attivitajiet kollha, sa perjodu ta' 4 xhur.

Permezz ta' deroga, il-perjodi ta' referenza jistgħu f'ċerti każijiet jiġu estiżi soġġett għall-Artikolu 19. Aktar dettalji dwar il-kundizzjonijiet u l-firxa tad-derogi huma ppreżentati fil-Kapitolu IX. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl tal-limitazzjonijiet għad-derogi mill-perjodu ta' referenza, il-Qorti rrikonoxxiet li l-perjodu ta' referenza ma jista' fl-ebda ċirkustanza jaqbeż it-12-il xahar u li kien 'għalhekk possibbli li tiġi determinata l-protezzjoni minima li trid tiġi pprovduta fi kwalunwke każ' lill-ħaddiema ([199]).

### 2. **X'ma huwiex inkluż fil-perjodu ta' referenza**

Rigward il-perjodu ta' referenza użat għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol medju ta' kull ġimgħa, l-Artikolu 16 tad-Direttiva jistipula li '[…] Il-perjodi ta' leave annwali bil-ħlas, mogħtija b'konformità mal-Artikolu 7, u l-perjodi tal-leave tal-mard, m'għandhomx ikunu inklużi jew inkella jkunu newtralizzati fil-kalkolazzjoni tal-medja […]'.

Dan ifisser li n-nuqqas ta' xogħol matul dawn il-perjodi ma jistax jintuża sabiex jikkumpensa perjodi oħrajn li matulhom il-ħin tax-xogħol matul il-ġimgħa jkun qabeż il-massimu.

Rigward il-liv annwali bil-ħlas, dan jirrigwarda l-4 ġimgħat mogħtija mid-Direttiva. Madankollu, f'termini tad-dritt għal-liv tal-mard, il-"*modalitajiet ta' eżerċizzju […] mhumiex, fl-istat attwali tad-dritt Komunitarju, irregolati minn dan tal-aħħar*" ([200]). Għalhekk huwa neċessarju li wieħed jirreferi għad-definizzjoni(jiet) nazzjonali tal-liv minħabba mard sabiex ikun jaf liema perjodi għandhom jiġu esklużi jew ikunu newtrali fil-kalkolu tal-ħin tax-xogħol medju ta' kull ġimgħa.

### 3. **X'jista' jiġi inkluż fil-perjodu ta' referenza**

Fid-dawl tal-formulazzjoni tal-Artikolu 16(b) u minkejja n-nuqqas ta' ġurisprudenza tal-Qorti dwar din il-kwistjoni, il-Kummissjoni tqis li, fejn il-liġi nazzjonali tintitola lill-ħaddiema għal perjodi addizzjonali ta' liv annwali bil-ħlas lil hinn mill-minimu ta' 4 ġimgħat, l-Istat Membru kkonċernat jibqa' liberu li jiddeċiedi dwar l-inklużjoni jew l-esklużjoni ta' dawn il-perjodi addizzjonali ta' liv annwali bil-ħlas meta jikkalkula l-ħin tax-xogħol medju ta' kull ġimgħa.

## C. *Dispożizzjoni b'effett dirett*

Il-Qorti qieset li l-Artikolu 6(2), flimkien mad-dispożizzjonijiet dwar il-perjodu ta' referenza, jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jipproduċi effett dirett ([201]).

Minkejja l-aġġustamenti possibbli tal-perjodu ta' referenza applikabbli għall-ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa, il-Qorti sostniet li "l-libertà permessa ma tagħmilhiex impossibbli li jiġu determinati drittijiet minimi" u li d-dispożizzjonijiet kienu preċiżi u mingħajr kundizzjonijiet ([202]). Minħabba f'hekk, il-Qorti sostniet li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva jagħti "d-dritt lill-individwi li permezz tiegħu l-perjodu ta' referenza għall-implimentazzjoni tat-tul massimu tal-ħin tax-xogħol tagħhom matul ġimgħa ma jridx jaqbeż it-2-il xahar" ([203]).

Madankollu, id-Direttiva ma tistax minnha nnifisha timponi obbligi fuq individwu u għalhekk ma tistax tiġi applikata fi proċedimenti esklussivament bejn partijiet privati ("effett dirett orizzontali") ([204]).

Madankollu, fi kwalunkwe każ hija r-responsabbiltà tal-qrati nazzjonali li jipprevedu l-protezzjoni legali li individwu jikseb minn dik ir-regola u għalhekk li jinterpretaw il-liġi nazzjonali, kemm jista' jkun, fid-dawl tal-formulazzjoni u l-iskop tad-Direttiva, sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq ([205]).

([199]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 69.
([200]) Is-Sentenza tal-20 ta' Jannar 2009, *Gerhard Schultz-Hoff vs Deutsche Rentenversicherung Bund u Stringer et vs Her Majesty's Revenue and Customs*, il-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, ECLI:EU:C:2009:18, il-punt 27.
([201]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punti 104 sa 106; Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 59; Is-Sentenza fil-Kawża C-429/09, *Fuß*, il-punt 35.
([202]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 68.
([203]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 70.
([204]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punti 108 sa 109.
([205]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punti 110 sa 113.

Barra minn hekk, l-effett dirett ta' dispożizzjoni jippermetti wkoll liċ-ċittadini li jibbażaw direttament fuqha f'azzjonijiet kontra l-istat jew korpi pubbliċi li jkunu "emanazzjonijiet tal-istat" bħall-awtoritajiet reġjonali, l-ibliet jew il-komuni ([206]), inkluż fil-kapaċità tagħhom bħala impjegaturi, meta dawn ikunu naqsu milli jittrasponu dispożizzjoni fil-liġi nazzjonali jew ittrasponewha ħażin ([207]) ("effett dirett vertikali"). Dan min-naħa tiegħu jista' jwassal għall-applikazzjoni tal-prinċipju tar-responsabbiltà tal-Istat għat-telf jew id-dannu kkawżat lil individwi b'riżultat tal-ksur tad-dritt tal-UE. L-Istat imbagħad jista' jinżamm responsabbli u jkollu jagħti lill-individwi d-dritt għal rimedju taħt ċerti kundizzjonijiet, li jridu jiġu eżaminati mill-qrati nazzjonali ([208]).

Għandu jiġi rrimarkat li se tibqa' eċċezzjoni fejn l-Istat Membru kkonċernat ikun uża deroga rilevanti bħal dik għall-ħaddiema awtonomi jew l-esklużjoni fakultattiva individwali. Madankollu, din hija soġġetta għall-konformità mal-kundizzjonijiet kollha stabbiliti għad-derogi kkonċernati skont id-Direttiva ([209]).

## VII. LIV ANNWALI BIL-ĦLAS

Il-Qorti kkunsidrat id-dritt għal-liv annwali bil-ħlas bir-reqqa ħafna u b'mod partikolari sostniet li dan kien prinċipju partikolarment importanti tal-liġi soċjali Komunitarja u tal-Unjoni Ewropea ([210]).

Dan id-dritt kien stabbilit espressament ukoll fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati. L-Artikolu 31(2) tal-Karta jistipula li "Kull ħaddiem għandu d-dritt għal limitazzjoni ta' sigħat massimi tax-xogħol, għal perjodi ta' mistrieħ kuljum u fil-ġimgħa u għal perjodu annwali ta' leave imħallas".

### A. *Id-dritt għal-liv annwali bil-ħlas ta' kull ħaddiem*

L-Artikolu 7(1) jistipula li

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li kull ħaddiem ikun intitolat għal-leave annwali bil-ħlas ta' mill-anqas erba' ġimgħat b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika."

---

([206]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 61; Is-Sentenza fil-Kawża C-429/09, *Fuß*, il-punt 38.

([207]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-429/09, *Fuß*, il-punti 38 sa 39.

([208]) Is-Sentenza fil-Kawża C-429/09, *Fuß*, il-punti 45 sa 48.

([209]) Ara b'mod partikolari s-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punti 58 sa 59 dwar l-esklużjoni fakultattiva.

([210]) Is-Sentenza tas-26 ta' Ġunju 2001, *The Queen vs Secretary of State for Trade u Industry, ex parte Broadcasting, Entertainment, Cinematographic u Theatre Union (BECTU)*, C-173/99, ECLI:EU:C:2001:356, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 29; Is-Sentenza tas-16 ta' Marzu 2006, *C. D. Robinson-Steele vs R. D. Retail Services Ltd u Michael Jason Clarke vs Frank Staddon Ltd u J. C. Caulfield et vs Hanson Clay Products Ltd*, il-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, ECLI:EU:C:2006:177, il-punt 48; Is-Sentenza tas-6 ta' April 2006, *Federatie Nederlandse Vakbeweging* vs *Staat der Nederlanden*, C-124/05, ECLI:EU:C:2006:244, il-punt 28; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 22; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 18; Is-Sentenza tat-22 ta' April 2010, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols* vs *Land Tirol*, C-486/08, ECLI:EU:C:2010:215, il-punt 28; Is-Sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, *Williams et* vs *British Airways plc*, C-155/10, ECLI:EU:C:2011:588, il-punt 17; Is-Sentenza tat-22 ta' Novembru 2011, *KHS AG* vs *Winfried Schulte*, C-214/10, ECLI:EU:C:2011:761, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-282/10, *Dominguez*, il-punt 16; Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punt 28; Is-Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2012, *Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED) vs Federación de Asociaciones Sindicales (FASGA) et*, C-78/11, ECLI:EU:C:2012:372, il-punt 16; Is-Sentenza tat-8 ta' Novembru 2012, *Alexander Heimann u Konstantin Toltschin* vs *Kaiser GmbH*, il-Kawżi Magħquda C-229/11 u C-230/11, ECLI:EU:C:2012:693, il-punt 22; Id-Digriet tal-21 ta' Frar 2013, *Concepción Maestre García* vs *Centros Comerciales Carrefour SA*, C-194/12, ECLI:EU:C:2013:102, il-punt 16; Id-Digriet tat-13 ta' Ġunju 2013, *Bianca Brandes* vs *Land Niedersachsen*, C-415/12, ECLI:EU:C:2013:398, il-punt 27; Is-Sentenza tat-22 ta' Mejju 2014, *Z.J.R. Lock* vs *British Gas Trading Limited*, C-539/12, ECLI:EU:C:2014:351, il-punt 14; Is-Sentenza tat-12 ta' Ġunju 2014, *Gülay Bollacke vs K + K Klaas & Kock BV & Co. KG*, C-118/13, ECLI:EU:C:2014:1755, il-punt 15; Is-Sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, *Kathleen Greenfield* vs *The Care Bureau Ltd*, C-219/14, ECLI:EU:C:2015:745, il-punt 26; Is-Sentenza tat-30 ta' Ġunju 2016, *Alicja Sobczyszyn* vs *Szkoła Podstawowa w Rzeplinie*, C-178/15, ECLI:EU:C:2016:502, il-punt 19; Is-Sentenza tal-20 ta' Lulju 2016, *Hans Maschek vs Magistratsdirektion der Stadt Wien - Personalstelle Wiener Stadtwerke*, C-341/15, ECLI:EU:C:2016:576, il-punt 25; Is-Sentenza tad-29 ta' Novembru 2017, *Conley King vs The Sash Window Workshop Ltd u Richard Dollar*, C-214/16, ECLI:EU:C:2017:914, il-punt 32; Is-Sentenza tal-4 ta' Ottubru 2018, *Ministerul Justiției u Tribunalul Botoșani vs Maria Dicu*, C-12/17, ECLI:EU:C:2018:799, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 38; Is-Sentenza tas-6 ta' Novembru 2018, *Sebastian W. Kreuziger vs Land Berlin*, C-619/16, ECLI:EU:C:2018:872, il-punt 28; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 19; Is-Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, *Torsten Hein vs Albert Holzkamm GmbH & Co.*, C-385/17, ECLI:EU:C:2018:1018, il-punt 22; Is-Sentenza tal-25 ta' Ġunju 2020, *QH vs Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u CV vs Iccrea Banca SpA*, il-Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19, ECLI: EU:C:2020:504, il-punti 53 sa 54; Is-Sentenza tal-25 ta' Novembru 2021, *WD vs job-Medium GmbH*, C-233/20, ECLI:EU:C:2021:960, il-punt 24; Is-Sentenza tad-9 ta' Diċembru 2021, *XXXX vs Staatssecretaris van Financiën*, C-217/20, ECLI:EU:C:2021:987, il-punt 19; Is-Sentenza tat-13 ta' Jannar 2022, *DS vs Koch Personaldienstleistungen GmbH*, C-514/20, ECLI:EU:C:2022:19, il-punti 23 sa 24.

Id-Direttiva ma tippermetti l-ebda deroga mill-Artikolu 7(1) ([211]). Il-Qorti stabbiliet li dan il-liv għandu skop doppju: li jippermetti lill-ħaddiem kemm li jistrieħ kif ukoll li jgawdi perjodu ta' rilassament u ta' rikreazzjoni ([212]).

Il-Qorti ddeċidiet li l-intitolament għal-liv annwali ma jistax jiġi interpretat b'mod restrittiv ([213]) u li l-implimentazzjoni tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti trid tkun konfinata fi ħdan il-limiti stabbiliti b'mod espliċitu mid-Direttiva ([214]).

## 1. **Liv annwali bil-ħlas minimu ta' 4 ġimgħat**

Erba' ġimgħat ta' liv annwali bil-ħlas kull sena huwa l-provvediment minimu. Matul dak il-perjodu, "ħaddiem għandu normalment jibbenefika minn mistrieħ effettiv, bl-intenzjoni ta' protezzjoni effikaċi tas-sigurtà tiegħu u tas-saħħa tiegħu" ([215]).

L-intitolament ta' liv annwali huwa ta' 4 ġimgħat, li jfisser li l-ħaddiema jeħtiġilhom jinħelsu mill-obbligi tax-xogħol tagħhom għal 4 ġimgħat tal-kalendarju, irrispettivament minn jekk jaħdmux full-time jew part-time.

Meta l-4 ġimgħat ta' liv annwali bil-ħlas jiġu konvertiti f'numru ta' jiem tax-xogħol li matulhom il-ħaddiem ikun meħlus mill-obbligi tiegħu tax-xogħol, "il-kalkolu tad-drittijiet għal-leave annwali minimu bil-ħlas għandu, fis-sens tad-Direttiva 2003/88, isir skont il-*ġranet* jew is-sigħat u/jew il-frazzjonijiet ta' ġurnata jew ta' siegħa ta' xogħol li jitwettaq u li huma previsti fil-kuntratt ta' xogħol" ([216]).

Il-Qorti ddeċidiet li "għal dak li jirrigwarda l-kostituzzjoni tad-drittijiet għal leave mħallas, għandha ssir distinzjoni fir-rigward tal-perijodi li matulhom il-ħaddiem kien jaħdem skont ritmi ta' xogħol differenti, peress li n-numru ta' unitajiet ta' serħan annwali kkostitwiti skont in-numru ta' unitajiet ta' xogħol għandhom jiġu kkalkolati għal kull perijodu" ([217]).

F'każijiet bħal xogħol b'ħinijiet iqsar meta r-relazzjoni ta' impjieg tkompli iżda l-ħaddiem ma jwettaqx xogħol effettiv għall-impjegatur, il-Qorti ddeċidiet li ħaddiem jista' jikseb id-dritt għal liv annwali bil-ħlas biss matul il-perjodi li matulhom ikun wettaq xogħol effettiv (*pro rata temporis*). Ma jinkiseb l-ebda intitolament għal liv matul il-perjodi meta ma jkun twettaq l-ebda xogħol ([218]). Bl-istess mod, il-ħaddiema ma jakkwistawx intitolamenti għal liv annwali bil-ħlas matul perjodi ta' liv tal-ġenituri ([219]).

---

([211]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punti 41 sa 43; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 16. Ara wkoll: Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-233/20, *job-medium*, il-punt 24. Il-Qorti żiedet fis-Sentenza tagħha fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punt 52, li d-derogi minn dan id-dritt ma jistgħux isiru b'arranġament kuntrattwali.

([212]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et* , il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 21; Is-Sentenza fil-Kawża C-486/08, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*, il-punt 31; Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 19; Is-Sentenza fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punt 18; Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 27; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 41; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-514/20, *Koch Personaldienstleistungen*, il-punt 30.

([213]) Is-Sentenza fil-Kawża C-486/08, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 18; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-229/11 u C-230/11, *Heimann u Toltschin*, il-punti 22 sa 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punt 16; Is-Sentenza fil-Kawża C-415/12, *Brandes*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-219/14, Greenfield, il-punt 28; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 31; Is-Sentenza fil-Kawża C-233/20, *job-medium*, il-punt 26.

([214]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punt 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 18; Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 17; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 19.

([215]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-514/20, *Koch Personaldienstleistungen*, il-punt 31; Is-Sentenza fil-Kawża C-233/20, *job-medium*, il-punt 24.

([216]) Is-Sentenza fil-Kawża C-219/14, *Greenfield*, il-punt 32.

([217]) Imsemmija wkoll fis-Sentenza fil-Kawża C-219/14, *Greenfield*, il-punt 35.

([218]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punti 28 u 29.

([219]) Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punti 36 sa 38.

Meta l-ħaddiema jaqilbu minn impjieg full-time għal part-time, il-Qorti ddeċidiet li ma jkunx kompatibbli mad-Direttiva li l-prinċipju ta' *pro rata temporis* jiġi applikat b'mod retrospettiv għad-dritt għal-liv annwali akkumulat matul perjodu ta' xogħol full-time billi dan ikun jinvolvi t-telf ta' xi drittijiet akkumulati ([220]). Għalhekk tnaqqis fis-sigħat tax-xogħol ma jistax inaqqas id-dritt għal-liv annwali li l-ħaddiem ikun diġà akkumula ([221]). Fis-sitwazzjoni kuntrarja meta ħaddiem jaqleb minn part-time għal full-time, fi kwalunkwe każ irid jiġi kkalkolat intitolament ġdid għall-perjodu wara ż-żieda fis-sigħat tax-xogħol, skont il-prinċipju ta' *pro rata temporis* ([222]).

Id-Direttiva ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri li japplikaw dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema ([223]), inkluż li jagħtu lill-ħaddiema aktar minn 4 ġimgħat ta' liv bil-ħlas kull sena. F'tali każijiet, l-Istat Membru jista' jistabbilixxi kundizzjonijiet differenti għall-intitolament u l-għoti tal-liv addizzjonali ([224]) mingħajr ma jkun meħtieġ, f'dak ir-rigward, li jikkonforma mar-regoli protettivi li l-Qorti stabbiliet fir-rigward ta' dak il-perjodu minimu ([225]). Pereżempju, il-Qorti ddeċidiet li, meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħtu d-drittijiet tal-ħaddiema għal liv annwali bil-ħlas lil hinn minn dak il-perjodu minimu ta' erba' ġimgħat, dawn ma humiex obbligati jagħtu benefiċċju bħala kumpens (ara hawn taħt il-punt VII.B) għal intitolamenti għal liv mhux meħud fi tmiem ir-relazzjoni ta' impjieg li jaqbeż l-erba' ġimgħat ([226]). Bl-istess mod, il-Qorti ddeċidiet li l-Istati Membri huma liberi li jagħtu jiem ta' liv annwali bil-ħlas li jaqbeż il-perjodu minimu ta' 4 ġimgħat, u madankollu jeskludu r-riport ta' dawk il-jiem ta' liv abbażi ta' mard ([227]). F'każijiet ta' arranġament ta' xogħol b'ħinijiet qosra li fihom il-prinċipju *pro rata temporis* japplika għall-akkumulazzjoni tad-dritt, il-Qorti sostniet ukoll li l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-ħaddiema d-dritt għal liv annwali bi ħlas li jkun itwal minn dak garantit mid-Direttiva, irrispettivament mill-fatt li l-ħin tax-xogħol tagħhom ikun tnaqqas minħabba xogħol b'ħinijiet iqsar ([228]).

Għalkemm tali sitwazzjonijiet jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 7 tad-Direttiva u l-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ([229]), id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema ma jistgħux jintużaw sabiex jikkumpensaw għal ksur possibbli tal-protezzjoni minima ggarantita mid-dispożizzjoni tad-dritt tal-UE ([230]).

## 2. Liv minimu għall-ħaddiema kollha, soġġett għall-ebda kundizzjoni

L-Artikolu 7(1) jgħid li d-dritt għal-liv annwali bil-ħlas huwa mogħti lil kull ħaddiem. Il-Qorti sostniet li "kull ħaddiem" tinkludi l-ħaddiema li jkunu assenti mix-xogħol fuq liv minħabba mard, għal żmien qasir jew twil, irrispettivament minn jekk fil-fatt ikunux ħadmu matul is-sena tal-liv ([231]).

Il-Qorti ddeċidiet dwar il-każ partikolari ta' ħaddiema li ġew miċħuda b'mod illegali u li mbagħad reġgħu ġew integrati fl-impjieg tagħhom, f'konformità mal-liġi nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija b'deċiżjoni ta' qorti. Hija sostniet li dawk il-ħaddiema huma intitolati għal liv annwali bil-ħlas għall-perjodu bejn id-data tat-tkeċċija u dik tar-riintegrazzjoni fl-impjieg tagħhom, minkejja l-fatt li, matul dak il-perjodu, huma ma kinux fil-fatt wettqu xogħol għall-impjegatur ([232]). Il-Qorti ddikjarat li l-fatt li ħaddiem huwa mċaħħad mill-opportunità li jaħdem minħabba tkeċċija li sussegwentement ġiet

([220]) Is-Sentenza fil-Kawża C-486/08, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols*, il-punti 32 sa 34; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-229/11 u C-230/11, *Heimann u Toltschin*, il-punt 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-219/14, *Greenfield*, il-punt 37.

([221]) Is-Sentenza fil-Kawża C-486/08, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols*, il-punt 32; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-229/11 u C-230/11, *Heimann u Toltschin*, il-punt 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-415/12, *Brandes*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-219/14, *Greenfield*, il-punt 34.

([222]) Is-Sentenza fil-Kawża C-219/14, *Greenfield*, il-punti 38 u 44.

([223]) Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 u C-610/17, *TSN*, il-punt 33.

([224]) Is-Sentenza fil-Kawża C-282/10, *Dominguez*, il-punti 47 sa 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punti 34 sa 37.

([225]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 sa C-610/17, *TSN*, il-punt 36.

([226]) Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punt 36; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 39.

([227]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 sa C-610/17, *TSN*, il-punt 40.

([228]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 31.

([229]) Skont id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta fl-Artikolu 51(1), id-dispożizzjonijiet tal-Karta huma indirizzati lill-Istati Membri biss meta jkunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-UE. Meta l-Istati Membri jilleġiżlaw dwar id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, dawn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Għalhekk, l-Artikolu 31(2) tal-Karta ma japplikax għal liv annwali bil-ħlas li jaqbeż il-perjodu minimu ta' 4 ġimgħat. Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 u C-610/17, *TSN*, il-punti 42 u 55.

([230]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 43; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 u C-610/17, *TSN*, il-punt 35.

([231]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 40.

([232]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19, *Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria*. Wieħed jista' jistenna deċiżjoni oħra tal-Qorti dwar din il-kwistjoni fil-Kawża C-57/22.

meqjusa bħala illegali huwa, bħala regola, mhux prevedibbli u lil hinn mill-kontroll tal-ħaddiem. Dik is-sitwazzjoni hija l-konsegwenza tal-azzjonijiet tal-impjegatur, u impjegatur li ma jippermettix li ħaddiem jeżerċita d-dritt tiegħu għal-liv annwali bil-ħlas jeħtieġlu jbati l-konsegwenzi. B'hekk, il-perjodu bejn id-data tat-tkeċċija illegali u d-data tar-riintegrazzjoni tal-ħaddiem irid jiġi ttrattat bħala perjodu ta' xogħol effettiv sabiex jiġu ddeterminati d-drittijiet għal liv annwali bil-ħlas. Madankollu, meta, matul dak il-perjodu, il-ħaddiem ikun kiseb impjieg ieħor, huwa jista' jitlob l-intitolament għal liv annwali bil-ħlas li jikkorrispondi għall-perjodu ta' xogħol mal-impjegatur il-ġdid biss minn dak l-impjegatur.

Id-Direttiva tistipula li l-liv annwali bil-ħlas jingħata "b'konformità mal-kondizzjonijiet għall-intitolament għal, u l-għoti ta', leave bħal dan stabbilit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew bil-prattika". Għalhekk, huwa f'idejn l-Istati Membri li jistabbilixxu, fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom, il-kundizzjonijiet għall-eżerċitar u l-implimentazzjoni tad-dritt għal liv annwali bil-ħlas, billi jippreskrivu ċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom il-ħaddiema jistgħu jeżerċitaw id-dritt ([233]). Madankollu, il-Qorti sostniet li d-Direttiva tipprekludi lill-Istati Membri milli jillimitaw unilateralment l-intitolament għal-liv annwali bil-ħlas mogħti lill-ħaddiema kollha billi japplikaw kundizzjonijiet li fil-prattika jimpedixxu lil ċerti ħaddiema milli jibbenefikaw minnu ([234]). Pereżempju, il-Qorti sostniet li l-Istati Membri ma jistgħux jimponu fuq il-ħaddiema l-kundizzjoni ta' perjodu ta' 13-il ġimgħa ta' impjieg mhux interrott mal-istess impjegatur qabel ma jakkumulaw il-liv ([235]). Bl-istess mod, l-Istati Membri ma jistgħux jimponu kundizzjonijiet li jagħmluha impossibbli għal ċerti ħaddiema li jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-liv annwali bil-ħlas ([236]).

Filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li d-dritt għal-liv annwali bil-ħlas stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva huwa wkoll dritt fundamentali affermat fl-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, il-Qorti ddikjarat espressament li l-limitazzjonijiet għal dak id-dritt għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stretti stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta u, b'mod partikolari, mal-kontenut essenzjali ta' dak id-dritt ([237]).

L-Istati Membri madankollu għandhom xi libertà li jirregolaw il-mod kif jiġi eżerċitat id-dritt għal-liv annwali bil-ħlas. Dan jista' jinkludi, pereżempju, "l-ippjanar tal-perijodi tal-liv, l-obbligu tal-ħaddiem li jinforma minn qabel lil min iħaddmu dwar il-perijodu tal-liv li huwa jkollu l-intenzjoni li jieħu, l-impożizzjoni ta' perijodu minimu ta' xogħol qabel ma jkun jista' jittieħed il-liv, il-kriterji għall-kalkolu proporzjonali tad-dritt għal-liv annwali meta r-relazzjoni tal-impjieg tkun ta' inqas minn sena, eċċ" ([238]).

— *Intitolament għal u għoti tal-liv fil-perjodu bikri tal-impjieg*

Filwaqt li l-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jorganizzaw *"il-mod li bih il-ħaddiema jistgħu jieħdu l-leave li għalih għandhom dritt matul l-ewwel ġimgħat tal-attività tagħhom"* ([239]), huma ma jistgħux jimponu perjodu minimu ta' xogħol mhux interrott għall-istess impjegatur qabel ma l-ħaddiema jkunu intitolati għal-liv annwali bil-ħlas ([240]).

— *L-iskedar tal-liv*

Id-Direttiva ma tirregolax l-iskedar tal-liv annwali bil-ħlas. Dan huwa mħolli għal-liġi nazzjonali, ftehimiet jew prattiċi kollettivi. Madankollu, kif spjegat hawn isfel, hija tistipula li ħaddiem li ma jkunx jista' jieħu l-liv ippjanat minħabba perjodu konfliġġenti ieħor ta' liv (liv minħabba mard, liv tal-maternità jew perjodu ieħor ta' liv li l-iskop tiegħu jkun

([233]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 41; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 34.

([234]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punti 48 sa 53; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt.28; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 34; Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19, *Verhihoven kasasionen sand na Republike*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-514/20, *Koch Personaldienstleistungen*, il-punt 22.

([235]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punt 64; Is-Sentenza fil-K awżiMagħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt.28.

([236]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et* , il-punt 48; Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 17; Is-Sentenza fil-Kawża C-118/13, *Bollacke*, il-punt 16; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 34

([237]) Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 54.

([238]) Is-sottomissjoni tal-Kummissjoni fil-Kawża C-173/99 li ssir referenza għaliha fil-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Tizzano tat-8 ta' Frar 2001, *The Queen vs Secretary of State for Trade and Industry, ex parte Broadcasting, Entertainment, Cinematographic and Theatre Union (BECTU)*, C-173/99, ECLI:EU:C:2001:81, il-punt 34 u fil-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Trstenjak tas-16 ta' Ġunju 2011, *Williams et vs British Airways plc*, C-155/10, ECLI:EU:C:2011:403, il-punt 37.

([239]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punt 61.

([240]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punt 64.

differenti minn dak tad-dritt għal-liv annwali), huwa intitolat li jieħu dak il-liv annwali f'ħin ieħor, jekk ikun meħtieġ barra l-perjodu ta' referenza korrispondenti ([241]), b'ċerti limiti għall-perjodu ta' trasferiment fil-każ ta' liv minħabba mard għal żmien twil ([242]).

— *L-obbligi tal-impjegatur dwar it-teħid tal-liv*

Il-Qorti ddeċidiet li l-impjegaturi ma jistgħux jimponu fuq il-ħaddiema restrizzjoni tad-dritt tagħhom għal liv annwali bi ħlas. Kwalunkwe prattika jew ommissjoni ta' impjegatur li tista' tiskoraġġixxi lil ħaddiem milli jieħu liv annwali, kif ukoll inċentivi jew inkoraġġimenti sabiex ma jitteħidx il-liv huma inkompatibbli mad-dritt għal liv annwali bil-ħlas ([243]). In-nuqqas ta' ħaddiem li jitlob liv annwali bil-ħlas matul il-perjodu ta' referenza ma jistax iwassal għat-telf ta' liv annwali bil-ħlas fi tmiem il-perjodu ta' referenza u mingħajr verifika minn qabel li l-impjegatur fil-fatt kien ippermettielu jeżerċita dak id-dritt ([244]).

Il-Qorti ddeċidiet li l-impjegatur għandu jinforma lill-ħaddiem b'mod akkurat u f'waqtu dwar id-drittijiet tiegħu għal-liv ([245]). L-impjegatur għandu jinforma wkoll lill-ħaddiem li jekk huwa ma jiħux il-liv, dan jintilef fi tmiem il-perjodu ta' referenza jew il-perjodu ta' trasferiment awtorizzat, jew mat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg ([246]). Skont il-Qorti, għalkemm l-impjegaturi għandhom joħolqu opportunitajiet u jħeġġu lill-ħaddiem, formalment, jekk ikun hemm bżonn, sabiex jieħu l-liv, dawn ma humiex meħtieġa jġiegħlu lill-ħaddiema tagħhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal liv annwali bil-ħlas ([247]).

L-oneru tal-prova f'dak ir-rigward huwa fuq l-impjegatur. Jekk l-impjegatur ma jkunx jista' juri li jkun eżerċita d-diliġenza dovuta kollha sabiex il-ħaddiem ikun jista' jieħu l-liv annwali bil-ħlas li għalih huwa intitolat, l-intitolament għal liv annwali bil-ħlas, u, fil-każ tat-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, ma jintilifx il-benefiċċju ta' kumpens minflok liv annwali mhux meħud ([248]). Il-fatt li l-impjegatur ikkunsidra b'mod żbaljat li l-ħaddiem ma huwiex intitolat għal liv annwali bil-ħlas huwa irrilevanti peress li huwa f'idejn l-impjegatur li jfittex l-informazzjoni kollha dwar l-obbligi tiegħu f'dak ir-rigward ([249]).

Madankollu, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol ma tipprekludix it-telf tad-dritt għal liv annwali bil-ħlas, jekk l-impjegatur ikun jista' jissodisfa l-oneru tal-prova, li b'riżultat ta' dan ikun jidher li l-ħaddiem żamm lura deliberatament u b'għarfien sħiħ tal-konsegwenzi li jirriżultaw mit-teħid tal-liv annwali bil-ħlas li għalih huwa kien intitolat wara li ngħata l-opportunità li jeżerċita dan id-dritt ([250]).

Skont il-Qorti, għall-kuntrarju ta' sitwazzjoni ta' akkumulazzjoni tal-intitolament għal liv annwali bil-ħlas minn ħaddiem li ma kienx tajjeb għax-xogħol minħabba mard, impjegatur li ma jippermettix li ħaddiem jeżerċita d-dritt tiegħu għal liv annwali bil-ħlas jeħtieġlu jbati l-konsegwenzi ([251]). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe dispożizzjoni statutorja jew kollettiva nazzjonali li tistabbilixxi limitu għat-trasferiment tal-liv f'konformità mar-rekwiżiti tad-dritt tal-UE, il-liv annwali bil-ħlas ma jistax jiskadi fi tmiem il-perjodu ta' referenza ([252]). Fil-fatt, il-Qorti ddeċidiet li kieku kellu jiġi aċċettat, f'dak il-kuntest, li l-intitolament għal-liv annwali bil-ħlas miksub mill-ħaddiem jista' jiġi eżawrit, dan iwassal sabiex *"jiġi approvat aġir li jwassal għal arrikkiment illegali tal-persuna li timpjega bi ħsara [...] tas-saħħa tal-ħaddiem"* ([253]).

([241]) Is-Sentenza fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*.
([242]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*.
([243]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 49; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 42; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 39; Is-Sentenza fil-Kawża C-514/20, *Koch Personaldienstleistungen*, il-punti 32 u 41.
([244]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punti 40 u 61.
([245]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 52; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 45.
([246]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 52; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 45.
([247]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punti 51 u 52; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 44.
([248]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 53, is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 46.
([249]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 61.
([250]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 54; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punti 47 u 56.
([251]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 63.
([252]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 64.
([253]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 64.

Meta l-impjegatur ma jkunx qiegħed lill-ħaddiem f'pożizzjoni li jeżerċita d-dritt għal liv annwali bil-ħlas, id-dritt ma jistax jiskadi fi tmiem perjodu ta' trasferiment awtorizzat jew anke fi stadju aktar tard jekk il-ħaddiem ma jkunx jista' jaħdem minħabba mard matul is-sena tal-liv ([254]). Bl-istess mod, id-dritt ma jistax jiġi preskritt fi tmiem perjodu ta' 3 snin li jibda jiddekorri fi tmiem is-sena li fiha rriżulta dak id-dritt ([255]).

— *Trasferiment u telf possibbli tal-liv*

Bl-istess mod, il-liġi nazzjonali tista' tistabbilixxi kundizzjonijiet għall-eżerċitar tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas, inklużi l-kundizzjonijiet għat-trasferiment fi tmiem is-sena tal-liv.

Rigward it-trasferiment, il-Qorti sostniet li "filwaqt li l-effett pożittiv ta' dan il-leave annwali mħallas għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem jinħass b'mod sħiħ jekk jittieħed fis-sena prevista għal dan il-għan, jiġifieri matul is-sena kurrenti, l-importanza ta' dan iż-żmien ta' mistrieħ f'dan ir-rigward ma tintilifx jekk jittieħed matul perijodu sussegwenti" ([256]).

Il-Qorti elaborat dwar il-ħtieġa li jiġi pprovdut għat-trasferiment jekk il-ħaddiem li d-dritt tiegħu għal-liv annwali jintilef ma jkunx kellu l-opportunità li jeżerċita dak id-dritt ([257]). Il-Qorti sostniet li t-trasferiment huwa inevitabbli meta perjodi ta' liv iggarantiti mid-dritt tal-UE ([258]) jaħbtu ma' xulxin, u fil-każ ta' liv minħabba mard ([259]). Il-Qorti ddeċidiet ukoll li meta impjegatur jirrifjuta li jħallas il-liv annwali li għalih kien intitolat il-ħaddiem, id-dritt tal-ħaddiem għat-trasferiment jibqa' sakemm tintemm ir-relazzjoni ta' impjieg ([260]).

It-telf tal-intitolament għal-liv huwa għaldaqstant limitat għal każijiet li fihom il-ħaddiem fil-fatt kellu l-opportunità li jeżerċita dak id-dritt ([261]). Pereżempju, dan ma jistax jispiċċa fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza stabbilit mil-liġi nazzjonali jekk il-ħaddiem kien fuq liv minħabba mard għas-sena tal-liv kollha jew parti minnha u ma kellux l-opportunità li jieħu l-liv annwali ([262]), ħlief għall-eċċezzjoni ammessa mill-Qorti li tippermetti li l-perjodu ta' trasferiment jkun limitat fil-każ ta' liv minħabba mard għal żmien twil (ara l-Parti C). Barra minn hekk, dan ma jistax jiskadi awtomatikament u mingħajr verifika minn qabel jekk l-impjegatur kienx fil-fatt ippermetta lill-ħaddiem, b'mod partikolari permezz tal-għoti ta' informazzjoni suffiċjenti, jeżerċita d-dritt tiegħu għal-liv ([263]).

## 3. *Ħlas matul il-liv annwali*

Il-Qorti ssottolinjat li "d-direttiva tittratta d-dritt għal leave annwali u d-dritt li jinkiseb ħlas f'dan ir-rigward bħala li jikkostitwixxu ż-żewġ naħat ta' dritt wieħed", billi l-għan tal-ħlas matul il-liv annwali huwa "sabiex jippermetti lill-ħaddiem jieħu effettivament il-leave li għalih huwa għandu d-dritt" ([264]). B'riżultat ta' dan hija qieset li "l-għan li jiġi rremunerat dan il-leave huwa li l-ħaddiem, matul l-imsemmi leave, jitqiegħed f'sitwazzjoni li hija, fir-rigward tas-salarju, paragunabbli mal-perijodi tax-xogħol" ([265]).

([254]) Is-Sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, *XP vs Fraport AG Frankfurt Airport Services Worldwide u AR vs St. Vincenz-Krankenhaus GmbH*, il-Kawżi Magħquda C-518/20 u C-727/20, ECLI:EU:C:2022:707.

([255]) Is-Sentenza tat-22 ta' Settembru 2022, *LB vs TO*, C-120/21, ECLI:EU:C:2022:718.

([256]) Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punt 33; ara wkoll: Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 24.

([257]) Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 19; Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punt 22. Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punti 42 u 45.

([258]) Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 24.

([259]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et.*

([260]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 65

([261]) Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 35.

([262]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punti 43 u 55; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 19.

([263]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punti 40 u 61.

([264]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punt 58; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 60; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 17; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 40.

([265]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punti 58 sa 59; Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 33.

Il-ħaddiem "għandu jirċievi r-remunerazzjoni normali għal dan il-perijodu ta' mistrieħ" ([266]) u "t-tnaqqis tar-remunerazzjoni ta' ħaddiem fuq il-bażi tal-leave annwali mħallas tiegħu, li jista' jiskoraġġih milli jeżerċita effettivament id-dritt tiegħu għal dan il-leave, huwa kuntrarju għall-għan segwit mill-Artikolu 7" ([267]), iż-żmien meta jsir it-tnaqqis huwa irrilevanti ([268]).

Il-Qorti sostniet li ħlasijiet għal-liv annwali fil-forma ta' pagamenti parzjali mifruxa fuq il-perjodu ta' xogħol annwali ma humiex kompatibbli mad-Direttiva. Hija saħqet li l-ħlasijiet għandhom isiru għal perjodu speċifiku li matulu l-ħaddiem effettivament jieħu l-mistrieħ ([269]): il-punt li fih isir il-ħlas għal-liv annwali jrid ipoġġi lill-ħaddiem, matul dak il-liv, f'sitwazzjoni li tkun paragunabbli mal-perjodi ta' xogħol f'dak li jikkonċerna r-remunerazzjoni ([270]).

Meta l-ħlas ikun magħmul minn diversi komponenti, il-Qorti qieset li hija meħtieġa analiżi speċifika sabiex tiġi ddeterminata "r-remunerazzjoni regolari u għalhekk tal-ammont li l-ħaddiem għandu dritt għalih matul il-leave annwali tiegħu" ([271]). Skont il-Qorti, ir-remunerazzjoni normali ma għandhiex tkun anqas mir-remunerazzjoni normali medja li jirċievu l-ħaddiema matul il-perjodi li fil-fatt ikunu ħadmu ([272]). Fil-każ speċifiku ta' arranġamenti tax-xogħol b'ħinijiet qosra, il-perjodi li matulhom il-ħaddiema jinħelsu minn kwalunkwe obbligu ta' xogħol ma għandhomx jitqiesu għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni normali medja ([273]).

Fir-rigward ta' dak li jikkostitwixxi "r-remunerazzjoni normali", il-Qorti sostniet li l-komponenti tar-remunerazzjoni totali relatati mal-istatus professjonali u personali tal-ħaddiem iridu jitħallsu matul il-liv annwali bil-ħlas. Hija tat l-eżempju tal-allowances relatati mal-anzjanità, it-tul tas-servizz u mal-kwalifika professjonali ([274]).

Jekk l-allowances ikunu marbuta intrinsikament mat-twettiq ta' kompiti meħtieġa mill-kuntratt ta' impjieg tal-ħaddiem u jkunu kkalkolati bħala parti mir-remunerazzjoni totali tal-ħaddiem, huma jridu jiġu kkunsidrati fir-remunerazzjoni li l-ħaddiem ikun intitolat għaliha matul il-liv annwali ([275]). Bl-istess mod, il-kummissjoni riċevuta għat-twettiq ta' kompiti meħtieġa mill-kuntratt ta' impjieg, bħal kummissjoni fuq il-bejgħ, trid tiġi kkunsidrata fil-kalkolu tar-remunerazzjoni ([276]). Huma l-qrati nazzjonali li jridu jivvalutaw il-perjodu ta' referenza meqjus bħala rappreżentattiv għall-kalkolu tal-komponent medju pagabbli għal-liv annwali ([277]).

Madankollu, ma hemmx għalfejn jiġu kkunsidrati komponenti tar-remunerazzjoni maħsuba sabiex ikopru esklussivament "spejjeż okkażjonali jew inċidentali li jinqalgħu b'rabta mal-eżekuzzjoni tal-kompiti tal-ħaddiem skont il-kuntratt ta' xogħol tiegħu" ([278]) jew "ħlas għal vaganzi addizzjonali li jiżdied ma' din il-medja tar-remunerazzjoni ordinarja" ([279]).

Minħabba n-natura eċċezzjonali u imprevedibbli tagħha, ir-remunerazzjoni li tingħata għas-sahra, fil-prinċipju, ma tifformax parti mir-remunerazzjoni normali ([280]). Madankollu, meta l-obbligi li jirriżultaw mill-kuntratt ta' impjieg jirrikjedu li l-ħaddiem jaħdem is-sahra fuq bażi ġeneralment regolari u prevedibbli, u l-paga korrispondenti tikkostitwixxi element sinifikanti mir-remunerazzjoni totali li l-ħaddiem jirċievi għall-attività professjonali, il-paga li tingħata għal dak ix-xogħol tas-sahra għandha tiġi inkluża fir-remunerazzjoni normali ([281]).

Sabiex jiġi ddeterminat jekk jintlaħaqx limitu ta' sigħat maħduma li jagħtu intitolament għal ħlas tas-sahra, is-sigħat li jikkorrispondu għal perjodu ta' liv annwali bil-ħlas ta' ħaddiem iridu jitqiesu bħala sigħat maħduma ([282]).

([266]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punt 50; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 58; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 16.

([267]) Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 21; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-514/20, *Koch Personaldienstleistungen*, il-punt 33.

([268]) Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 23.

([269]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punt 63.

([270]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-131/04 u C-257/04, *Robinson-Steele et*, il-punti 59 sa 63.

([271]) Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 22; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 27.

([272]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 52.

([273]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 44.

([274]) Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 27; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 30.

([275]) Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-233/20, *job-medium*, il-punt 31.

([276]) Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punti 32 sa 33.

([277]) Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 34.

([278]) Is-Sentenza fil-Kawża C-155/10, *Williams et*, il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-539/12, *Lock*, il-punt 31.

([279]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 52.

([280]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 46.

([281]) Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, *Hein*, il-punt 47.

([282]) Is-Sentenza fil-Kawża C-514/20, *Koch Personaldienstleistungen*, il-punti 43 sa 46.

Barra minn hekk, il-Qorti konsistentement sostniet li, fir-rigward tal-intitolament għal liv annwali bil-ħlas, il-ħaddiema li jkunu fuq liv minħabba mard matul il-perjodu ta' referenza jeħtiġilhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal dawk li fil-fatt ikunu ħadmu matul dak il-perjodu. Konsegwentement, fil-każ ta' ħaddiem li kien parzjalment inabilitat għax-xogħol minħabba mard u li xtaq jieħu liv annwali bil-ħlas, il-Qorti ddeċidiet li l-livell ta' paga matul il-liv annwali jrid ikun ibbażat fuq ir-rata normali, mhux rata li tnaqqset temporanjament minħabba inkapaċità parzjali għax-xogħol ([283]).

## 4. *Effett dirett tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas*

F'każ li dispożizzjoni nazzjonali tkun f'kunflitt mal-Artikolu 7 tad-Direttiva, il-Qorti ddeċidiet li l-qrati nazzjonali jeħtiġilhom"jinterpretawha [il-liġi interna], sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tat-test u tal-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex jintlaħaq ir-riżultat previst minnha" ([284]). Skont il-Qorti, dan jirrikjedi li l-qrati nazzjonali jagħmlu "dak kollu li jinsab fil-kompetenza tagħhom, billi jieħdu inkunsiderazzjoni d-dritt intern kollu u billi japplikaw metodi ta' interpretazzjoni rikonoxxuti minnu sabiex tiġi ggarantita l-effettività sħiħa tad-direttiva inkwistjoni u sabiex tinstab soluzzjoni konformi mal-għan imfittex minnha" ([285]). Dan jinvolvi wkoll "l-obbligu, għall-qrati nazzjonali, li jemendaw, jekk ikun il-każ, ġurisprudenza stabbilita jekk din tkun ibbażata fuq interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali inkompatibbli mal-għanijiet ta' direttiva" ([286]).

Barra minn hekk, il-Qorti sostniet li kemm il-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 7 jissodisfaw il-kriterji għal effett dirett, billi huma mingħajr kundizzjonijiet, inekwivokali u preċiżi ([287]). Dan ifisser li, jekk Stat Membru jkun naqas milli jittrasponi din id-dispożizzjoni fil-liġi nazzjonali jew ikun ittrasponiha ħażin, individwu jista' jmur quddiem il-qrati nazzjonali sabiex jinforza l-intitolament għall-ħlas ta' mill-anqas 4 ġimgħat liv annwali kontra l-Istat jew korpi pubbliċi, fil-kapaċità tagħhom jew bħala impjegaturi jew bħala awtoritajiet pubbliċi ([288]). F'dak ir-rigward, il-qrati nazzjonali huma meħtieġa li ma japplikawx il-leġiżlazzjoni nazzjonali kunfliġġenti ([289]).

Filwaqt li normalment ma jkunx possibbli li jiġi invokat l-"effett dirett" ta' direttiva fi proċedimenti bejn partijiet privati ([290]), il-Qorti kkonfermat l-effett dirett "orizzontali" tal-Artikolu 31(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali abbażi tal-kwalifika tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas bħala prinċipju essenzjali tad-dritt soċjali tal-Unjoni Ewropea ([291]). Fi proċedimenti bejn partijiet privati, dan jimponi fuq il-qrati nazzjonali l-obbligu li tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas, inkluż billi ma tiġix applikata, jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe dispożizzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tmur kontra dak il-prinċipju ([292]). L-effett dirett orizzontali tal-Artikolu 31(2) japplika biss għall-minimu ta' 4 ġimgħat ta' liv annwali bil-ħlas u mhux għal kwalunkwe dritt li jaqbeż dan il-minimu u lanqas għall-kundizzjonijiet għal kwalunkwe trasferiment ta' tali drittijiet addizzjonali ([293]).

## B. *Intitolament għal benefiċċju bħala kumpens minflok il-liv annwali bil-ħlas*

L-Artikolu 7(2) jistipula li:

"2. Il-perjodu minimu ta' leave annwali bil-ħlas ma jistax ikun mibdul b'pagament ta' benefiċċji bħala kumpens, apparti minn meta r-relazzjoni tal-impjieg tkun ġiet itterminata."

---

([283]) Is-Sentenza fil-Kawża C-217/20 , *Staatssecretaris van Financiën*, il-punt 41.

([284]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punti 66 u 69.

([285]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 67.

([286]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 68. L-obbligu fuq il-qrati nazzjonali li jirreferu għad-dritt tal-UE meta jinterpretaw u japplikaw ir-regoli rilevanti tal-liġi nazzjonali huwa limitat minn prinċipji ġenerali tal-liġi, u ma jistax iservi bħala l-bażi għal interpretazzjoni tal-liġi nazzjonali *contra legem*. Is-Sentenza fil-Kawża C-385/17, Hein, il-punt 51.

([287]) Is-Sentenza fil-Kawża C-282/10,0 *Dominguez*, il-punti 33 sa 35; Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 22; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punti 72 u 73.

([288]) Is-Sentenza fil-Kawża C-282/10, *Dominguez*, il-punti 34 sa 39.

([289]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 75.

([290]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 77; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punti 66 u 67.

([291]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punti 80 u 85; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punti 72 u 74.

([292]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punti 86 u 91; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punti 75 u 80.

([293]) Id-drittijiet li jaqbżu l-minimu ta' 4 ġimgħat ta' liv annwali bil-ħlas ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 31(2) tal-Karta, is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 u C-610/17, *TSN*, il-punt 54.

## 1. L-intitolament għal benefiċċji bħala kumpens

Id-Direttiva tippermetti benefiċċji bħala kumpens għal-liv annwali bil-ħlas li l-ħaddiem ikun intitolat għalih fid-data li jintemm l-impjieg u li ma jkunx ittieħed ([294]).

L-iskop tal-benefiċċju bħala kumpens minflok l-intitolamenti pendenti għal-liv annwali huwa li jevita li t-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, billi ma jagħmilhiex aktar possibbli li jittieħed il-liv annwali bil-ħlas, twassal sabiex "kull użu mill-ħaddiem ta' dan id-dritt, anki f'forma pekunjarja, ma jiġix eskluż" ([295]).

Hemm stabbiliti żewġ kundizzjonijiet għall-intitolament għal benefiċċju bħala kumpens: "minn naħa, li r-relazzjoni ta' impjieg tkun intemmet, min-naħa l-oħra, li l-ħaddiem ma jkunx ħa l-leave annwali kollu li għalih huwa kien intitolat fid-data meta din ir-relazzjoni ntemmet" ([296]). Id-Direttiva ma timponi l-ebda kundizzjoni addizzjonali. B'mod partikolari, il-Qorti ddeċidiet li ma għandha tkun meħtieġa l-ebda applikazzjoni minn qabel ([297]).

Kif enfasizzat il-Qorti, huwa biss fejn l-impjieg ikun ġie tterminat li l-Artikolu 7(2) jippermetti benefiċċju bħala kumpens minflok il-liv annwali bil-ħlas: ħaddiem jeħtieġlu normalment ikun intitolat għal mistrieħ effettiv, bl-intenzjoni ta' protezzjoni effikaċi tas-saħħa u s-sikurezza tiegħu ([298]). B'kuntrast, "il-possibbiltà ta' kumpens finanzjarju għal-leave annwali minimu trasferit joħloq inċentiv, inkompatibbli mal-iskop ta' din id-Direttiva, li dak li jkun jirrinunzja għal-leave ta' mistrieħ jew li jagħmel b'mod li l-ħaddiema jirrinunzjaw għal dan" ([299]).

Jekk il-ħaddiem ma jkunx talab li jeżerċita d-dritt għal liv annwali bil-ħlas qabel it-terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg, il-ħaddiem ma jistax jitlef id-dritt għal pagament bħala kumpens b'mod awtomatiku u mingħajr verifika minn qabel ta' jekk l-impjegatur kienx fil-fatt ippermetta lill-ħaddiem, b'mod partikolari billi pprovda informazzjoni suffiċjenti, sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għal-liv qabel it-terminazzjoni ta' dik ir-relazzjoni ([300]). L-oneru tal-prova jaqa' fuq l-impjegatur ([301]).

Jekk il-kuntratt ma jkunx intemm, ma jistax jitħallas benefiċċju bħala kumpens. Irrilevanti jekk il-ħaddiem ikunx tħalla jieħu l-liv annwali għal raġunijiet relatati mal-produzzjoni jew l-organizzazzjoni tal-impriża jew le ([302]).

Jekk il-kuntratt ikun intemm, ir-raġuni għat-terminazzjoni tiegħu hija irrilevanti ([303]). Sabiex tkun assigurata l-effettività ta' din id-dispożizzjoni tad-Direttiva, benefiċċju bħala kumpens għall-liv annwali bil-ħlas ikun dovut ukoll jekk il-ħaddiem ikun talab li jittermina r-relazzjoni ta' impjieg ([304]), jirtira ([305]) jew saħansitra jmut ([306]). Id-dritt għal benefiċċju bħala kumpens ma jiġix eżawrit mal-mewt tal-ħaddiem iżda jifforma parti mill-assi li għandhom jintirtu mill-eredi ([307]).

Fil-każ ta' terminazzjoni tar-relazzjoni ta' impjieg wara li l-ħaddiem ikun tkeċċa illegalment, imbagħad jerġa' jiġi integrat fl-impjieg tiegħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, wara l-annullament tat-tkeċċija b'deċiżjoni ta' qorti, dak il-ħaddiem huwa intitolat għal kumpens finanzjarju għal-liv annwali bil-ħlas li ma jkunx ittieħed matul il-perjodu bejn id-data tat-

([294]) Is-Sentenza fil-Kawża C-118/13, *Bollacke*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 27.

([295]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawża C-118/13, *Bollacke*, il-punt 17; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 43.

([296]) Is-Sentenza fil-Kawża C-118/13, *Bollacke*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 27. Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 23.

([297]) Is-Sentenza fil-Kawża C-118/13, *Bollacke*, il-punti 27 sa 28.

([298]) Is-Sentenza fil-Kawża C-173/99, *BECTU*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punti 29 sa 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 20; Is-Sentenza fil-Kawża C-486/08, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols*, il-punt 31.

([299]) Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 32.

([300]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 56; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 61.

([301]) Is-Sentenza fil-Kawża C-619/16, *Kreuziger*, il-punt 53; Is-Sentenza fil-Kawża C-684/16, *Max-Planck-Gesellschaft zur Förderung der Wissenschaften*, il-punt 46.

([302]) Is-Sentenza fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punti 28 sa 29.

([303]) Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 28; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 45; Is-Sentenza fil-Kawża C-233/20, *job-medium*, il-punt 32.

([304]) Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 29.

([305]) Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punt 31.

([306]) Is-Sentenza fil-Kawża C-118/13, *Bollacke*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 50.

([307]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-569/16 u C-570/16, *Bauer u Willmeroth*, il-punt 48.

tkeċċija illegali u dik tar-riintegrazzjoni fl-impjieg ([308]). Madankollu, jekk il-ħaddiem ikun kiseb impjieg ieħor matul dak il-perjodu, dan il-ħaddiem ma jistax jitlob mingħand l-ewwel impjegatur kumpens li jikkorrispondi għall-perjodu tax-xogħol mal-impjegatur il-ġdid.

## 2. L-ammont tal-benefiċċju

Id-Direttiva ma tistabbilixxix kif għandu jiġi kkalkolat il-benefiċċju bħala kumpens għall-perjodu minimu ta' liv annwali bil-ħlas.

Il-Qorti madankollu ddeċidiet li l-Istati Membri jeħtiġilhom jassiguraw li l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-liġi nazzjonali jqisu l-limiti li jirriżultaw mid-Direttiva nnifisha. Huma jeħtiġilhom jesiġu li l-benefiċċju bħala kumpens "jiġi kkalkolat b'mod li l-imsemmi ħaddiem ikun f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik li huwa kien ikun kieku eżerċita l-imsemmi dritt matul il-perijodu tar-relazzjoni ta' impjieg tiegħu" ([309]). Dan ifisser li r-remunerazzjoni normali tal-ħaddiem, li normalment trid tkompli matul il-liv annwali, hija deċiżiva ([310]) fil-kalkolu tal-benefiċċju bħala kumpens għal-liv annwali mhux meħud sat-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg ([311]).

## 3. Intitolament għal liv addizzjonali

Jekk l-Istati Membri jipprevedu perjodu addizzjonali ta' liv annwali li jaqbeż l-4 ġimgħat mitluba mid-Direttiva, huma jistgħu jiddeċiedu jekk jipprovdux jew le benefiċċju bħala kumpens lill-ħaddiema li ma jkunux tħallew jieħdu dak il-liv matul ir-relazzjoni ta' impjieg tagħhom u jistgħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ta' dak l-intitolament addizzjonali ([312]).

## C. *L-interazzjoni bejn il-liv annwali bil-ħlas u tipi oħrajn ta' liv*

Il-Qorti sostniet li "leave ggarantit bid-dritt komunitarju ma jistax jeffettwa d-dritt li jittieħed leave ieħor iggarantit b'dan id-dritt" ([313]), inkluż eventwalment, fil-każ tal-aggregazzjoni ta' diversi perjodi ta' liv, it-trasferiment inevitabbli tal-liv annwali jew parti minnu għas-sena ta' wara ([314]).

Fil-każ ta' drittijiet għal-liv irregolati mil-liġi nazzjonali, il-Qorti sostniet li l-iskop tal-liv għandu jiġi vvalutat sabiex jinstiltu konklużjonijiet dwar kwalunkwe koinċidenza ma' liv annwali bil-ħlas.

## 1. Liv tal-maternità

Il-Qorti sostniet li l-iskopijiet tal-liv tal-maternità u tal-liv annwali bil-ħlas huma differenti: l-ewwel wieħed għandu l-għan li jipproteġi l-kundizzjoni bijoloġika tal-mara waqt u wara t-tqala u li jipproteġi r-relazzjoni speċjali bejn mara u t-tarbija tagħha fil-perjodu ta' wara t-twelid ([315]). Din l-interpretazzjoni hija meqjusa neċessarja "sabiex tiġi żgurata l-osservanza tad-drittijiet marbuta mal-kuntratt ta' xogħol ta' ħaddiema fil-każ ta' leave tal-maternità" ([316]).

Il-ħaddiema bil-liv tal-maternità, li, b'riżultat ta' dan, ma jistgħux jaħdmu, jeħtiġilhom jiġu ggarantiti d-dritt għal liv annwali bil-ħlas u ma jistgħux ikunu soġġetti għal kundizzjoni li fil-fatt ikunu ħadmu. Meta jkunu assenti mil-liv tal-maternità matul il-perjodu ta' referenza għal-liv annwali bil-ħlas, dawn għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħall-ħaddiema li fil-fatt ikunu ħadmu ([317]).

([308]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19, *Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria*.
([309]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punti 57 sa 60.
([310]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-229/11 u C-230/11, *Heimann and Toltschin*, il-punt 25.
([311]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 61.
([312]) Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punti 36 sa 37; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 39.
([313]) Is-Sentenza tal-14 ta' April 2005, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu*, C-519/03, ECLI:EU:C:2005:234, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 26.
([314]) Is-Sentenza fil-Kawża C-519/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu*, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 26.
([315]) Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 32; Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 34.
([316]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 27.
([317]) Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 30.

Għalhekk "impjegata trid tkun tista' tieħu l-leave annwali tagħha matul perjodu li ma jkunx il-perjodu tal-leave tal-maternità, inkluż f'każ fejn il-perjodu tal-leave tal-maternità jaħbat mal-perjodu ġenerali ta' leave annwali stabbilit, permezz ta' ftehim kollettiv, għall-forza tax-xogħol sħiħa" ([318]). Din il-formulazzjoni tissuġġerixxi li dan huwa prinċipju assolut, u li, b'differenza mis-sitwazzjoni tal-liv minħabba mard (ara aktar 'l isfel), it-trasferiment tal-liv annwali bil-ħlas ma jistax jiġi limitat. Fil-fatt, il-Qorti saħqet li "leave ggarantit bid-dritt komunitarju ma jistax jeffettwa d-dritt li jittieħed leave ieħor iggarantit b'dan id-dritt" ([319]).

Fid-dawl tad-direttiva li tipproteġi ħaddiema nisa tqal u ħaddiema nisa li welldu reċentement jew li qegħdin ireddgħu ([320]), il-Qorti żiedet li dan japplika mhux biss għal-liv bil-ħlas annwali minimu ta' 4 ġimgħat, iżda wkoll għal kwalunkwe liv addizzjonali previst mil-liġi nazzjonali ([321]).

## 2. Liv tal-ġenituri u tipi oħrajn ta' liv protetti mid-dritt tal-UE

Il-Qorti ddeċidiet dwar il-liv tal-ġenituri fil-kuntest tal-Ftehim Qafas dwar il-liv tal-ġenituri ([322]), li minn dak iż-żmien ġie revokat bid-Direttiva (UE) 2019/1158 ([323]).

L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1158 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw jipprevedi li d-drittijiet miksuba jew fil-proċess li jinkisbu mill-ħaddiem fid-data li fiha, fost l-oħrajn ([324]), jibda l-liv tal-ġenituri jinżammu hekk kif inhuma sakemm jintemm il-liv tal-ġenituri u japplikaw wara dak il-liv.

Dik id-dispożizzjoni hija maħsuba sabiex tevita t-telf ta' jew it-tnaqqis tad-drittijiet derivati minn relazzjoni ta' impjieg, li għalihom il-ħaddiema huma intitolati meta jibdew il-liv tal-ġenituri, u sabiex tiżgura li, fi tmiem ta' dak il-liv, isibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni bħal meta jkun beda. Il-Qorti ddeċidiet li d-dritt għal-liv annwali bil-ħlas huwa wieħed mid-drittijiet derivati direttament mir-relazzjoni ta' impjieg ta' kull ħaddiem. Għalhekk, l-intitolament għal-liv annwali akkumulat matul il-perjodu ta' qabel il-bidu tal-liv tal-ġenituri ma jistax jiskadi filwaqt li wieħed ikun fuq liv tal-ġenituri ([325]).

Minkejja li ħaddiem bil-liv tal-ġenituri jibqa', matul dak il-perjodu, ħaddiem għall-finijiet tad-dritt tal-UE, ir-relazzjoni ta' impjieg tista' tiġi sospiża skont il-liġi nazzjonali, u b'hekk jiġu sospiżi l-obbligi reċiproċi tal-partijiet ([326]). F'każ bħal dan "il-perjodu ta' leave parentali li minnu jkun ibbenefika l-ħaddiem ikkonċernat matul il-perjodu ta' riferiment ma jistax jiġi ekwiparat ma' perijodu ta' xogħol effettiv għall-finijiet tad-determinazzjoni tad-drittijiet tiegħu għal-leave annwali mħallas taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2003/88" ([327]).

Jekk jiġu introdotti forom oħrajn ta' liv fid-dritt tal-UE, il-Kummissjoni tqis li jkun japplika l-prinċipju stabbilit mill-Qorti li "leave ggarantit bid-dritt komunitarju ma jistax jeffettwa d-dritt li jittieħed leave ieħor iggarantit b'dan id-dritt" ([328]). Jekk perjodi ta' tipi differenti ta' liv protetti mid-dritt tal-UE jaħbtu flimkien, dan jista' jinvolvi t-trasferiment tal-liv annwali, jew ta' parti minnu, għas-sena ta' wara.

---

([318]) Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 41.

([319]) Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punti 32 sa 33; Is-Sentenza fil-Kawża C-519/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu*, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 26; Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 37.

([320]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddgħu (ĠU L 348, 28.11.1992, p. 1).

([321]) Is-Sentenza fil-Kawża C-342/01, *Merino Gómez*, il-punt 45.

([322]) Ftehim qafas dwar il-leave tal-ġenituri, konkluż fl-14 ta' Diċembru 1995, anness mad-Direttiva tal-Kunsill 96/34/KE tat-3 ta' Ġunju 1996 dwar il-ftehim qafas fuq il-leave tal-ġenituri konkluż mill-UKIIE, ĊEIP u ta' KETU (ĠU L 145, 19.6.1996, p. 4), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/75/KE tal-15 ta' Diċembru 1997 (ĠU L 10, 16.1.1998 p. 24); Il-Ftehim Qafas Rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż fit-18 ta' Ġunju 2009, anness mad-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE tat-8 ta' Marzu 2010 li timplimenta l-Ftehim Qafas rivedut dwar il-leave tal-ġenituri konkluż minn BUSINESSEUROPE, UEAPME, CEEP u ETUC u li jħassar id-Direttiva 96/34/KE (ĠU L 68, 18.3.2010, p. 13).

([323]) Id-Direttiva (UE) 2019/1158 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 79).

([324]) L-Artikolu 10(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1158 jirregola l-liv tal-paternità, il-liv tal-ġenituri, il-liv tal-persuni li jindukraw u l-jiem liberi mix-xogħol għal raġunijiet ta' force majeure.

([325]) Is-Sentenza fil-Kawża C-486/08, *Zentralbetriebsrat der Landeskrankenhäuser Tirols*, il-punti 48 sa 56.

([326]) Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 35.

([327]) Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 36.

([328]) Is-Sentenza fil-Kawża C-519/03, *Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu*, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 26, is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 37.

## 3. **Liv minħabba mard**

B'kuntrast mad-dritt għal-liv tal-maternità u d-dritt tal-ġenituri, id-dritt għal-liv minħabba mard u l-kundizzjonijiet għall-eżerċitar ta' dak id-dritt ma humiex regolati bid-dritt tal-UE. Madankollu l-Qorti tistabbilixxi limiti għal-liġi nazzjonali, meta l-liv annwali bil-ħlas u l-liv minħabba mard jaħbtu flimkien.

Dan jibni fuq l-iskopijiet differenti tat-tnejn. L-iskop tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas huwa li jippermetti lill-ħaddiem jistrieħ u jgawdi perjodu ta' rilassament u divertiment. L-iskop tad-dritt għal-liv minħabba mard huwa li jippermetti lill-ħaddiem jirkupra minn marda li ma tkunx ħallietu jkun tajjeb għax-xogħol ([329]).

### a) *L-intitolament fil-każ tal-liv minħabba mard*

Kif intqal aktar 'il fuq, il-ħaddiema li jkunu fuq liv minħabba mard jibqgħu intitolati li jakkumulaw il-liv annwali bil-ħlas, billi ma hijiex kundizzjoni tal-liv annwali bil-ħlas li l-ħaddiem irid ikun ħadem matul il-perjodu ta' referenza ([330]).

### b) *L-eżerċizzju tad-dritt fil-każ tal-liv minħabba mard*

Il-Qorti sostniet b'mod ċar li huwa l-Istat Membru li jrid jiddeċiedi jekk jawtorizzax jew jipprojbix it-teħid ta' liv annwali matul perjodu ta' liv minħabba mard ([331]).

Madankollu, jekk il-ħaddiem ma jkunx jixtieq jieħu l-liv annwali matul dak il-perjodu, il-liv annwali jrid jingħata għal perjodu differenti ([332]). B'mod partikolari, dan ifisser li ħaddiem li jkun fuq liv minħabba mard waqt perjodu ta' liv annwali ppjanat, għandu d-dritt li jieħu dak il-liv annwali fi żmien differenti, fuq talba tiegħu jew tagħha ([333]), irrispettivament minn jekk il-liv minħabba mard jibdiex qabel jew matul il-liv annwali bil-ħlas ippjanat ([334]).

Filwaqt li l-interessi tal-impjegatur jistgħu jiġu kkunsidrati fl-iskedar tal-liv tal-ħaddiem, ma jistgħux jinxteħtu dubji dwar l-intitolament għal-liv annwali f'data aktar tard ([335]). Għalhekk l-impjegatur jeħtieġlu jagħti lill-ħaddiem perjodu differenti ta' liv annwali kompatibbli ma' dawk l-interessi, mingħajr ma jeskludi minn qabel perjodu barra l-perjodu ta' referenza għal-liv annwali inkwistjoni ([336]).

### c) *Trasferiment fil-każ ta' liv minħabba mard*

Meta l-ħaddiem kien marid matul is-sena tal-liv kollha jew parti minnha, jista' jagħti l-każ li dan ma jkunx jista' jieħu l-liv annwali bil-ħlas, għalkemm xorta waħda kien intitolat għalih.

Kif intqal aktar 'il fuq, filwaqt li l-Qorti sostniet li "l-effett pożittiv ta' dan il-leave annwali mħallas għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiem jinħass b'mod sħiħ jekk jittieħed fis-sena prevista għal dan il-għan, jiġifieri matul is-sena kurrenti", hija madankollu sostniet li "l-importanza ta' dan iż-żmien ta' mistrieħ f'dan ir-rigward ma tintilifx jekk jittieħed matul perijodu sussegwenti" ([337]). Għalhekk, meta ħaddiem li kien fuq liv minħabba mard għas-sena tal-liv kollha jew parti minnha ma kellux l-opportunità li jieħu l-liv annwali bil-ħlas, il-Qorti sostniet li d-dritt għal-liv annwali bil-ħlas ma jistax jispiċċa fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza ([338]) iżda li l-ħaddiem għandu jitħalla jittrasferixxih, billi jekk ikun meħtieġ jiskedah barra l-perjodu ta' referenza għal-liv annwali ([339]).

---

([329]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 25; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 21; Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 19; Id-Digriet fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punt 19; Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punt 25; Is-Sentenza tal-4 ta' Ġunju 2020, *Federación de Trabajadores Independientes de Comercio (Fetico) et vs Grupo de Empresas DIA S.A. u Twins Alimentación S.A.*, C-588/18, ECLI:EU:C:2020:420, il-punt 33; Is-Sentenza fil-Kawża C-217/20, *Staatssecretaris van Financiën*, il-punt 25.

([330]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 41; Is-Sentenza fil-Kawża C-282/10, *Dominguez*, il-punt 20; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-229/11 u C-230/11, *Heimann u Toltschin*, il-punt 24; Is-Sentenza fil-Kawża C-12/17, *Dicu*, il-punt 29; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19, *Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria*, il-punt 59; Is-Sentenza fil-Kawża C-217/20, *Staatssecretaris van Financiën*, il-punt 29.

([331]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punti 28 sa 31; Id-Digriet fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 25.

([332]) Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 25.

([333]) Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 22; Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 20; Id-Digriet fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punt 19; Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punt 26.

([334]) Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 21.

([335]) Id-Digriet fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punt 24.

([336]) Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 23; Id-Digriet fil-Kawża C-194/12, *Maestre García*, il-punt 23.

([337]) Is-Sentenza fil-Kawża C-124/05, *Federatie Nederlandse Vakbeweging*, il-punt 30.

([338]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punti 38 sa 49; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 19.

([339]) Is-Sentenza fil-Kawża C-78/11, *ANGED*, il-punt 23; Is-Sentenza fil-Kawża C-277/08, *Vicente Pereda*, il-punt 23.

L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-perjodu li matulu jista' jiġi ttrasferit il-liv annwali bil-ħlas ([340]). Il-Qorti rrikonoxxiet li d-dritt għall-akkumulazzjoni tal-intitolamenti għal-liv annwali bil-ħlas miksuba matul l-inkapaċità għax-xogħol ma huwiex mingħajr limitu ([341]).

Madankollu, il-Qorti sostniet ukoll li "kull perijodu ta' trasferiment tal-leave għandu jkun sostanzjalment itwal mit-tul tal-perijodu ta' referenza li għalih ingħata" ([342]). Għalhekk hija sostniet li perjodu ta' 9 xhur għat-trasferiment, jiġifieri iqsar mill-perjodu ta' referenza li għalih jirreferi, ma kienx jassigura l-effett pożittiv tal-liv annwali bil-ħlas bħala perjodu ta' serħan u għalhekk ma setax jintuża sabiex tiġi ddeterminata l-iskadenza tal-intitolament għal-liv annwali bil-ħlas ([343]). B'kuntrast, hija aċċettat perjodu ta' trasferiment ta' 15-il xahar ([344]).

Fl-aħħar nett, il-Qorti ċċarat li meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħtu liv annwali bil-ħlas flimkien mal-4 ġimgħat previsti mid-Direttiva, dawn ma humiex obbligati li jipprevedu trasferiment ta' tali liv addizzjonali, peress li dak il-liv addizzjonali (lil hinn minn 4 ġimgħat) ma huwiex kopert mid-Direttiva ([345]).

d) *Benefiċċju bħala kumpens fil-każ ta' liv minħabba mard sakemm tintemm ir-relazzjoni ta' impjieg*

Fil-każ ta' ħaddiem li jkun fuq liv minħabba mard għas-sena tal-liv kollha jew parti minnha u/jew ta' perjodu ta' trasferiment sakemm jintemm l-impjieg, il-Qorti sostniet li ma huwiex kompatibbli mal-Artikolu 7(2) li jiġi preklużil-pagament ta' benefiċċju bħala kumpens għal-liv annwali bil-ħlas li ma jkunx ittieħed ([346]).

## 4. Tipi oħrajn ta' liv fuq livell nazzjonali

Meta l-ħaddiema jkunu intitolati għal forom oħrajn ta' liv skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-iskop tal-liv huwa l-fattur determinanti sabiex jiġi deċiż kif għandha tiġi mmaniġġjata kwalunkwe koinċidenza mal-liv annwali bil-ħlas ([347]).

Fil-każ tal-"liv ta' konvalexxenza", il-Qorti sostniet li kienu japplikaw il-konsiderazzjonijiet imsemmija għal-liv minħabba mard, u stabbiliet il-prinċipju li fejn l-iskopijiet tal-liv mogħti fuq livell nazzjonali u dawk tal-liv annwali bil-ħlas ikunu differenti, hemm obbligu li l-ħaddiem ikkonċernat jingħata perjodu differenti ta' liv annwali ([348]).

Madankollu l-Qorti qieset li fil-każ ta' tip speċifiku ta' liv mogħti bil-liġi nazzjonali, huma l-qrati nazzjonali li jridu jiddeċiedu jekk l-iskop ta' dak id-dritt kienx differenti mill-iskop tad-dritt għal-liv annwali bil-ħlas, kif interpretat mill-Qorti u fid-dawl tal-gwida tagħha u l-fatturi fuq livell nazzjonali li jirregolaw l-għoti tal-liv ([349]).

L-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-ħaddiema liv speċjali bil-ħlas li jippermettilhom jissodisfaw ħtiġijiet jew obbligi speċifiċi li jirrikjedu l-preżenza personali tagħhom bħal, pereżempju, żwieġ, it-twelid ta' wild, l-ammissjoni fl-isptar, il-mewt ta' qarib, jew it-twettiq ta' funzjonijiet rappreżentattivi tat-trade unions. Il-Qorti ddeċidiet li tali liv speċjali ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, iżda pjuttost tal-eżerċitar, minn Stat Membru, tal-kompetenzi tiegħu stess ([350]).

---

([340]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*, il-punti 28 sa 35.
([341]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*, il-punti 28 sa 35.
([342]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*, il-punti 38 sa40.
([343]) Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punti 41 sa 43; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*, il-punt 38.
([344]) Is-Sentenza fil-Kawża C-214/10, *KHS*, il-punt 44; Is-Sentenza fil-Kawża C-214/16, *King*, il-punt 55; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-762/18 u C-37/19, *Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria*, il-punt 71.
([345]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-609/17 u C-610/17, *TSN*.
([346]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-350/06 u C-520/06, *Schultz-Hoff et*, il-punt 62; Is-Sentenza fil-Kawża C-337/10, *Neidel*, il-punt 30; Is-Sentenza fil-Kawża C-341/15, *Maschek*, il-punt 31.
([347]) Il-miżuri nazzjonali kontra t-tixrid tal-COVID-19 dan l-aħħar wasslu għal referenza preliminari minn qorti nazzjonali quddiem il-Qorti (il-Kawża C-206/22), u l-mistoqsija hija jekk l-obbligu li jingħata liv annwali bil-ħlas jiġix issodisfat jekk, matul perjodu awtorizzat ta' liv, il-ħaddiem ikkonċernat jiġi affettwat minn avveniment imprevedibbli bħall-kwarantina ordnata mill-gvern. Il-Qorti għadha ma ddeċidietx dwar dik il-kawża.
([348]) Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punt 32.
([349]) Is-Sentenza fil-Kawża C-178/15, *Sobczyszyn*, il-punti 24 sa 31.
([350]) Is-Sentenza fil-Kawża C-588/18, *FETICO et.*

## VIII. **XOGĦOL TA' BILLEJL, XOGĦOL BIX-SHIFT U MUDELLI TAX-XOGĦOL**

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tirrikonoxxi n-natura partikolari tax-xogħol ta' billejl u ta' ċerti forom tqal ta' organizzazzjoni tax-xogħol ([351]). Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-perjodi ta' serħan u l-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa, id-Direttiva għalhekk tinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar ix-xogħol ta' billejl, ix-xogħol bix-shift u mudelli oħrajn tax-xogħol li huma spjegati hawn taħt.

### A. ***It-tul tax-xogħol ta' billejl***

L-Artikolu 8 tad-Direttiva jistabbilixxi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li:

(a) is-sigħat normali tax-xogħol għal ħaddiema ta' billejl ma jkunux jeċċedu l-medja ta' tmien sigħat fi kwalunkwe perijodu ta' 24 siegħa;

(b) il-ħaddiema ta' matul il-lejl li x-xogħol tagħhom jinvolvi perikolu speċjali jew dak fiżiku iebes jew ta' strapazz mentali ma jaħhdmux għal aktar minn tmien sigħat fi kwalunkwe perijodu ta' 24 siegħa li matulhom huma jwettqu x-xogħol ta' matul il-lejl.

Għall-iskopijiet tal-punt (b), xogħol li jinvolvi perikolu speċjali jew dak fiżiku iebes jew ta' strapazz mentali għandu jkun definit bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew prattika jew bi ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija, billi jittieħed akkont tal-effetti speċifiċi u l-perikoli tax-xogħol matul il-lejl."

Dan l-Artikolu jistabbilixxi żewġ limiti differenti għall-ħaddiema ta' billejl: wieħed applikabbli għall-ħaddiema ta' billejl kollha u ieħor applikabbli għall-ħaddiema ta' billejl li x-xogħol tagħhom jinvolvi perikli speċjali jew strapazz fiżiku jew mentali kbir. Għall-kunċett ta' "xogħol ta' billejl", wieħed jirreferi għad-definizzjoni ppreżentata fil-Kapitolu IV.B.

#### 1. **Il-limitu medju fuq ix-xogħol ta' billejl**

Id-Direttiva tillimita l-ħin tax-xogħol medju tal-ħaddiema ta' billejl kollha għal 8 sigħat f'kull perjodu ta' 24 siegħa.

##### a) *Il-limitu fuq il-"ħin tax-xogħol"*

Dan il-limitu japplika għas-sigħat tax-xogħol tal-"ħaddiema ta' billejl". Għalhekk jirreferi għall-ħin tax-xogħol kollu, u mhux biss għall-"ħin ta' billejl" (ara l-Kapitolu IV).

Barra minn hekk, għalkemm l-Artikolu 8 jirreferi għas-"sigħat normali tax-xogħol", id-definizzjonijiet ta' "ħin tax-xogħol" u "perjodi ta' serħan" fil-Kapitolu IV, u l-premessa 8 tad-Direttiva, jimplikaw li l-"ħin tax-xogħol" kollu, inkluża s-sahra, għandhom jingħaddu għal dan il-limitu fuq il-ħin tax-xogħol.

Billi dan il-limitu huwa medja, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar il-perjodu ta' referenza. Skont l-Artikolu 16(c), il-perjodu ta' referenza għandu jiġi ddefinit wara konsultazzjoni maż-żewġ naħat tal-industrija jew direttament permezz ta' ftehimiet kollettivi jew ftehimiet fuq livell nazzjonali jew reġjonali.

##### b) *Il-medja fuq "perjodu ta' referenza"*

Il-proposta oriġinali li jiġi stabbilit perjodu ta' referenza ta' mhux aktar minn 14-il jum ([352]) ma tidhirx fid-Direttiva kif adottata. Il-perjodu ta' referenza huwa determinat mill-Istati Membri u/jew mis-sħab soċjali mingħajr l-ebda limitu espliċitu.

Madankollu, fid-dawl tal-objettiv tad-Direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti minimi tas-sikurezza u s-saħħa, u tal-ħtieġa li tinżamm l-effettività tad-dispożizzjoni dwar ix-xogħol ta' billejl, il-perjodu ta' referenza għax-xogħol ta' billejl għandu jkun sostanzjalment iqsar minn dak użat għall-ġimgħa massima tax-xogħol. Fil-fatt, l-istabbiliment tal-istess perjodi ta' referenza għat-tnejn jirrendi *de facto* d-dispożizzjoni dwar ix-xogħol ta' billejl inutli, billi l-konformità mal-ġimgħa tax-xogħol medja ta' 48 siegħa u mal-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa tassigura awtomatikament medja ta' ħin tax-xogħol ta' kuljum ta' 8 sigħat.

---

([351]) Id-Direttiva 2003/88/KE, il-premessa 7: "Ir-riċerka wriet li l-ġisem uman huwa aktar sensittiv matul il-lejl għal disturbi ambjentali u wkoll għal ċerti tipi tqal ta' organizzazzjoni u li perjodi twal ta' xogħol matul il-lejl jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa ta' ħaddiema u jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tagħhom fil-post tax-xogħol".

([352]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.

Skont l-Artikolu 16(c), jekk il-perjodu minimu ta' serħan ta' kull ġimgħa jaqa' fi ħdan il-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tax-xogħol ta' billejl, dan ma jiġix inkluż fil-kalkolu tal-medja. Il-premessi 5 u 7 tad-Direttiva jgħidu li *"l-ħaddiema kollha għandhom ikollhom perjodi adegwati ta' serħan"* u li *"perjodi twal ta' xogħol matul il-lejl jistgħu jkunu ta' detriment għas-saħħa tal-ħaddiema"*. B'kuntrast, il-perjodu ta' serħan ta' kuljum, li jillimita b'mod naturali l-ħin tax-xogħol tal-ħaddiema kkonċernati u jassigura li dawn jibbenefikaw minn perjodi regolari ta' serħan, huwa inkluż fil-kalkolu tal-medja.

## 2. Limitu massimu fuq ix-xogħol ta' billejl li jinvolvi perikli speċjali jew strapazz fiżiku jew mentali kbir

a) *Limitu assolut*

Il-limitu assolut ta' 8 sigħat japplika għas-sigħat tax-xogħol tal-"ħaddiema ta' billejl". Għalhekk jinkludi l-ħin tax-xogħol kollu (eż. is-sahra), u mhux biss ix-"xogħol ta' billejl".

B'differenza mil-limitu medju, il-limitu massimu fuq dan it-tip speċifiku ta' xogħol ta' billejl skont l-Artikolu 8(b) japplika għal "kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa". Huwa ma jistax jiġi kkalkolat bħala medja. Dan ifisser li filwaqt li l-ħaddiema kkonċernati jistgħu jagħmlu anqas xogħol f'ċertu perjodu ta' 24 siegħa, huma qatt ma jistgħu jaqbżu l-massimu ta' 8 sigħat f'ħinijiet oħrajn meta jwettqu xogħol ta' billejl.

Madankollu, b'differenza mil-limitu medju li japplika għas-sigħat tax-xogħol kollha tal-ħaddiema ta' billejl, dan il-limitu assolut japplika biss għall-ħin li matulu l-ħaddiema kkonċernati fil-fatt iwettqu xogħol ta' billejl. Dan ifisser li jekk "ħaddiem ta' billejl li x-xogħol tiegħu jinvolvi perikli speċjali jew strapazz kbir" ma jwettaqx xogħol ta' billejl f'perjodu speċifiku ta' 24 siegħa, ma jkunx il-limitu assolut ta' 8 sigħat li japplika għal dak il-perjodu iżda l-limitu medju. Għalhekk il-ħaddiem jista' jaħdem għal aktar minn 8 sigħat jekk huwa ma jwettaqx xogħol ta' billejl matul dak il-perjodu.

b) *Xogħol li jinvolvi perikli speċjali*

Id-Direttiva ma tiddefinixxix il-kunċetti ta' "perikli speċjali jew strapazz fiżiku jew mentali kbir". Tistipula li dawn għandhom jiġu ddefiniti bil-leġiżlazzjoni u/jew il-prattika nazzjonali jew bi ftehim kollettiv jew ftehimiet konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija.

Id-Direttiva tistipula li, jiġi kif jiġi ddefinit ix-xogħol li jinvolvi perikli speċjali jew strapazz fiżiku jew mentali kbir, dan għandu jqis l-effetti u l-perikli speċifiċi tax-xogħol ta' billejl. Bħala gwida, wieħed jista' jirreferi għall-premessa 7, li ssemmi d-"disturbi ambjentali" u "ċerti tipi tqal ta' organizzazzjoni tax-xogħol" bħala li jista' jkollhom effetti detrimentali fuq is-saħħa tal-ħaddiema kkonċernati. Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni għamlet referenza għax-"*xogħol bl-imqietgħa, ix-xogħol fil-linja tal-assemblaġġ jew ix-xogħol b'pass prestabbilit*", bħala eżempji f'dan ir-rigward ([353]).

## B. Eżamijiet tas-saħħa u t-trasferiment ta' ħaddiema ta' billejl għal xogħol ta' matul il-jum

L-Artikolu 9 jimponi l-obbligi li ġejjin fuq l-Istati Membri:

"1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li:

(a) il-ħaddiema ta' matul il-lejl huma ntitolati għal eżami tas-saħħa b'xejn qabel l-assenjar tagħhom u minn hemm il-quddiem f'intervalli regolari;

(b) il-ħaddiema ta' matul il-lejl li jsofru minn problemi tas-saħħa rikonoxxuti bħala li huma konnessi mal-fatt li huma jwettqu xogħol ta' matul il-lejl huma ttrasferiti kull meta jkun possibbli lejn xogħol ta' matul il-jum li għalih huma adattati.

2. L-eżami tas-saħħa b'xejn li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1(a) għandu jkun konformi mal-konfidenzjalità medika.

3. L-eżami tas-saħħa b'xejn li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1(a) għandu jkun imwettaq fi ħdan is-sistema tas-saħħa nazzjonali."

([353]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.

1. **Id-dritt tal-ħaddiema ta' billejl għal eżamijiet tas-saħħa**

a) *Eżami tas-saħħa qabel jiġu assenjati*

L-Artikolu 9 tad-Direttiva jintitola lill-"ħaddiema ta' billejl" kollha taħt l-Artikolu 2(4) (ara l-Kapitolu IV aktar 'il fuq) għal eżami tas-saħħa qabel ma jiġu assenjati.

Din id-dispożizzjoni hija paragunabbli ma' dik fl-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni 171 tal-ILO li tistipula li "Fuq talba tagħhom, il-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu eżami tas-saħħa bla ħlas u li jirċievu parir dwar kif inaqqsu jew jevitaw il-problemi tas-saħħa assoċjati max-xogħol tagħhom: (a) qabel ma jibdew xogħol bħala ħaddiema ta' billejl; […]".

L-eżami tas-saħħa jrid isir qabel ma l-ħaddiem jiġi assenjat fix-xogħol ta' billejl, jiġifieri qabel ma l-ħaddiem ikkonċernat jibda jwettaq ix-xogħol ta' billejl.

B'differenza mill-Konvenzjoni tal-ILO, id-Direttiva ma tirreferix għat-talba ta' ħaddiem iżda tintitola lill-ħaddiema ta' billejl kollha għal eżamijiet tas-saħħa qabel ma jibdew xogħol.

b) *Eżami tas-saħħa f'intervalli regolari*

Il-"ħaddiema ta' billejl" huma intitolati wkoll għal eżamijiet tas-saħħa "f'intervalli regolari". Dawn l-intervalli tħallew mhux definiti u għalhekk huma l-Istati Membri li jridu jiddeċiduhom.

Fil-proċess ta' adozzjoni għad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol tal-1993, il-Parlament Ewropew ([354]) ippropona kontroll wieħed fis-sena sal-età ta' 40 sena u żewġ kontrolli fis-sena wara dik l-età. Dan kien aċċettat mill-Kummissjoni ([355]) iżda ma ġiex adottat fit-test finali ([356]).

c) *L-eżamijiet tas-saħħa jridu jkunu b'xejn*

Filwaqt li d-Direttiva tistipula li l-eżamijiet tas-saħħa jridu jkunu b'xejn għall-ħaddiem, din ma tistabbilixxix jekk il-kostijiet għandhomx jiġġarrbu mill-impjegatur jew minn parti terza, bħas-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali, u għalhekk huma l-Istati Membri li jridu jiddeċiedu.

d) *Kunfidenzjalità medika*

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol titlob li l-eżamijiet tas-saħħa b'xejn li l-ħaddiema huma intitolati għalihom qabel ma jiġu assenjati x-xogħol u mbagħad f'intervalli regolari jikkonformaw mal-kunfidenzjalità medika.

B'differenza mill-Konvenzjoni tal-ILO, id-Direttiva ma tagħmel l-ebda eċċezzjoni espliċita għas-"*sejbien ta' inkapaċità għax-xogħol ta' billejl*" ([357]).

e) *Il-possibbiltà li l-eżamijiet jitwettqu bħala parti mis-sistema tas-saħħa nazzjonali*

Id-Direttiva tgħid li dawn l-eżamijiet tas-saħħa jistgħu jitwettqu fi ħdan is-sistema tas-saħħa nazzjonali, iżda ma tesiġix dan.

2. **It-trasferiment ta' ħaddiema ta' billejl għal xogħol ta' matul il-jum għal raġunijiet ta' saħħa**

Din id-dispożizzjoni hija paragunabbli mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni 171 ([358]) tal-ILO u titlob li, fejn il-ħaddiema jsofru minn problemi tas-saħħa marbuta max-xogħol tagħhom ta' billejl, kull meta jkun possibbli huma jiġu ttrasferiti għal xogħol ta' matul il-jum li għalih ikunu tajbin.

Id-Direttiva ma tidħolx fid-dettalji tal-proċedura jew kif għandhom jiġu pprovati l-problemi tas-saħħa u r-rabta max-xogħol ta' billejl. Dawn għalhekk jistgħu jiġu deċiżi fuq livell nazzjonali.

Rigward il-pożizzjonijiet li fihom għandhom jiġu ttrasferiti l-ħaddiema, id-Direttiva titlob biss li jkun xogħol li jkunu tajbin għalih u li jkun "xogħol ta' matul il-jum". It-trasferiment għandu jseħħ "kull meta jkun possibbli".

([354]) Il-Parlament Ewropew, Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni komuni stabbilita mill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (C3- 0241/93 – SYN 295) (ĠU C 315, 22.11.1993, p. 125).

([355]) L-emenda tal-Kummissjoni għall-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, it-23 ta' April 1991, COM(91) 130 final – SYN 295.

([356]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993 dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

([357]) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol ta' Billejl, C171, is-26 ta' Ġunju 1990, l-Artikolu 4(2).

([358]) L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Il-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol ta' Billejl, C171, is-26 ta' Ġunju 1990, l-Artikolu 6.

B'differenza mill-Konvenzjoni tal-ILO[242], id-Direttiva ma ssemmix sitwazzjonijiet fejn ma jkunx possibbli trasferiment, u lanqas ma tispeċifika l-benefiċċji jew il-protezzjoni kontra t-tkeċċija għal ħaddiema li għalihom ma jkun possibbli l-ebda trasferiment minkejja problemi tas-saħħa marbuta max-xogħol ta' billejl.

## C. Garanziji għax-xogħol ta' billejl

> L-Artikolu 10 jistipula li:
>
> "L-Istati Membri jistgħu jimponu li x-xogħol ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema ta' matul il-lejl ikun suġġett għal ċerti garanziji, skont il-kondizzjonijiet stabbiliti bil-leġislazzjoni nazzjonali u/jew prattika, fil-każ ta' ħaddiema li jkollhom riskji għas-sigurtà u s-saħħa tagħhom marbuta max-xogħol ta' matul il-lejl."

Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Istati Membri jżidu l-miżuri ta' protezzjoni applikabbli għal ċerti "kategoriji ta' ħaddiema ta' billejl". Hija ma tippermettix derogi iżda pjuttost tipprovdi espliċitament li jistgħu jiġu stabbiliti miżuri ta' protezzjoni addizzjonali.

Informazzjoni mill-fajl ta' adozzjoni għad-Direttiva tissuġġerixxi li l-intenzjoni tal-Parlament Ewropew għal din id-dispożizzjoni kienet li tippermetti l-protezzjoni tan-nisa tqal jew l-ommijiet fl-ewwel 6 xhur wara li jwelldu jew jadottaw tarbija ([359]). Il-formulazzjoni tal-Artikolu 10, madankollu, hija miftuħa u l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu liberament dwar il-kategoriji soġġetti għal tali garanziji u n-natura tal-garanziji.

## D. Notifika ta' użu regolari ta' ħaddiema ta' billejl

> L-Artikolu 11 jistabbilixxi li:
>
> "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li min iħaddem, li regolarment juża l-ħaddiema ta' billejl, li jwassal din l-informazzjoni għall-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jekk huma hekk jitolbu."

Il-proposta oriġinali ([360]) kienet titlob lill-impjegaturi jinformaw sistematikament lill-awtoritajiet tas-saħħa u s-sikurezza dwar l-użu regolari ta' ħaddiema ta' billejl, fid-dawl tal-effetti ħżiena tax-xogħol ta' billejl fuq is-saħħa ([361]).

It-test finali jillimita r-rekwiżit ta' informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti għall-każijiet fejn l-awtoritajiet jitolbu dan. Dan ifisser li filwaqt li l-Istati Membri xorta jistgħu jitolbu lill-impjegaturi jinformaw lill-awtoritajiet dwar l-użu regolari ta' ħaddiema ta' billejl bħala parti mid-dikjarazzjonijiet sistematiċi, id-Direttiva ma timponix dan l-obbligu. Hija titlob biss li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu dwar is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtoritajiet iridu jiġu informati.

Dan id-dmir li jinformaw lill-awtoritajiet japplika għall-impjegaturi li jużaw "regolarment" ħaddiema ta' billejl. L-ambitu eżatt tat-terminu "regolarment" ma huwiex definit mid-Direttiva, u lanqas ma kien is-suġġett ta' proċedimenti fil-Qorti.

Hija l-fehma tal-Kummissjoni li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jimponu obbligu ġenerali fuq l-impjegaturi sabiex jikkomunikaw informazzjoni dwar il-ħaddiema tagħhom, il-ħin tax-xogħol u l-organizzazzjoni tax-xogħol, jistgħu jikkorrispondu għal dan ir-rekwiżit.

---

([359]) Il-Parlament Ewropew, Deċiżjoni dwar il-pożizzjoni komuni stabbilita mill-Kunsill bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' direttiva dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (C3- 0241/93 – SYN 295) (ĠU C 315, 22.11.1993, p. 125).

([360]) Proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295.

([361]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295, il-paragrafu 28.

## E. Protezzjoni tas-sikurezza u tas-saħħa

L-Artikolu 12 tad-Direttiva jistabbilixxi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassiguraw li:

(a) ħaddiema tal-lejl u ħaddiema tax-shift ikollhom protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa xierqa għan-natura tax-xogħol tagħhom;

(b) servizzi jew faċilitajiet ta' protezzjoni u prevenzjoni xierqa fir-rigward tas-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema tal-lejl u ta' ħhaddiema tax-shift li huma ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ħaddiema oħrajn u li jkunu disponibbli fi kwalunwe waqt."

Din id-dispożizzjoni tikkonċerna kemm lill-ħaddiema ta' billejl kif ukoll lill-ħaddiema bix-shift u titlob li l-Istati Membri jassiguraw protezzjoni xierqa tas-saħħa u s-sikurezza tagħhom u d-disponibbiltà f'kull ħin, ta' servizzi jew faċilitajiet ta' protezzjoni u prevenzjoni ekwivalenti għal dawk applikabbli għal ħaddiema oħrajn.

L-ewwel inċiż jitlob li l-ħaddiema li jwettqu xogħol billejl u bix-shift jibbenefikaw minn miżuri xierqa mfassla apposta għan-natura tax-xogħol tagħhom. Il-premessa 7 issemmi l-fatt li "l-ġisem uman huwa aktar sensittiv matul il-lejl għal disturbi ambjentali u wkoll għal ċerti tipi tqal ta' organizzazzjoni tax-xogħol". Il-proposta tal-Kummissjoni kienet tgħid ukoll li l-għan kien li jitqiesu "n-natura aktar iebsa ta' dawn il-forom ta' xogħol u l-problemi li ġeneralment iseħħu meta jinbidlu ċ-ċikli tax-xogħol bix-shift" ([362]). Fid-dawl ta' dan, l-Artikolu 12 ifisser li l-protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema għandha tqis kemm il-fatt li l-ħaddiema jwettqu xogħol ta' billejl jew bix-shift, kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom iwettqu x-xogħol tagħhom. Rigward liema miżuri ta' protezzjoni jistgħu jittieħdu, il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Kummissjoni ta l-eżempju tal-iskedar tal-perjodi ta' serħan u l-waqfien[246], iżda d-Direttiva ma tispeċifikax.

Il-Qorti interpretat l-ewwel inċiż tal-Artikolu 12 billi rreferiet għall-premessa 6 ([363]). Fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, b'mod partikolari tax-xogħol ta' billejl, għandhom jitqiesu l-prinċipji tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, li skonthom il-kumpens għall-ħaddiema ta' billejl fil-forma ta' ħin tax-xogħol, paga jew benefiċċji simili jrid jirrikonoxxi n-natura tax-xogħol ta' billejl ([364]). Il-Qorti sostniet li skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 12, il-ħaddiema ta' billejl jeħtiġilhom jibbenefikaw minn miżuri protettivi li jirregolaw is-sigħat tax-xogħol, ir-remunerazzjoni, l-allowances jew benefiċċji simili, sabiex jikkumpensaw għat-tbatija partikolari involuta fix-xogħol li jwettqu ([365]). Madankollu, dispożizzjoni ta' ftehim kollettiv li tipprevedi benefiċċju supplimentari ogħla għal xogħol irregolari ta' billejl minn dak stabbilit għal xogħol regolari ta' billejl ma hijiex fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ([366]).

It-tieni inċiż jista' jiġi marbut mal-premessa 10, li tgħid li "l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-servizzi u r-riżorsi tal-protezzjoni u l-prevenzjoni għandhom ikunu effiċjenti". Il-metodi li l-Istati Membri jadottaw sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom jistgħu jkunu marbuta ma' dawk stabbiliti fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni 171 tal-ILO, li tgħid: "Għandu jkun hemm faċilitajiet xierqa tal-ewwel għajnuna disponibbli għall-ħaddiema li jaħdmu billejl, inklużi arranġamenti li bihom, dawn il-ħaddiema, fejn ikun hemm bżonn, ikunu jistgħu jittieħdu malajr f'post fejn ikun jista' jingħata trattament xieraq." Madankollu, id-Direttiva hija aktar wiesgħa, billi ma tkoprix biss il-protezzjoni iżda tirreferi wkoll għas-servizzi u l-faċilitajiet ta' prevenzjoni. Il-livell eżatt tar-rekwiżiti se jiddependi fuq il-faċilitajiet ta' protezzjoni u prevenzjoni stabbiliti għax-xogħol ta' matul il-jum fl-Istati Membri u direttivi oħrajn tal-UE dwar is-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema ([367]).

([362]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295, il-paragrafu 29.

([363]) Is-Sentenza tal-24 ta' Frar 2022, *VB vs Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto"*, C-262/20, ECLI:EU:C:2022:117, il-punt 54.

([364]) L-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni 171 tal-ILO.

([365]) Is-Sentenza fil-Kawża C-262/20, *Glavna direktsia "Pozharna bezopasnost i zashtita na naselenieto"*, il-punt 55.

([366]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-257/21 u C-258/21, *Coca-Cola European Partners Deutschland*, il-punt 53.

([367]) B'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1) u d-Direttiva tal-Kunsill 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol, (ĠU L 393, 30.12.1989, p. 1).

## F. **Tendenzi tax-xogħol**

L-Artikolu 13 jistabbilixxi li:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li min iħaddem li jkollu l-intenzjoni li jorganizza x-xogħol skont ċerta tendenza billi jieħdu akkont tal-prinċipju ġenerali tal-adattazzjoni tax-xogħol għall-ħaddiem, bil-għan, partikolarment, ħalli jtaffu l-monotonija tax-xogħol u x-xogħol b'rata predeterminata tax-xogħol, dipendenti mit-tip tal-attività, u tal-ħtiġiet tas-sigurtà u tas-saħħa, speċjalment fir-rigward tal-waqfien matul il-ħin tax-xogħol."

Din id-dispożizzjoni hija partikolarment rilevanti għax-xogħol bix-shift iżda mhux espressament limitata għalih. Hija tirrikjedi li l-Istati Membri jassiguraw lill-impjegaturi jqisu l-"prinċipju ġenerali tal-adattazzjoni tax-xogħol għall-ħaddiem" meta jistabbilixxu mudell ġdid tax-xogħol jew jibdlu wieħed eżistenti. Id-Direttiva hawnhekk tenfasizza l-importanza tal-waqfiet ta' mistrieħ, iżda ma tillimitax l-ambitu tal-miżuri ta' protezzjoni li għandhom jittieħdu.

# IX. **DEROGI**

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol hija test kumpless, billi hija tfittex li tipprovdi grad ta' flessibbiltà xieraq għal attivitajiet differenti, filwaqt li tassigura livell solidu ta' protezzjoni minima. Din il-flessibbiltà hija mnaqqxa fid-derogi tad-Direttiva, li huma numerużi u varjati kemm fir-rigward tal-ħaddiema u s-setturi kkonċernati kif ukoll fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li minnhom huma permessi derogi.

Billi l-biċċa l-kbira tad-drittijiet żviluppati fid-Direttiva huma protetti wkoll bl-Artikolu 31 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huwa importanti li jiġi enfasizzat li f'dan il-kuntest, japplika l-Artikolu 52 li jistipula li "Kull limitazzjoni fl-eżerċizzju tad-drittijiet u tal-libertajiet rikonoxxuti minn din il-Karta għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u l-libertajiet. Bla ħsara għall-prinċipju ta' proporzjonalità, jistgħu jsiru limitazzjonijiet f'dawk il-każijiet biss fejn ikun meħtieġ u fejn ġenwinament jintlaħqu l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn."

Id-derogi mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol għandhom ukoll l-elementi komuni li ġejjin:

L-ewwel nett, sabiex jintużaw, huma jridu jiġu trasposti b'mod validu. Il-Qorti sostniet li: "Peress li d-derogi previsti fid-derogi inkwistjoni huma fakultattivi, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix li l-Istati Membri għandhom jimplementawhom fil-liġi nazzjonali." ([368]) Hija ddeċidiet li sabiex jużaw l-opzjoni li jidderogaw minn ċerti dispożizzjonijiet, "l-Istati Membri huma mitluba jiddeċiedu li jagħmlu użu minn din l-għażla"[248].

Il-Qorti madankollu esprimiet il-fehma li "sakemm, anki fin-nuqqas ta' miżuri ċari li jittrasponu [Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol], il-liġi nazzjonali applikabbli għal attività partikolari tosserva l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17 tagħha, dik il-liġi tkun konformi mad-direttiva u ma hemm xejn li jimpedixxi lill-qrati nazzjonali milli japplikawha." ([369]). Dan ifisser li meta l-liġi nazzjonali tissodisfa l-kundizzjonijiet tad-deroga, hija tista' tiġi applikata anke jekk ma tippreżentax ruħha espliċitament bħala li qiegħda tittrasponi d-derogi previsti fid-Direttiva. L-Istati Membri għandhom, madankollu, jassiguraw li l-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-UE jiġu osservati, inkluż il-prinċipju taċ-ċertezza legali u, bħala konsegwenza, li d-dispożizzjonijiet li jippermettu derogi fakultattivi juru "l-preċiżjoni u ċ-ċarezza meħtieġa sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-imsemmi prinċipju" ([370]).

It-tieni, "bħala eċċezzjonijiet għas-sistema tal-Unjoni fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol previsti fid-Direttiva 2003/88, l-imsemmija derogi għandhom jingħataw interpretazzjoni li tillimita l-portata tagħhom għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi li dawn id-derogi jippermettu li jiġu protetti" ([371]). Dan ma jfissirx biss li d-derogi huma limitati għall-każijiet li fihom huma mogħtija b'mod espliċitu mid-Direttiva iżda wkoll li l-kamp ta' applikazzjoni ta' kull deroga huwa limitat għad-dispożizzjonijiet elenkati b'mod eżawrjenti fiha ([372]).

([368]) Is-Sentenza fil-Kawża C-227/09, *Accardo et*, il-punt 51.
([369]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 44.
([370]) Is-Sentenza fil-Kawża C-227/09, *Accardo et*, il-punt 55.
([371]) Is-Sentenza fil-Kawża C-227/09, *Accardo et*, il-punt 58; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 40.
([372]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 89; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 77.

It-tielet, id-derogi għandhom jiġu implimentati "suġġetta għal kundizzjonijiet stretti sabiex tiġi żgurata protezzjoni effikaċi tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema" ([373]).

Filwaqt li d-Direttiva diġà tistabbilixxi numru ta' kundizzjonijiet għal kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' deroga, il-Kummissjoni tqis li meta diversi aspetti tal-protezzjoni previsti mid-Direttiva jiġu emendati permezz tal-użu kumulattiv ta' derogi, jistgħu jkunu meħtieġa aktar miżuri ta' protezzjoni sabiex jitħares l-objettiv tad-Direttiva li tipproteġi s-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

## A. *Id-deroga għall-"ħaddiema awtonomi"*

L-Artikolu 17(1) jistabbilixxi d-deroga li ġejja:

"1. F'dak li jirrigwardja l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga mill-Artikoli 3 sa 6, 8 u 16 meta, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata, it-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiema nfushom, u partikolarment fil-każ ta':

(a) eżekuttivi amministraturi jew persuni oħrajn b'poteri awtonomi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

(b) ħaddiema parti mill-familja; jew

(c) ħaddiema li jiffiċċjaw f'ċerimonji reliġjużi fi knejjes u f'komunitajiet reliġjużi."

### 1. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga għall-"ħaddiema awtonomi"

L-Artikolu 17(1) tad-Direttiva jippermetti derogi "meta, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata, it-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiema nfushom".

Kif irrimarkat hawn fuq, l-Artikolu 17(1) irid jiġi interpretat b'mod li l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu jkun limitat għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu salvagwardjati l-interessi li dawk id-derogi jippermettu li jiġu protetti ([374]).

Din id-deroga tkopri żewġ tipi prinċipali ta' sitwazzjonijiet u t-tnejn iridu jiġu vvalutati "minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata". Għalhekk, fil-fehma tal-Kummissjoni, tali deroga ma tistax tiġi applikata b'mod wiesa' għal kategorija sħiħa ta' ħaddiema.

L-ewwel kriterju għal din id-deroga jgħid li "t-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat". It-tieni wieħed jitlob li l-ħaddiema jkunu jistgħu jiddeterminaw id-durata tal-ħin tax-xogħol tagħhom huma stess.

Fir-rigward taż-żewġ kriterji ta' kwalifika, il-Qorti sostniet li mill-formulazzjoni tagħha kien evidenti li din hija "applikabbli biss għall-ħaddiema li l-ħin tax-xogħol kollu tagħhom mhuwiex imkejjel jew predeterminat jew jista' jiġi ddeterminat mill-ħaddiema nfushom minhabba t-tip ta' attività kkonċernata" ([375]) (enfasi tal-Kummissjoni ). Dan ifisser li d-deroga ma tapplikax għal ħaddiema li l-ħin tax-xogħol tagħhom ma jkunx imkejjel jew predeterminat biss b'mod parzjali jew jista' jiġi ddeterminat mill-ħaddiema nfushom biss b'mod parzjali.

Fil-Kawża tagħha *Isère*, il-Qorti qieset jekk din id-deroga kinitx tapplika għal *"ħaddiema impjegati f'ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol edukattiv"*. Hija bbażat il-valutazzjoni tagħha fuq il-fatt li d-deskrizzjoni tal-attivitajiet tal-ħaddiema kkonċernati u l-operat ta' tali ċentri jissuġġerixxu li dawk il-ħaddiema ma kellhomx "il-possibbiltà li jiddeċiedu dwar in-numru ta' sigħat ta' xogħol li huma jwettqu". Il-Qorti nnotat ukoll li ma kien hemm l-ebda element li

([373]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 77; Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 34.

([374]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punti 39 sa 40.

([375]) Is-Sentenza fil-Kawża C-484/04, *Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*, il-punt 20; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 41. Filwaqt li l-Qorti ma qalet xejn dwar l-elementi preċiżi li jwasslu għal din l-interpretazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fl-istess kawża analizzaw il-formulazzjoni, il-kuntest kif ukoll l-objettivi tad-Direttiva sabiex inkisbet il-konklużjoni li d-deroga ma tistax tapplika għal każijiet li fihom parti biss mill-ħin tax-xogħol ma tiġix imkejla, predeterminata jew tista' tiġi ddeterminata mill-ħaddiema nfushom. Ara l-Kawża C-484/04, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott, id-9 ta' Marzu 2006, *Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq*, ECLI:EU:C:2006:166, il-punti 22 sa 32.

jindika li l-ħaddiema ma kinux "obbligati li jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol tagħhom skont skeda fissa ta' ħinijiet", u kkonkludiet li ma kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-deroga ([376]). Fil-Kawża *Hälvä* tagħha, il-Qorti kkonfermat li "ġenituri sostituti" li temporanjament jissostitwixxu lill-ġenituri prinċipali ma jaqgħux taħt id-"deroga awtonoma tal-ħaddiema" tal-Artikolu 17(1) ([377]). Dan minkejja l-fatt li l-"ġenituri sostituti" għandhom ċertu grad ta' awtonomija fl-organizzazzjoni tal-ħin tagħhom u, b'mod aktar speċifiku, id-dmirijiet tagħhom ta' kuljum, il-movimenti tagħhom u l-perjodi ta' inattività ([378]) tagħhom. Għalhekk, il-kapaċità tal-ħaddiema li jiddeċiedu kemm dwar il-kwantità kif ukoll dwar l-iskedar tas-sigħat tax-xogħol tagħhom hija essenzjali sabiex tapplika d-deroga tal-ħaddiema awtonomi tal-Artikolu 17(1).

Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni tqis li d-deroga tista' tinkludi ċerti maniġers ta' livell għoli li l-ħin tax-xogħol tagħhom, fit-totalità tiegħu, ma huwiex imkejjel jew predeterminat billi ma humiex obbligati li jkunu fil-post tax-xogħol f'sigħat fissi iżda jistgħu jiddeċiedu dwar l-iskeda tagħhom b'mod awtonomu. Bl-istess mod, hija tista' pereżempju tapplika għal ċerti esperti, avukati anzjani f'relazzjoni ta' impjieg jew akkademiċi li għandhom awtonomija sostanzjali sabiex jiddeterminaw il-ħin tax-xogħol tagħhom.

L-Artikolu 17(1) jelenka tliet kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema li d-durata tal-ħin tax-xogħol tagħhom ma tistax tiġi mkejla u/jew predeterminata jew li jistgħu jiddeterminawha huma nfushom: dawn huma "eżekuttivi amministraturi jew persuni oħrajn b'poteri awtonomi ta' teħid ta' deċiżjonijiet", "ħaddiema parti mill-familja" jew "ħaddiema li juffiċċjaw f'ċerimonji reliġjużi fi knejjes u f'komunitajiet reliġjużi".

Fid-dawl tal-formulazzjoni tad-Direttiva: it-tliet kategoriji huma introdotti bil-frażi "*partikolarment fil-każ ta'*", il-Kummissjoni tqis li din il-lista ma hijiex eżawrjenti.

Id-Direttiva tippreżenta tali ħaddiema bħala eżempji billi dawn ġeneralment għandhom grad għoli ta' setgħa awtonoma sabiex jorganizzaw il-ħin tax-xogħol tagħhom u jistgħu jikkwalifikaw bħala ħaddiema awtonomi. Madankollu, mhux il-ħaddiema kollha li jaqgħu fil-kategoriji elenkati, pereżempju mhux l-eżekuttivi amministraturi kollha, jikkwalifikaw għall-hekk imsejħa deroga għall-"ħaddiema awtonomi" skont l-Artikolu 17(1).

Ħaddiema li ma humiex f'dawn il-kategoriji jistgħu jikkwalifikaw ukoll jekk, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata, il-ħin tax-xogħol tagħhom ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew ikun jista' jiġi ddeterminat minnhom.

### 2. Il-konsegwenzi tad-deroga għall-"ħaddiema awtonomi"

L-hekk imsejħa "ħaddiema awtonomi" jibqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (l-esklużjoni hija permessa biss f'każijiet eċċezzjonali ħafna, ara l-Kapitolu III. B. 2). Kif indikat aktar 'il fuq, il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-deroga huwa soġġett għall-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema u limitat għad-dispożizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 17(1):

— is-serħan ta' kuljum (l-Artikolu 3);

— il-waqfien (l-Artikolu 4);

— il-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa (l-Artikolu 5);

— il-ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa (l-Artikolu 6);

— it-tul tax-xogħol ta' billejl (l-Artikolu 8);

— il-perjodi ta' referenza għall-applikazzjoni, tal-perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa, il-ħin massimu ta' xogħol matul ġimgħa u t-tul tax-xogħol ta' billejl (l-Artikolu 16).

L-Artikolu 17(1) ma jispeċifika l-ebda kundizzjoni għad-derogi minn dawn id-dispożizzjonijiet. Għalhekk jidher li l-ħaddiema awtonomi huma kompletament esklużi minnhom u ma humiex intitolati għal mistrieħ kumpensatorju, b'differenza mill-ħaddiema li jaqgħu taħt id-derogi ta' hawn taħt.

Il-ħaddiema kkonċernati jibqgħu soġġetti għad-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha tad-Direttiva.

## B. Derogi li jitolbu mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti jew protezzjoni xierqa

L-Artikolu 17(3) jipprevedi eċċezzjonijiet għall-Artikoli 3 (serħan ta' kuljum), 4 (waqfien), 5 (perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa), 8 (tul tax-xogħol ta' billejl) u 16 (perjodi ta' referenza) fil-każ ta' ċerti attivitajiet. Bl-istess mod, l-Artikolu 17(4) jipprevedi derogi mill-Artikoli 3 u 5. L-Artikolu 18 jipprevedi derogi mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16 permezz ta' ftehim kollettiv. Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha tad-Direttiva jibqgħu japplikaw.

([376]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punti 41 sa 43.
([377]) Is-Sentenza fil-Kawża C-175/16, *Hälvä et.*
([378]) Is-Sentenza fil-Kawża C-175/16, *Hälvä et*, il-punt 35.

Dawn id-derogi kollha, madankollu, huma soġġetti għall-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 17(2) (u fl-Artikolu 18), jiġifieri "li l-ħaddiema kkonċernati jkunu mogħtija perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju jew li, f'każi eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli, għal raġunijiet oġġettivi, li jagħtu perjodi bħal dawn ta' serħan kumpensatorju, il-ħaddiema kkonċernati għandhom igawdu minn protezzjoni xierqa" ([379]).

## 1. Id-deroga għal "ċerti attivitajiet" skont l-Artikolu 17(3)

> L-Artikolu 17(3) jistipula li:
>
> "3. B'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, derogi jistgħu jsiru mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16:
>
> (a) fil-każ ta' attivitajiet meta l-post tax-xogħol tal-ħaddiem u l-post tar-residenza tiegħu huma 'l bogħod minn xulxin, inkluż ix-xogħol offshore, jew meta l-postijiet differenti tal-ħaddiem huma 'l bogħod wieħed mill-ieħor;
>
> (b) fil-każ ta' attivitajiet ta' sigurtà u sorveljanza li jeħtieġu preżenza permanenti sabiex tkun protetta l-propjetà u persuni, partikolarment gwardji tas-sigurtà u purtinara jew ditti tas-sigurtà;
>
> (ċ) fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu l-ħtieġa ta' servizz jew produzzjoni kontinwa, partikolarment:
>
> (i) servizzi marbuta ma riċeviment, trattament u/jew kura pprovduta minn sptarijiet jew stabbilimenti simili, inklużi l-attivitajiet ta' tobba waqt it-taħriġ, istituzzjonijiet residenzjali u ħabsijiet;
>
> (ii) ħaddiema tax-xatt jew tal-ajruporti;
>
> (iii) servizzi tal-istampa, tar-radju, tat-televiżjoni, tal-produzzjoni ċinematografika, tal-posta jew tat-telekomunikazzjonijiet, tal-ambulanza, servizzi tal-protezzjoni tan-nar jew ċivili;
>
> (iv) tal-produzzjoni tal-gass, tal-ilma u tal-elettriku, tat-trasmissjoni u d-distribuzzjoni, tal-ġbir tal-iskart domestiku u tal-impjanti tal-inċenerazzjoni;
>
> (v) industriji li fihom ix-xogħol ma jistax ikun interrott fuq bażi teknika;
>
> (vi) attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp;
>
> (vii) l-agrikoltura;
>
> (viii) il-ħaddiema kkonċernati mal-karreġġjata ta' passiġġieri fuq servizzi regolari tat-trasport urban;
>
> (d) meta jkun hemm previżjoni ta' żieda qawwija ta' attività, partikolarment fi:
>
> (i) l-agrikoltura;
>
> (ii) it-turiżmu;
>
> (iii) is-servizzi postali;
>
> (e) fil-każ ta' persuni li jaħdmu fit-trasport bil-ferroviji:
>
> (i) li l-attivitajiet tagħhom huma intermittenti;
>
> (ii) li jgħaddu l-ħin tax-xogħol tagħhom abbord ferroviji; jew
>
> (iii) li l-attivitajiet tagħhom huma marbuta ma' tabelli tal-ħinijiet tat-trasport u sabiex jassiguraw il-kontinwità u r-regolarità tat-traffiku;
>
> (f) fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 89/391/KEE;
>
> (g) fil-każi ta' inċidenti jew riskju imminenti ta' inċident."

---

([379]) Il-formulazzjoni tal-kliem fil-verżjoni bl-Ingliż tal-Artikolu 18 hija daqsxejn differenti u tgħid li l-kundizzjoni hija li "*perjodi ta' serħan ekwivalenti kompensatorji jkunu mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati jew, f'każi eċċezzjonali meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi li jingħataw perjodi bħal dawn, li l-ħaddiema kkonċernati jkollhom il-protezzjoni xierqa*". Din id-differenza żgħira fil-formulazzjoni ma tidhirx daqshekk fil-verżjonijiet bil-Franċiż, bil-Ġermaniż jew bit-Taljan tad-Direttiva.

a) *Is-setturi u l-attivitajiet ikkonċernati*

Il-biċċa l-kbira tal-elementi inklużi fl-Artikolu 17(3) jirrigwardaw setturi u attivitajiet speċifiċi. Madankollu, jista' jiġi nnotat li din id-deroga tista' tintuża wkoll f'każijiet ta' inċidenti jew ta' riskju imminenti ta' inċident (il-punt g) jew fiċ-ċirkostanzi "*fejn l-okkorrenzi* jkunu dovuti għal ċirkostanzi mhux tas-soltu u li ma setgħux jiġu mbassra, mhux fil-kontroll ta' min iħaddem, jew minħabba każijiet eċċezzjonali, li l-konsegwenzi tagħhom ma setgħux jiġu evitati minkejja li tkun ingħatat kull attenzjoni meħtieġa" ([380]) (il-punt f).

Il-Qorti qieset li l-lista tas-setturi u l-attivitajiet fl-Artikolu 17(3) ma kinitx eżawrjenti ([381]).

B'mod partikolari, hija sostniet li l-attivitajiet li ġejjin jistgħu jkunu koperti mid-derogi previsti fl-Artikolu 17(3): l-attivitajiet ta' persunal mediku u infermiera f'timijiet tal-kura primarja ([382]), is-servizzi tal-ambulanzi ([383]), l-attivitajiet f'ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu li jeħtieġu servizz kontinwu ([384]), it-tifi tan-nar ([385]), u attivitajiet ta' persunal militari li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva ([386]).

Dan ifisser li d-derogi jistgħu japplikaw għal attivitajiet li ma humiex imsemmija espliċitament fl-Artikolu 17(3), sakemm ikunu marbuta ma' xi waħda mill-partiti elenkati hawnhekk.

b) *Dispożizzjonijiet li minnhom huma permessi derogi*

Id-derogi jirrigwardaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

— is-serħan ta' kuljum (l-Artikolu 3);

— il-waqfiet ta' mistrieħ (l-Artikolu 4);

— il-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa (l-Artikolu 5);

— it-tul tax-xogħol ta' billejl (l-Artikolu 8);

— il-perjodi ta' referenza għall-applikazzjoni tal-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa, il-ħin massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa u t-tul tax-xogħol ta' billejl (l-Artikolu 16).

Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tad-Direttiva jibqgħu japplikaw u l-Qorti saħqet li din id-deroga "ma tippermettix derogi mid-definizzjonijiet tal-kunċett ta' 'ħin tax-xogħol' u 'perjodu ta' mistrieħ' li jinsabu fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva" ([387]).

## 2. **Id-deroga għax-xogħol bix-shift u x-xogħol imqassam**

L-Artikolu 17(4) jistabbilixxi li:

"4. B'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, derogi jistgħu jsiru mill-Artikoli 3 u 5:

(a) fil-każ tal-attivitajiet ta' ħaddiema bix-shift, kull darba li l-ħaddiem jibdel ix-shift u ma jistax jieħu l-perjodi ta' serħan ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa bejn it-tmiem ta' shift wieħed u l-bidu tax-shift li jmiss;

(b) fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu perjodi ta' xogħol imqassma matul il-jum, partikolarment dawk tal-persunal tat-tindif."

([380]) L-Artikolu 5(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol.

([381]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 48.

([382]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punti 42 sa 45; Id-Digriet fil-Kawża C-241/99, *CIG*, il-punti 29 sa 32.

([383]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 97.

([384]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 49.

([385]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 49.

([386]) Is-Sentenza fil-Kawża C-742/19, *Ministrstvo za obrambo*, il-punti 86 u 87.

([387]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 91.

Din id-deroga ma kinitx is-suġġett ta' ġurisprudenza fil-Qorti.

Din hija limitata għal derogi mid-dispożizzjonijiet dwar is-serħan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa. Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn kollha tad-Direttiva għalhekk jibqgħu japplikaw u bħad-derogi kollha f'din il-parti, l-użu tagħhom huwa soġġett għall-għoti ta' mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti lill-ħaddiema jew, f'każijiet eċċezzjonali fejn dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi, ta' protezzjoni xierqa.

## 3. Id-deroga għas-setturi kollha permezz ta' ftehim kollettiv

> L-Artikolu 18 jistabbilixxi li:
>
> "Derogi jistgħu jsiru mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16 permezz ta' ftehim kollettiv jew ta' ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew b'konformità mar-regoli stabbiliti minnhom, permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell l-aktar baxx.
>
> L-Istati Membri li fihom ma jkunx hemm sistema statutorja li tassigura l-konklużjoni ta' ftehim kollettiv jew ta' ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija f'livell nazzjonali jew reġjonali, dwar il-materja koperta b'din id-Direttiva, jew dawk l-Istati Membri li fihom hemm qafas leġiżlattiv speċifiku għal dan l-iskop u fi ħdan il-limiti tiegħu, jistgħu, b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew prattika, jippermettu derogi mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16 permezz ta' ftehim kollettiv jew ta' ftehim konkluż bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell kollettiv xieraq.
>
> Id-derogi li hemm provvediment dwarhom fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jitħallew bil-kondizzjoni li perjodi ta' serħan ekwivalenti kompensatorji jkunu mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati jew, f'każi eċċezzjonali meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi li jingħataw perjodi bħal dawn, li l-ħaddiema kkonċernati jkollhom il-protezzjoni xierqa.
>
> L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli:
>
> (a) għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu miż-żewġ naħat tal-industrija; u
>
> (b) għall-estensjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ftehim kollettiv jew ftehim konklużi b'konformità ma' dan l-Artikolu lejn ħaddiema oħrajn b'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u/jew prattika."

Fil-proposta tagħha għad-Direttiva tal-1993 ([388]), il-Kummissjoni enfasizzat li, minħabba d-differenzi li jinħolqu mill-prattiċi nazzjonali, is-suġġett tal-kundizzjonijiet tax-xogħol b'mod ġenerali kien jaqa' taħt l-awtonomija taż-żewġ naħat tal-industrija, li jaġixxu minflok l-awtoritajiet pubbliċi u/jew jikkomplementaw l-azzjoni tagħhom. Madankollu kien enfasizzat li, għalkemm il-ftehimiet kollettivi jistgħu jikkontribwixxu għall-applikazzjoni tad-direttivi, dawn ma jeħilsux lill-Istati Membri kkonċernati mir-responsabbiltà li jilħqu l-objettivi mfittxija permezz tad-direttivi.

### a) *Meta tista' tintuża d-deroga*

Il-Qorti ddeċidiet li l-Artikolu 18 huwa indipendenti fil-kamp ta' applikazzjoni mill-Artikolu 17(3), li jillimita d-derogi għal numru ta' setturi jew attivitajiet (ara t-Taqsima 1 ([389])).

Dan ifisser li l-Artikolu 18 jippermetti derogi fis-setturi kollha jekk dawn ikunu stabbiliti "permezz ta' ftehim kollettiv jew ta' ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew b'konformità mar-regoli stabbiliti minnhom, permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell l-aktar baxx".

Il-kunċett ta' "ftehim kollettiv" ma huwiex definit fid-Direttiva u ma jidhirx li ġie definit lanqas fi bċejjeċ oħrajn tad-dritt Ewropew, jew mill-Qorti.

Bl-istess mod, il-kunċett ta' "ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell nazzjonali jew reġjonali, jew b'konformità mar-regoli stabbiliti minnhom, permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija fil-livell l-aktar baxx" baqa' wkoll mhux speċifikat fid-Direttiva.

([388]) Il-Memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill dwar ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-20 ta' Settembru 1990, COM(90) 317 final — SYN 295, p. 4.

([389]) Is-Sentenza fil-Kawża C-227/09, *Accardo et*, il-punti 32 sa 36.

Il-Kummissjoni għalhekk tqis li dawn il-kunċetti jridu jiġu definiti mil-liġi u l-prattika nazzjonali. F'dan, l-Istati Membri għandhom madankollu jqisu l-istandards internazzjonali eżistenti dwar in-negozjar kollettiv u l-ftehimiet kollettivi ([390]) billi, b'mod simili għall-pożizzjoni meħuda mill-Qorti għal kunċetti oħrajn użati mid-dritt tal-UE u d-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, it-titolu biss ta' "ftehim kollettiv" mogħti lil dokument ma huwiex biżżejjed ([391]).

b) *X'tippermetti d-deroga*

Id-dispożizzjonijiet li minnhom huma permessi derogi permezz ta' ftehim kollettiv huma elenkati fl-Artikolu 18 u jirrigwardaw:

— is-serħan ta' kuljum (l-Artikolu 3);

— il-waqfiet ta' mistrieħ (l-Artikolu 4);

— il-perjodu ta' serħan ta' kull ġimgħa (l-Artikolu 5);

— it-tul tax-xogħol ta' billejl (l-Artikolu 8);

— il-perjodi ta' referenza għall-applikazzjoni, tal-perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa, il-ħin massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa u t-tul tax-xogħol ta' billejl (l-Artikolu 16).

Id-dispożizzjonijiet l-oħrajn tad-Direttiva jibqgħu japplikaw.

## 4. **Ir-rekwiżit ta' mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti jew, b'mod eċċezzjonali, ta' protezzjoni xierqa**

L-Artikolu 17(2) jistabbilixxi li:

"2. Id-derogi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafi 3, 4 u 5 jistgħu jkunu adottati permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi jew permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija, basta li l-ħaddiema kkonċernati jkunu mogħtija perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju jew li, f'każi eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli, għal raġunijiet oġġettivi, li jagħtu perjodi bħal dawn ta' serħan kumpensatorju, il-ħaddiema kkonċernati għandhom igawdu minn protezzjoni xierqa."

L-Artikolu 18 jistipula wkoll li:

"[…] Id-derogi li hemm provvediment dwarhom fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi għandhom jitħallew bil-kondizzjoni li perjodi ta' serħan ekwivalenti kompensatorji jkunu mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati jew, f'każi eċċezzjonali meta dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi li jingħataw perijodi bħal dawn, li l-ħaddiema kkonċernati jkollhom il-protezzjoni xierqa. […]"

Minkejja differenzi żgħar fil-formulazzjoni f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi, iż-żewġ dispożizzjonijiet jitolbu li jiġu applikati l-istess kundizzjonijiet għad-derogi implimentati skont l-Artikolu 17(3) u (4) u l-Artikolu 18 ([392]).

Hemm żewġ "livelli" ta' kundizzjonijiet: fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, il-ħaddiema kkonċernati jridu jingħataw "perjodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju"; madankollu, f'"każijiet eċċezzjonali" fejn dawn ma jkunux jistgħu jingħataw għal raġunijiet oġġettivi, il-ħaddiema kkonċernati għandhom jibbenefikaw minn "protezzjoni xierqa".

([390]) Ara b'mod partikolari: L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Ftehimiet Kollettivi, R091, id-29 ta' Ġunju 1951; Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Promozzjoni tan-Negozjar Kollettiv, R163, id-19 ta' Ġunju 1981; Il-Konvenzjoni dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji tad-Dritt ta' Organizzazzjoni u tal-Innegozjar Kollettiv, C098, l-1 ta' Lulju 1949; Ir-Rakkomandazzjoni dwar il-Promozzjoni tan-Negozjar Kollettiv, C154, it-3 ta' Ġunju 1981. Ara wkoll l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, il-Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tad-Dritt għall-Organizzazzjoni u l-Proċeduri sabiex jiġu Determinati l-Kundizzjonijiet għall-impjieg fis-Servizz Pubbliku, C151, is-27 ta' Ġunju 1978, l-Artikolu 7, li fih l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol irrikonoxxiet mhux biss in-"negozjar tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg bejn l-awtoritajiet pubbliċi kkonċernati u l-organizzazzjonijiet tal-impjegati pubbliċi" iżda wkoll "kwalunkwe metodu ieħor li jippermetti lir-rappreżentanti tal-impjegati pubbliċi li jipparteċipaw fid-determinazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet".

([391]) B'mod partikolari, il-Qorti kostantement sostniet li "*n-natura ġuridika sui generis tar-relazzjoni tax-xogħol fid-dawl tal-liġi nazzjonali ma jista' jkollha ebda konsegwenza fuq il-kunċett ta' ħaddiem fis-sens tad-dritt tal-Unjoni*", ara b'mod partikolari s-Sentenza fil-Kawża C-316/13, *Fenoll*, il-punt 31.

([392]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 90.

a) *Rekwiżit li jiġi pprovdut mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti*

Kwalunkwe deroga trid tiġi kkumpensata b'perjodu ta' mistrieħ ekwivalenti. Għal kwalunkwe deroga mid-dispożizzjonijiet dwar il-mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa jew il-waqfiet ta' mistrieħ, ħaddiem li ma jkunx irċieva perjodu ta' mistrieħ shiħ jew parti minnu jrid jirċievi l-unitajiet tal-ħin neqsin bħala kumpens.

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, għad-derogi mit-tul medju tax-xogħol ta' billejl u mill-perjodi ta' referenza, il-mistrieħ kumpensatorju jingħata b'mod awtomatiku. Fil-fatt, il-medja tibqa' applikabbli iżda tiġi kkalkolata fuq perjodu ta' żmien differenti, u b'hekk tassigura kumpens matul dak il-perjodu. Kwalunkwe approċċ ieħor iċaħħad il-possibbiltà ta' deroga minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti, il-mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti huwa "kkaratterizzat mill-fatt li, matul dawn il-perijodi, il-ħaddiem ma jkun suġġett għal ebda obbligu lejn min iħaddmu li jista' jwaqqfu milli b'mod liberu u mingħajr interruzzjonijiet jaqdi l-interessi tiegħu sabiex jinnewtralizza l-effetti tax-xogħol fuq is-sigurtà u s-saħħa tiegħu" (enfasi tal-Kummissjoni) ([393]). Fil-fatt, il-Qorti enfasizzat li "il-ħaddiem għandu jibbenefika mill-possibbiltà li jitlaq mill-ambjent tax-xogħol tiegħu" u li dan għandu "jippermettilu jirrilassa u jelimina l-għeja kkaġunata mit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu" ([394]).

Il-Kummissjoni tifhem li n-nuqqas ta' obbligu fil-konfront tal-impjegatur ifisser ukoll li l-ħaddiem ma jistax ikun fuq "stand-by" matul dak il-perjodu, irrispettivament minn jekk l-istand-by jitqiesx bħala ħin tax-xogħol jew bħala perjodu ta' mistrieħ (ara l-Kapitolu IV). Fil-fatt, waqt il-mistrieħ kumpensatorju, il-ħaddiem għandu jkun jista' jsegwi mingħajr interruzzjoni l-interessi tiegħu.

Rigward iż-żmien meta għandu jingħata l-mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti, il-Qorti kkjarifikat dan l-obbligu fir-rigward tas-serħan ta' kuljum, fejn qalet li dan irid isegwi immedjatament il-ħin tax-xogħol li huwa suppost jikkumpensa ([395]) billi l-perjodi ta' mistrieħ "mhux biss għandhom ikunu konsekuttivi iżda għandhom ukoll isegwu direttament perjodu ta' xogħol" ([396]). Fil-fatt, "sabiex tkun żgurata protezzjoni effettiva tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiem, għandu, bħala regola ġenerali, ikun previst li perijodu ta' xogħol jalterna b'mod regolari ma' perijodu ta' mistrieħ" ([397]). Min-naħa l-oħra, "serje ta' perijodi ta' xogħol maħduma mingħajr ma jkun ngħata l-ħin ta' mistrieħ neċċessarju tista', f'każ partikolari, tikkawża ħsara lill-ħaddiem jew, għal tal-inqas, riskju li l-ħaddiem jaħdem f'livell li jeċċedi l-kapaċitajiet fiżiċi tiegħu, b'mod li jipperikola s-saħħa u s-sigurtà tiegħu, bil-konsegwenza li perijodu ta' mistrieħ mogħti wara dawn il-perijodi ma huwiex tali li jiżgura korrettament il-protezzjoni tal-interessi inkwistjoni" ([398]).

Minn dan joħroġ li Stat Membru jista', f'ċerti ċirkustanzi, jipprevedi l-possibbiltà ta' posponiment, għalkemm b'mod strettament temporanju, tal-perjodu minimu ta' serħan ta' kuljum kollu jew parti minnu, iżda bil-kundizzjoni biss li l-ħaddiem jirċievi s-sigħat ta' mistrieħ kollha li huwa jkun intitolat għalihom fil-perjodu li jsegwi.

Il-Qorti ma ddeċidietx b'mod speċifiku dwar meta għandu jittieħed il-mistrieħ kumpensatorju ekwivalenti fir-rigward tad-derogi mill-perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa, il-waqfien, il-limitu medju u assolut għax-xogħol ta' billejl jew il-perjodi ta' referenza.

Rigward il-waqfien, il-Kummissjoni tqis li, bħal fil-każ tas-serħan ta' kuljum, il-kumpens għandu jingħata mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn qabel il-perjodu tax-xogħol li jmiss.

Rigward is-serħan ta' kull ġimgħa, il-Kummissjoni tqis li s-sitwazzjoni hija kemxejn differenti minn dik tas-serħan ta' kuljum, kemm fid-dawl tal-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tal-ħaddiema kkonċernati kif ukoll tal-perjodu ta' referenza eżistenti ta' ġimagħtejn għall-għoti tas-serħan ta' kull ġimgħa. Għalhekk hija tqis li l-kumpens għall-perjodi mitlufa ta' serħan ta' kull ġimgħa ma għandux għalfejn jingħata "immedjatament" iżda fi żmien li jassigura li l-ħaddiem ikun jista' jibbenefika minn mistrieħ regolari sabiex jipproteġi s-sikurezza u s-saħħa tiegħu, anke fid-dawl li l-alternanza regolari ta' perjodi ta' xogħol u ta' perjodi ta' mistrieħ diġà hija assigurata permezz tal-perjodi ta' serħan ta' kuljum jew kumpensatorji.

b) *L-eċċezzjoni tal-"protezzjoni xierqa"*

It-"tieni livell ta' deroga" permess huwa l-garanzija ta' protezzjoni xierqa jekk ma jkunux jistgħu jingħataw perjodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju.

([393]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 94; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 50.
([394]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 95.
([395]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 94.
([396]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 95.
([397]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 95; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 51.
([398]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 96.

Kif innotat mill-Qorti, “li, kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88, huwa biss f'ċirkustanzi totalment eċċezzjonali li din id-dispożizzjoni tippermetti li tista' tingħata 'protezzjoni xierqa oħra' lill-ħaddiema, peress li l-għoti ta' perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi” ([399]).

Madankollu, fis-Sentenza suċċessiva tagħha fil-Kawża Isère, il-Qorti rreferiet għall-premessa 15, li tgħid: “In vista tal-kwestjonijiet imqajma mill-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fi ħdan impriża, jidher li huwa mixtieq li jkun hemm provvediment għal flessibbiltà fl-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, waqt li jassiguraw konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema”.

F'dik is-Sentenza, il-Qorti ddeċidiet li l-ħaddiema kkonċernati fil-Kawża, jiġifieri membri tal-persunal li jwettqu attivitajiet okkażjonali u staġunali mfassla sabiex jedukaw u jżommu okkupati t-tfal f'ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu u jassiguraw is-sorveljanza kontinwa ta' dawk it-tfal, jistgħu jkunu koperti mit-tieni livell ta' deroga stabbilit mill-Artikolu 17(2) ([400]).

Il-Qorti għalhekk tidher li tqis li n-“natura partikolari tax-xogħol” jew il-“kuntest partikolari li fih isir dan ix-xogħol” jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jiġġustifikaw derogi kemm mill-perjodi ta' serħan ta' kuljum kif ukoll mill-obbligu li tiġi assigurata alternanza regolari bejn perjodu ta' xogħol u perjodu ta' mistrieħ ([401]).

Madankollu, anke f'tali sitwazzjonijiet, il-Qort qieset li, filwaqt li l-Artikolu 17(2) jippermetti “ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri u, skont il-każ, lill-imsieħba soċjali għall-istabbiliment, f'każijiet eċċezzjonali, ta' protezzjoni xierqa lill-ħaddiema kkonċernati, xorta jibqa' l-fatt li din il-protezzjoni, li tikkonċerna s-sigurtà u s-saħħa ta' dawn il-ħaddiema, hija intiża wkoll, bl-istess mod bħal perijodu minimu ta' mistrieħ ta' kuljum previst fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jew bħal perijodu ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju previst fl-Artikolu 17(2), li tippermetti lill-ħaddiema kkonċernati jirrilassaw u jeliminaw l-għeja kkaġunata mit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom” ([402]).

Il-Qorti għaldaqstant sostniet li l-impożizzjoni biss ta' limitu massimu fuq in-numru ta' jiem li jinħadmu ma tista' fl-ebda ċirkustanza titqies bħala “protezzjoni xierqa” fis-sens tal-Artikolu 17(2) ([403]).

Il-Kummissjoni hija tal-opinjoni li, f'konformità mal-objettiv tad-Direttiva li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, anke f'każijiet speċifiċi bħal dawn, il-“protezzjoni xierqa” li l-ħaddiem irid jirċievi trid tkun suffiċjenti sabiex tassigura mistrieħ matul il-perjodu sħiħ ikkonċernat, minbarra l-kumpens komplementari wara l-perjodu kkonċernat.

## 5. **Derogi mill-perjodi ta' referenza**

L-Artikolu 19 jillimita l-opzjoni ta' deroga mill-perjodu ta' referenza għall-ħin massimu ta' xogħol ta' kull ġimgħa kif ġej:

“L-għażla ta' deroga mill-Artikolu 16(b), li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 17(3) u fl-Artikolu 18, ma tistax tirriżulta fl-istabbiliment ta' perjodu ta' referenza li jeċċedi sitt xhur.

B'dana kollu, l-Istati Membri għandhom ikollhom l-għażla, bla ħsara għal konformità mal-prinċipji ġenerali li jirrigwardjaw il-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema, li jippermettu, għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, ftehim kollettiv jew ftehim konklużi bejn iż-żewġ naħat ta' l-industrija ħalli jistabbilixxu perijodi ta' referenza li fl-ebda każ ma jeċċedu 12 il-xhar.

Qabel it-23 ta' Novembru 2003, il-Kunsill għandu, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni akkumpanjata b'rapport ta' evalwazzjoni, jeżamina mill-ġdid id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u jiddeċiedi x'azzjoni jieħu.”

Kif spjegat fil-Kapitolu VI, tista' tittieħed il-medja tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa u l-Artikolu 16(b) jippermetti li l-perjodu ta' referenza għall-kalkolu ta' din il-medja jkun sa 4 xhur fis-setturi kollha u fl-attivitajiet kollha.

---

([399]) Is-Sentenza fil-Kawża C-151/02, *Jaeger*, il-punt 98; Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 55.
([400]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punti 45 u 57.
([401]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 60.
([402]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 59.
([403]) Is-Sentenza fil-Kawża C-428/09, *Union syndicale Solidaires Isère*, il-punt 58.

Madankollu, l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 18 jippermettu derogi mid-dispożizzjoni dwar il-perjodi ta' referenza f'ċerti każijiet. Id-derogi permessi għalhekk jirrigwardaw il-perjodi ta' referenza għall-għoti tal-perjodi ta' serħan ta' kull ġimgħa u għall-kalkolu tat-tul tax-xogħol ta' billejl u l-ħin tax-xogħol massimu medju ta' kull ġimgħa. L-Artikolu 19 jirregola din l-aħħar opzjoni ta' deroga mill-perjodi ta' referenza għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa u jillimita l-perjodu ta' referenza għal:

— 6 xhur permezz ta' liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi f'ċerti setturi jew attivitajiet speċifiċi skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva;

— 12-il xahar permezz ta' ftehimiet kollettivi jew ftehimiet konklużi bejn iż-żewġ naħat tal-industrija għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew raġunijiet li jirrigwardaw l-organizzazzjoni tax-xogħol u soġġett għall-konformità mal-prinċipji ġenerali relatati mal-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema. Dan jista' jsir jew f'ċerti setturi jew f'attivitajiet speċifiċi skont l-Artikolu 17(3) tad-Direttiva, fi kwalunkwe settur skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva jew għall-ħaddiema mobbli u offshore skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva.

Il-Qorti kellha l-okkażjoni li tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-perjodi ta' referenza fissi u kontinwi; il-perjodi fissi ta' referenza jibdew u jintemmu f'dati fissi tal-kalendarju, filwaqt li l-perjodi ta' referenza kontinwi huma perjodi li l-bidu u t-tmiem tagħhom jimxu fuq bażi permanenti bil-mogħdija taż-żmien. F'każ fejn Stat Membru kien stabbilixxa l-medja massima tal-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa għal 48 siegħa u estenda għal 6 xhur il-perjodu ta' referenza użat għall-kalkolu ta' dak il-massimu, il-Qorti ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tistabbilixxi perjodi ta' referenza li jibdew u jintemmu f'dati kalendarji fissi, diment li dik il-leġiżlazzjoni jkun fiha mekkaniżmi li jagħmluha possibbli li jiġi żgurat li l-medja massima tal-ħin tax-xogħol ta' kull ġimgħa ta' 48 siegħa tiġi rrispettata matul kull perjodu ta' 6 xhur li jikkombina żewġ perjodi ta' referenza fissi konsekuttivi ([404]).

## C. L-"esklużjoni fakultattiva" mill-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa

L-Artikolu 22(1) tad-Direttiva jinkludi l-hekk imsejħa "esklużjoni fakultattiva", li hija fformulata kif ġej:

"1. Stat Membru għandu jkollu l-għażla li ma japplikax l-Artikolu 6, waqt li jirrispetta l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema, u basta li hu jieħu l-miżuri meħtieġa ħalli jassigura li:

(a) li min jimpjega ma jkunx jeħtieġ li ħaddiem jaħdem aktar minn 48 siegħa matul perjodu ta' sebat ijiem, ikkalkolati bħala medja għall-perjodu ta' referenza li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 16(b), sakemm ma jkunx l-ewwel akkwista l-ftehim tal-ħaddiem ħalli jwettaq xogħol bħal dak;

(b) l-ebda ħaddiem ma jkun suġġett għal xi detriment minn min jimpjegah minħabba li hu ma jkunx lest li jagħti l-ftehim tiegħu għal twettiq ta' xogħol bħal dak;

(c) min jimpjega jżomm rekords aġġornati tal-ħaddiema kollha li jwettqu xogħol bħal dak;

(d) li r-rekords jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, li jistgħu, għal raġunijiet konnessi mas-sigurtà u/jew is-saħħa tal-ħaddiema, jipprojbixxu jew jirristrinġu l-possibbiltà li jkunu misbuqa s-sigħat massimi ta' xogħol matul ġimgħa;

(e) min jimpjega jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti fuq it-talba tagħhom b'informazzjoni dwar każi li fihom ftehim ikun seħħ ma' ħaddiema ħalli jwettqu xogħol b'eċċess ta' 48 siegħa matul perjodu ta' sebat ijiem, ikkalkolati bħala medja għall-perjodu ta' referenza kif hemm referenza għalih fl-Artikolu 16(b).

Qabel it-23 ta' Novembru 2003, il-Kunsill għandu, fuq il-bażi ta' proposta tal-Kummissjoni akkumpanjata b'rapport tal-evalwazzjoni, jeżamina mill-ġdid id-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu u jiddeċiedi x'azzjoni jieħu."

### 1. Rekwiżit ta' traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni

L-istess bħal derogi oħrajn ippreżentati aktar 'il fuq, sabiex tkun applikabbli, din id-dispożizzjoni trid tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali. Il-Qorti sostniet li mingħajr liġi nazzjonali li tagħtiha effett, id-deroga ma kinitx tapplika u għalhekk kienet irrilevanti għar-riżoluzzjoni ta' każ partikolari ([405]). Għalhekk il-ħin massimu medju ta' 48 siegħa ta' xogħol għal kull perjodu ta' 7 ijiem, inkluża s-sahra, baqa' applikabbli għall-ħaddiema kkonċernati.

([404]) Is-Sentenza fil-Kawża C-254/18, *Syndicat des cadres de la sécurité intérieure.*
([405]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punti 36 sa 38.

## 2. Il-kundizzjonijiet marbuta

L-Artikolu jimponi numru ta' kundizzjonijiet speċifiċi li jridu jiġu applikati b'mod kumulattiv ([406]).

### a) *Il-qbil tal-ħaddiem*

Il-Qorti ddeċidiet f'diversi okkażjonijiet li din id-dispożizzjoni teħtieġ il-kunsens tal-ħaddiem individwali ([407]).

B'mod partikolari, il-Qorti sostniet li "l-kunsens espress mir-rappreżentanti ta' sindikat fil-kuntest ta' ftehim kollettiv jew ta' ftehim ieħor mhuwiex ekwivalenti għal dak mogħti mill-ħaddiem stess" ([408]). Dan huwa appoġġat min-nuqqas tal-Artikolu 6 mil-lista tal-Artikoli li minnhom huma permessi derogi permezz ta' ftehim kollettiv skont l-Artikolu 18 ([409]).

Il-Qorti sostniet ukoll li "fl-eventwalità li l-ħaddiem ikkonċernat jiġi inkoraġġut jirrinunzja għal dritt soċjali mogħti direttament lilu mill-imsemmija direttiva, huwa jagħmel dan b'mod liberu u b'għarfien sħiħ tal-fatti kollha" ([410]) u li dan il-kunsens għandu jingħata wkoll b'mod espliċitu ([411]).

Il-Qorti sostniet li "dawn il-kundizzjonijiet ma jkunux sodisfatti meta l-kuntratt ta' impjieg tal-ħaddiem ikkonċernat jagħmel biss riferiment għal ftehim kollettiv li jawtorizza t-titwil tat-tul ta' ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa. Fil-fatt, bl-ebda mod ma hu ċert li, meta kkonkluda kuntratt bħal dan, il-ħaddiem kkonċernat kien jaf bir-restrizzjoni magħmula fir-rigward tad-drittijiet tiegħu taħt id-Direttiva 93/104." ([412])

Għalkemm id-Direttiva ma titlobx espliċitament li l-kunsens tal-ħaddiem ikun bil-miktub, fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, l-użu ta' formola bil-miktub li tistabbilixxi l-firxa eżatta tal-ftehim jista' jgħin sabiex jiġi pprovat il-kunsens espliċitu u individwali tal-ħaddiem.

Il-Qorti insistiet li "L-importanza ta' dawn ir-rekwiżiti tiżdied minħabba li l-ħaddiem għandu jitqies bħala l-parti dgħajfa fil-kuntratt ta' impjieg b'tali mod li huwa neċessarju li tkun evitata sitwazzjoni fejn il-prinċipal igawdi mill-fakultà li jinjora r-rieda tal-parti l-oħra fil-kuntratt jew li jimponilha restrizzjoni tad-drittijiet tagħha mingħajr ma din il-parti ma tkun esprimiet il-kunsens tagħha f'dan ir-rigward b'mod espliċitu." ([413]).

Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis ukoll li, sabiex jiġi ppreservat il-karattru liberu tal-kunsens tal-ħaddiem, dan tal-aħħar irid ikun revokabbli. Għalkemm id-dritt ta' kanċellazzjoni jista' jkun kwalifikat, pereżempju billi jkun meħtieġ perjodu ta' avviż bil-quddiem proporzjonat mal-ħtieġa li l-impjegatur isib soluzzjonijiet alternattivi, jidher kontra l-objettivi tad-Direttiva u ta' din id-dispożizzjoni partikolari li n-nonparteċipazzjonijiet tal-ħaddiema jkunu bla limitu u irrevokabbli.

### b) *L-ebda detriment*

It-tieni kundizzjoni hija li l-ebda ħaddiem ma għandu jkun soġġett għal xi detriment mill-impjegatur tiegħu minħabba li ma jkunx lest li jagħti l-qbil tiegħu li jaħdem aktar mill-massimu medju ta' kull ġimgħa.

Il-Kummissjoni tqis li l-kunċett ta' detriment jipproteġi lill-ħaddiem ikkonċernat mhux biss kontra t-tkeċċija iżda jinkludi forom oħrajn ta' dannu jew żvantaġġi, pereżempju t-trasferiment obbligatorju għal dipartiment jew pożizzjoni oħra ([414]). Il-Kummissjoni tqis ukoll li dan l-obbligu ta' protezzjoni tal-ħaddiem minn kwalunkwe detriment japplika għall-irtirar tal-ħaddiem mill-ftehim.

Sabiex jikkonformaw ma' din il-kundizzjoni b'mod effettiv, l-Istati Membri huma obbligati jassiguraw li jkun hemm disponibbli mezzi ta' rimedju.

([406]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punt 50.
([407]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 74; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 80.
([408]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 74; Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 80.
([409]) Is-Sentenza fil-Kawża C-303/98, *Simap*, il-punt 73.
([410]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 82.
([411]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 82.
([412]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 85.
([413]) Is-Sentenza fil-Kawżi Magħquda C-397/01 sa C-403/01, *Pfeiffer et*, il-punt 82.
([414]) Is-Sentenza fil-Kawża C-243/09, *Fuß*, il-punti 41 sa 55. Madankollu jrid jiġi rrimarkat li din il-kawża kienet tirrigwarda ħaddiem li ma kienx soġġett għal nonparteċipazzjoni billi din ma kinitx trasposta fil-liġi nazzjonali. Xorta waħda, il-Qorti indikat li t-trasferiment obbligatorju ta' dak il-ħaddiem għal servizz ieħor wara t-talba tiegħu li jikkonforma mal-limitu massimu ta' 48 siegħa bħala medja kien ifisser li l-ħaddiem kien sofra detriment.

c) *Żamma ta' reġistri*

Fejn tintuża l-"esklużjoni fakultattiva", il-liġi nazzjonali trid titlob li l-impjegaturi jżommu rekords aġġornati tal-ħaddiema kollha li jwettqu dak ix-xogħol.

d) *Disponibbiltà ta' tali rekords għall-awtoritajiet*

Ir-rekords tal-ħaddiema kollha soġġetti għal "esklużjoni fakultattiva" jridu jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, li jeħtiġilhom ikollhom is-setgħa li jipprojbixxu jew jillimitaw l-użu tal-esklużjoni fakultattiva għal raġunijiet ta' saħħa u sikurezza.

e) *Disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-ħaddiema li jagħżlu l-esklużjoni fakultattiva*

L-impjegatur jeħtieġlu jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti informazzjoni dwar il-każijiet li fihom il-ħaddiema jkunu għażlu l-esklużjoni fakultattiva.

### 3. **Konsegwenzi tal-"esklużjoni fakultattiva"**

Jekk tkun trasposta fil-liġi nazzjonali, l-esklużjoni fakultattiva tippermetti lil ħaddiema individwali li jaħdmu aktar minn 48 siegħa fuq perjodu ta' 7 ijiem, ikkalkolati bħala medja fuq perjodu ta' referenza sa 4 xhur.

Fid-dawl ta' din il-formulazzjoni u tal-opzjoni tal-Istati Membri li japplikaw dispożizzjonijiet li huma aktar favorevoli għas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema, dan ifisser li, fil-fehma tal-Kummissjoni, l-esklużjoni fakultattiva tista' tintuża b'mod differenti:

— deroga sħiħa mill-Artikolu 6 u mill-Artikolu 16(b): ħaddiem jista' jaħdem aktar minn 48 siegħa bħala medja fuq perjodu ta' referenza li għandu jiġi ddefinit, li jista' jaqbeż ukoll 12-il xahar;

— derogi limitati b'mod alternattiv jew konkorrenti mill-Artikolu 6 jew mill-Artikolu 16(b). Eżempji possibbli huma:

— il-ħaddiema jitħallew jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa bħala medja fuq l-istess perjodu ta' referenza kif applikabbli għal ħaddiema oħrajn, billi jiġi stabbilit limitu massimu ogħla għall-ħin tax-xogħol fil-ġimgħa tal-ħaddiem, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet dwar il-perjodi ta' serħan;

— il-ħaddiema jitħallew jaqbżu l-massimu ta' 48 siegħa bħala medja fuq 4 xhur filwaqt li jiġi impost li dan il-limitu jiġi rrispettat fuq perjodu ta' referenza itwal — dan jammonta għal deroga mill-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa.

Fi kwalunkwe każ, irid jiġi enfasizzat li l-"esklużjoni fakultattiva" ma tippermettix derogi minn dispożizzjonijiet għajr l-Artikolu 6, inklużi l-artikoli li jirrigwardaw il-perjodi minimi ta' serħan. Hija ma tippermettix derogi mill-perjodi minimi ta' serħan jew il-limiti għax-xogħol ta' billejl, pereżempju, u għalhekk hemm limitu naturali għall-użu tagħha.

Kif intqal aktar 'il fuq, l-Artikolu 22 jispeċifika li l-użu tal-esklużjoni fakultattiva huwa soġġett għar-"*rispett tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema*" u jistipula espliċitament li anke l-ħaddiema li jkunu qablu ma' esklużjoni fakultattiva jistgħu jiġu impediti jew ristretti milli jaqbżu ġimgħa medja ta' 48 siegħa b'intervent tal-awtoritajiet kompetenti "*għal raġunijiet li jirrigwardaw is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema*". Il-limiti preċiżi meħtieġa għal raġunijiet ta' saħħa u sikurezza jistgħu jiddependu mill-fatti eżatti u n-natura tal-attivitajiet involuti iżda jistgħu jkunu anqas mill-massimu teoretiku ta' 78 siegħa ([415]).

## D. **Deroga speċifika għall-ħaddiema mobbli u x-xogħol offshore**

> L-Artikolu 20 jistabbilixxi dan li ġej:
>
> "1. L-Artikoli 3, 4, 5 u 8 m'għandhomx japplikaw għal ħaddiema mobbli.
>
> L-Istati Membri għandhom, b'dana kollu, jieħdu l-miżuri meħtieġa ħalli jassiguraw li ħaddiema mobbli bħal dawk ikunu intitolati għal serħan adegwat, apparti milli fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-Artikolu 17(3)(f) u (g).

([415]) Jekk wieħed iħares biss lejn il-perjodi ta' serħan ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, mit-total ta' 168 siegħa (24 siegħa x 7 ijiem) f'kull ġimgħa, is-serħan minimu ta' kuljum u ta' kull ġimgħa mitlub mid-Direttiva diġà jammonta għal 90 siegħa ta' serħan bħala medja (6 ijiem x 11-il siegħa ta' serħan ta' kuljum + 24 siegħa ta' serħan ta' kull ġimgħa). Għaldaqstant, is-sigħat tax-xogħol ma setgħux jaqbżu medja ta' 78 siegħa fil-ġimgħa, mingħajr ma jitqiesu l-waqfiet ta' mistrieħ u l-limiti aktar stretti possibbli applikabbli fil-każ tax-xogħol ta' billejl.

2. Suġġett għal konformità mal-prinċipji ġenerali li jirrigwardaw il-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema, u basta li jkun hemm konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti ta' min jimpjega u tal-ħaddiema kkonċernati u sforzi sabiex jinkoraġġixxu t-tipi relevanti kollha ta' djalogu soċjali, inklużi n-negozjati jekk il-partijiet hekk jixtiequ, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, jestendu l-perjodu ta' referenza li hemm referenza għalih fl-Artikolu 16(b) għal 12-il xahar fir-rigward ta' ħaddiema li primarjament iwettqu xogħol offshore.

3. Mhux aktar tard mill-1 ta' Awwissu 2005 l-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u lill-amministraturi u l-ħaddiema fil-livell Ewropew, tirrevedi l-operazzjoni tad-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-ħaddiema offshore mill-perspettiva tas-saħħa u tas-sigurtà bil-għan li tippreżenta, jekk meħtieġ, il-modifiki xierqa."

Din id-dispożizzjoni — u li jmiss, li tirrigwarda ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f'ilmijiet miftuħa — iddaħħlet meta d-Direttiva ġiet emendata bid-Direttiva 2000/34/KE. L-għan tad-Direttiva emendatorja kien "li tapplika d-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva għall-akbar numru ta' ħaddiema possibbli, inklużi l-ħaddiema mhux mobbli, il-ħaddiema mobbli u mhux mobbli kollha tal-ferroviji u l-ħaddiema offshore; li testendi għal ċerti ħaddiema mobbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar l-4 ġimgħat ta' leave annwali bil-ħlas u ċerti dispożizzjonijiet fir-rigward tax-xogħol ta' billejl u x-xogħol bix-shift (inklużi l-eżamijiet tas-saħħa); u li tipprovdi lil dawn il-ħaddiema garanzija ta' serħan adegwat u limitu fuq in-numru ta' sigħat li għandhom jinħadmu kull sena. Din id-dispożizzjoni tal-aħħar se tapplika wkoll għall-ħaddiema offshore" ([416]). It-test li rriżulta għalhekk jinkludi l-ħaddiema mobbli u l-ħaddiema offshore fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol iżda jipprevedi derogi speċifiċi.

## 1. **Ħaddiema mobbli**

Jekk il-ħaddiema mobbli ma jaqgħux fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' waħda mid-Direttivi speċifiċi għas-settur, bħala alternattiva għad-derogi previsti skont l-Artikolu 17(3) u l-Artikolu 18 (ara l-Parti B), id-Direttiva tippermetti l-esklużjoni tagħhom mir-regoli dwar is-serħan ta' kuljum, il-waqfiet ta' mistrieħ, is-serħan ta' kull ġimgħa u t-tul tax-xogħol ta' billejl mingħajr ma tesiġi serħan kumpensatorju ekwivalenti jew protezzjoni xierqa.

Id-Direttiva madankollu titlob mhux biss konformità mal-prinċipji ġenerali relatati mal-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema iżda wkoll li l-ħaddiema jkunu intitolati għal "serħan adegwat" (Ara l-Kapitolu IV aktar 'il fuq) ħlief f'ċirkustanzi ta' inċident jew ta' riskju imminenti ta' inċident. Minkejja l-proposta oriġinali tal-Kummissjoni ([417]), it-test adottat ma jippermettix derogi addizzjonali mill-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa tal-ħaddiema mobbli.

## 2. **Ħaddiema offshore**

Għall-ħaddiema offshore, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-derogi previsti fl-Artikolu 17(3), billi dawn huma disponibbli għal "attivitajiet meta l-post tax-xogħol tal-ħaddiem u l-post tar-residenza tiegħu huma 'l bogħod minn xulxin, inkluż ix-xogħol offshore". F'tali każijiet, il-ħaddiema jibqgħu intitolati għal perjodi ta' mistrieħ kumpensatorji ekwivalenti jew għal protezzjoni xierqa, kif spjegat fil-parti B.

Madankollu, minbarra dawn id-derogi u bħala eċċezzjoni mill-Artikolu 19 dwar id-derogi mill-perjodu ta' referenza għall-kalkolu tal-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa, l-Artikolu 20 jippermetti wkoll perjodu ta' referenza ta' 12-il xahar għall-ħaddiema li jwettqu prinċipalment xogħol offshore. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dan il-perjodu ta' referenza estiż għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jirrigwardaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, bil-kundizzjoni li jiġu kkonsultati r-rappreżentanti tal-impjegaturi u tal-impjegati u li jiġu mħarsa l-prinċipji ġenerali relatati mal-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

([416]) Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fis-setturi u l-attivitajiet esklużi mid-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993, it-18 ta' Novembru 1998, COM(1998) 662 final, il-paragrafu 13.

([417]) Il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fis-setturi u l-attivitajiet esklużi mid-Direttiva 93/104/KE tat-23 ta' Novembru 1993, it-18 ta' Novembru 1998, COM(1998) 662 final, il-paragrafu 13.

Dan l-approċċ flessibbli għall-perjodi ta' serħan għall-ħaddiema offshore kellu l-għan b'mod partikolari li jippermetti li "s-sistemi ta' shift ibbażati fuq 2 shifts x 12-il siegħa x 14-il jum ikomplu u li jingħata rikonoxximent adegwat għan-natura internazzjonali u staġjonali tal-mudelli tax-xogħol tal-industrija billi jippermetti kalkolu annwalizzat tas-sigħat tax-xogħol" ([418]). Fl-2006 saret valutazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi li kkonkludiet li dawn kienu adegwati għal dan is-settur ([419]).

## E. Deroga speċifika għal ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f'ilmijiet miftuħa

L-Artikolu 21 jistipula li:

"1. L-Artikoli 3 sa 6 u 8 m'għandhomx japplikaw għal xi ħaddiem abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f'ilmijiet miftuħa li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

L-Istati Membri għandhom, b'danakollu, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li kwalunkwe ħaddiem abbord dgħajsa tas-sajd li tbaħħar f'ilmijiet miftuħa li ttajjar il-bandiera ta' Stat Membru jkun intitolat għal serħan adegwat u għal-limitu ta' sigħat tax-xogħol ta' 48 siegħa fil-ġimgħa fuq medja kkalkolata matul perjodu ta' referenza li ma jeċċedix 12-il xahar.

2. Fi ħdan il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, u l-paragrafi 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jassiguraw li, b'konformità mal-ħtieġa tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa ta' ħaddiema bħal dawk:

(a) is-sigħat tax-xogħol ikunu llimitati għal numru massimu ta' sigħat li m'għandhomx ikunu misbuqa matul perjodu partikolari ta' żmien; jew

(b) numru minimu ta' sigħat ta' serħan ikunu pprovduti matul perjodu partikolari ta' żmien.

In-numru massimu ta' sigħat ta' xogħol jew in-numru minimu ta' sigħat ta' serħan għandhom ikunu speċifikati bil-liġi, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi jew bi ftehim kollettiv jew bi ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija.

3. Il-limiti fuq is-sigħat ta' xogħol jew mistrieħ għandhom ikunu jew:

(a) sigħat massimi ta' xogħol li m'għandhomx jeċċedu:

(i) 14-il siegħa fi kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa; u

(ii) 72 siegħa fi kwalunkwe perjodu ta' sebat ijiem;

jew

(b) numru minimu ta' sigħat ta' mistrieħ li ma għandhomx ikunu inqas minn:

(i) 10 sigħat fi kwalunkwe perjodu ta' 24 siegħa; u

(ii) 77 siegħa fi kwalunkwe perjodu ta' sebat ijiem.

4. Is-sigħat ta' mistrieħ jistgħu jkunu diviżi f'mhux aktar minn żewġ perjodi, li wieħed minnhom għandu jkun ta' mill-anqas sitt sigħat fit-tul, u l-intervall bejn żewġ perjodi konsekuttivi ta' serħan m'għandux jeċċedi 14-il siegħa.

5. B'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema, u għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew raġunijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni tax-xogħol, l-Istati Membri jistgħu jippermettu eċċezzjonijiet, inkluż l-istabbiliment ta' perjodi ta' referenza, għal-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, u l-paragrafi 3 u 4. Eċċezzjonijiet bħal dawn għandhom, sakemm ikun possibbli, ikunu konformi man-normi stabbiliti imma jistgħu jieħdu akkont ta' perjodi aktar ta' spiss jew aktar twal ta' liv jew tal-għoti ta' liv b'kumpens lill-ħaddiema. Dawn l-eċċezzjonijiet jistgħu jiġu stabbiliti permezz ta':

(a) liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi basta li jkun hemm konsultazzjonijiet, meta possibbli, tar-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema kkonċernati u sforzi jkunu magħmula sabiex jinkoraġġixxu l-għamliet kollha relevanti ta' djalogu soċjali; jew

(b) ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija.

([418]) White Paper dwar is-setturi u l-attivitajiet esklużi mid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, il-15 ta' Lulju 1997, COM(97) 334, il-paragrafu 60.

([419]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88/KE applikabbli għall-ħaddiema tal-offshore, it-22 ta' Diċembru 2006, COM(2006) 853 final.

6. Il-kaptan ta' dgħajsa tas-sajd li tbaħħar f'ilmijiet miftuħa għandu jkollu d-dritt li jeħtieġ li ħaddiema abbord iwettqu kwalunkwe sigħat ta' xogħol meħtieġa għas-sigurtà immedjata tad-dgħajsa, ta' persuni abbord jew tal-merkanzija, jew għal skopijiet sabiex jagħtu għajnuna lil xi dgħajjes jew persuni f'sitwazzjoni mwiegħra fil-baħar.

7. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li ħaddiema abbord dgħajsa tas-sajd li tbaħħar f'ilmijiet miftuħa li dwarhom leġiżlazzjoni nazzjonali jew prattika tiddetermina li dawn id-dgħajjes ma jkunux imħollija li joperaw f'perjodu speċifiku tas-sena kalendarja li jeċċedi xahar wieħed, għandhom jieħdu l-liv annwali b'konformità mal-Artikolu 7 fi żmien dak il-perjodu."

Bħall-ħaddiema mobbli u offshore, fejn il-ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f'ilmijiet miftuħa ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet aktar speċifiċi ([420]) huma jkunu suġġetti għad-Direttiva ġenerali dwar il-Ħin tax-Xogħol, li tinkludi wkoll dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ħaddiema abbord dgħajjes tas-sajd li jbaħħru f'ilmijiet miftuħa li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru.

L-Artikolu 21 jippermetti lill-Istati Membri jidderogaw mid-dispożizzjonijiet dwar is-serħan ta' kuljum, il-waqfiet ta' mistrieħ, is-serħan ta' kull ġimgħa, il-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa u t-tul tax-xogħol ta' billejl għal dawn il-ħaddiema.

Madankollu, l-Istati Membri huma meħtieġa jieħdu miżuri sabiex jassiguraw li l-ħaddiema kkonċernati jkunu intitolati għal "serħan adegwat" (ara l-Kapitolu IV) u jillimitaw il-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa għal 48 siegħa bħala medja fuq perjodu ta' referenza sa 12-il xahar.

Barra minn hekk, il-ħaddiema kkonċernati jeħtiġilhom ikunu soġġetti jew għal sigħat massimi ta' xogħol jew għal numru minimu ta' sigħat ta' serħan li l-limiti ta' referenza għalihom huma stabbiliti fl-Artikolu 21(3). Id-Direttiva tistabbilixxi wkoll li s-sigħat ta' serħan jistgħu jinqasmu f'mhux aktar minn żewġ perjodi, li wieħed minnhom irid ikun twil mill-anqas 6 sigħat u li l-intervall bejn il-perjodi ta' mistrieħ ma jridx jaqbeż l-14-il siegħa. Dawn id-dispożizzjonijiet jikkorrispondu għal dawk tad-Direttiva (UE) 2017/159 ([421]).

Derogi minn dawn id-dispożizzjonijiet ta' akkomodazzjoni xorta għadhom permessi permezz ta' liġi, regolamenti jew ftehimiet kollettivi taħt żewġ kundizzjonijiet: (i) l-eċċezzjonijiet iridu jkunu f'konformità mal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza; u (ii) huma jistgħu jingħataw biss għal raġunijiet oġġettivi jew tekniċi jew għal raġunijiet li jirrigwardaw l-organizzazzjoni tax-xogħol. F'tali każijiet, id-derogi jridu, kemm jista' jkun, jikkonformaw mal-istandards stabbiliti iżda jistgħu jwasslu għal "perjodi ta' leave aktar frekwenti jew itwal jew l-għoti ta' leave kumpensatorju".

Barra minn hekk, il-kaptan ta' dgħajsa tas-sajd li tbaħħar f'ilmijiet miftuħa għandu jkollu d-dritt li jwarrab ir-regoli dwar il-ħin tax-xogħol u l-perjodi minimi ta' serħan għas-sikurezza immedjata tad-dgħajsa, tal-persuni abbord jew tal-merkanzija jew sabiex tingħata għajnuna lil dgħajjes jew persuni oħrajn f'sitwazzjoni mwiegħra fil-baħar.

L-Artikolu 21(7) jippermetti wkoll lill-Istati Membri jistipulaw li l-ħaddiema jeħtiġilhom jieħdu l-liv annwali tagħhom fi żmien perjodu speċifiku tas-sena kalendarja ta' xahar jew aktar li matulu l-bastiment(i) ma jitħalliex/jitħallewx jopera(w).

([420]) B'mod partikolari s-sajjieda u l-bastimenti tas-sajd involuti f'operazzjonijiet ta' sajd kummerċjali koperti mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż fil-21 ta' Mejju 2012 bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche). Il-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, anness mad-Direttiva (UE) 2017/159, japplika għas-"sajjieda", jiġifieri *"kull persuna impjegata jew impenjata jew li taħdem fi kwalunkwe kapaċità abbord kwalunkwe bastiment tas-sajd"*, definit bħala *"kull vapur jew dgħajsa, li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru jew li jkunu reġistrati taħt il-ġuriżdizzjoni plenarja ta' Stat Membru, ta' kwalunkwe natura, irrispettivament mill-forma tas-sjieda, użati jew maħsuba biex jintużaw għal sajd kummerċjali"*. Il-bdoti tal-portijiet u l-persunal tax-xatt li jwettqu xogħol abbord bastiment tas-sajd fuq in-naħa tal-moll huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim. Fir-rigward ta' wieħed mill-kriterji ta' applikabbiltà, il-Ftehim jipprevedi li *"fil-każ ta' dubju dwar jekk bastiment huwiex impenjat fis-sajd kummerċjali, il-kwistjoni għandha tkun iddeterminata mill-awtorità kompetenti wara konsultazzjoni"*.

([421]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/159 tad-19 ta' Diċembru 2016 li timplimenta l-Ftehim li jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd, 2007, tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol konkluż bejn il-Konfederazzjoni Ġenerali tal-Kooperattivi Agrikoli fl-Unjoni Ewropea (COGECA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF) u l-Assoċjazzjoni ta' Organizzazzjonijiet Nazzjonali tal-Intrapriżi tas-Sajd fl-Unjoni Ewropea (Europêche).

## X. **KONKLUŻJONI**

Id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol hija strument kumpless. L-għan tagħha huwa li tipproteġi s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema billi tistabbilixxi rekwiżiti minimi tas-saħħa u s-sikurezza għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol u ma għandhiex tiġi subordinata għal konsiderazzjonijiet purament ekonomiċi.

Id-Direttiva tibqa' strument flessibbli billi, kif muri f'dan id-dokument, toffri possibbiltajiet għall-applikazzjoni flessibbli tal-istandards prinċipali tagħha kif ukoll numru ta' derogi li jippermettu li jiġu akkomodati l-ispeċifiċitajiet ta' setturi partikolari jew ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema filwaqt li tipproteġi lill-ħaddiema kontra l-effetti avversi ta' sigħat twal iżżejjed jew ta' serħan inadegwat.

B'mod importanti, id-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, l-istess bħad-Direttivi kollha tal-UE, torbot lill-Istati Membri iżda d-dispożizzjonijiet tagħha jridu jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali. Għalhekk hija qabelxejn ir-responsabbiltà tal-Istati Membri tal-UE li jiżviluppaw l-oqfsa legali tagħhom sabiex japplikaw ir-regoli protettivi tad-Direttiva, li jadottaw kif ikun xieraq l-elementi ta' flessibbiltà li hija toffri jew li jintroduċu dispożizzjonijiet li jkunu aktar favorevoli għall-protezzjoni tas-sikurezza u s-saħħa tal-ħaddiema.

Fid-dawl tal-arkitettura kumplessa tad-Direttiva, l-għan ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tagħti kemm jista' jkun gwida dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva abbażi primarjament tal-ġurisprudenza tagħha. Hija ma għandhiex l-intenzjoni li toħloq regoli ġodda u l-elementi ppreżentati fiha għalhekk jibqgħu soġġetti għal aktar żviluppi u komplementi mill-Qorti.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL–KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-21 ta’ Marzu 2023**

**li taħtar membru fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-Estonja**

(2023/C 109/02)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b’mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-listi ta’ kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjonijiet tal-20 ta’ Settembru 2022 ([2]) u tal-25 ta’ Ottubru 2022 ([3]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perjodu mill-25 ta’ Settembru 2022 sal-24 ta’ Settembru 2024.

(2) Il-Gvern tal-Estonja ppreżenta nomina għal kariga li trid timtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja hija b’dan maħtura membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perjodu li jintemm fl-24 ta’ Settembru 2024:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-ASSOĊJAZZJONIJIET TA’ MIN IĦADDEM

| Stat Membru | Membru |
|---|---|
| Estonja | Is-Sur Jüri SULIN |

([1]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta’ Settembru 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C 393, 13.10.2022, p. 5).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2022 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta’ Moviment għall-Ħaddiema għad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall (ĠU C 481, 19.12.2022, p. 1).

*Artikolu 2*

Il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati ser jinħatru mill-Kunsill f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ROSWALL

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Marzu 2023

## li taħtar membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għad-Danimarka

(2023/C 109/03)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-listi ta' kandidati ppreżentati lill-Kunsill mill-Gvernijiet tal-Istati Membri,

Billi:

(1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022 ([2]), il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Il-Gvern tad-Danimarka ppreżenta nomina għal post vakanti li għandu jimtela,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-persuna li ġejja hija b'dan maħtura membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

I. RAPPREŻENTANTI TAL-GVERN

| Stat Membru | Membru supplenti |
|---|---|
| Danimarka | Is-Sur Ulrik SPANNOW |

*Artikolu 2*

Il-Kunsill għandu jaħtar il-membri u l-membri supplenti li għadhom ma ġewx innominati f'data aktar tard.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. ROSWALL

([1]) ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Rata tal-kambju tal-euro** ([1])

**It-23 ta' Marzu 2023**

(2023/C 109/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,0879 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,4875 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 142,87 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 8,5396 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4482 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7373 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88523 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,4434 |
| SEK | Krona Żvediża | 11,2220 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 396,18 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 0,9969 | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 19,7787 |
| ISK | Krona Iżlandiża | 149,90 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 7,4312 |
| NOK | Krona Norveġiża | 11,2840 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 16 450,63 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,8063 |
| CZK | Krona Ċeka | 23,658 | PHP | Peso Filippin | 59,125 |
| HUF | Forint Ungeriż | 384,75 | RUB | Rouble Russu | |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,6868 | THB | Baht Tajlandiż | 37,119 |
| RON | Leu Rumen | 4,9228 | BRL | Real Brażiljan | 5,6995 |
| TRY | Lira Turka | 20,7179 | MXN | Peso Messikan | 20,1915 |
| AUD | Dollaru Awstraljan | 1,6242 | INR | Rupi Indjan | 89,4810 |

([1]) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

*(Avviżi)*

ATTI OĦRAJN

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Pubblikazzjoni tad-Dokument Uniku msemmi fl-Artikolu 94(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid**

(2023/C 109/05)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 98 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) fi żmien xahrejn mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

**"Terras do Dão"**

**PGI-PT-02352**

**Data tal-applikazzjoni: 2.3.2017**

1. **Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni**

   Terras do Dão

2. **Tip ta' indikazzjoni ġeografika**

   IĠP - Indikazzjoni Ġeografika Protetta

3. **Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli**

   1. Inbid

   4. Inbid spumanti

4. **Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed**

   1. *Inbid (abjad, aħmar u rożè)*

   DESKRIZZJONI QASIRA

   Abjad – dehra minn ċara sa tleqq, b'kulur li jvarja minn abjad ċar bi sfumatura ħafifa lewn iċ-ċitru għal abjad dehbi aktar qawwi. B'espressjoni tajba u aromi fini, l-aktar ta' fjuri u noti ta' frott (frott b'polpa bajda) fil-każ ta' nbejjed mhux imqaddmin. Maż-żmien jevolvu faċilment f'aromi aktar kumplessi u delikati. It-togħma hija bbilanċjata sew u minerali, b'aċidità sinifikanti u eleganti li tagħtihom freskezza u konsistenza tajba. Struttura u finitura minn medja sa twila.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

Rożè - dehra minn ċara sa tleqq, b'kulur li jvarja minn lewn il-qoxra tal-basal sa roża lewn iċ-ċirasa. Aroma eleganti b'noti ħfief, l-aktar ta' frott artab u frott aħmar li huma karatteristiċi ta' dawn il-varjetajiet ta' dwieli. Maż-żmien, l-aromi jevolvu biex jiksbu noti aktar kumplessi u eleganti. It-togħma hija sofistikata ħafna u minerali, b'espressjoni tajba ta' aċidità fissa u bilanċ tajjeb bejn il-freskezza u s-sawra. Struttura medja sa qawwija, li tikkontribwixxi għal togħma rikka li tibqa' fil-ħalq.

Aħmar - dehra ċara, b'kulur li jvarja minn lewn ir-rubin naturali sa vjola skur. Mas-snin, il-kulur jikseb sfumaturi li jvarjaw minn aħmar lewn il-briks għal kannella lewn il-qastan. Espressjoni aromatika ddefinita tajjeb ħafna u distintivament fina, l-aktar ta' noti ta' frott li huma karatteristiċi tal-varjetajiet ta' dwieli; il-frott aħmar u iswed jiddomina fil-każ tal-inbejjed mhux imqaddmin. Maż-żmien, jevolvu b'mod delikat f'aromi aktar kumplessi b'noti stabbiliti sew, l-aktar ta' frott imqadded u ħwawar. It-togħma hija kumplessa u delikata, b'bilanċ tajjeb bejn l-aċidi u l-alkoħol u mineralità distintiva. Struttura minn medja sa qawwija, b'tannini integrati sew, sawra bellusija u togħma li ddum ħafna fil-ħalq.

Il-karatteristiċi analitiċi l-oħra jridu jikkonformaw mal-limiti tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

| Karatteristiċi analitiċi | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) | |
| Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) | 10,0 |
| Aċidità totali minima | |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) | |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) | |

2. *Inbid spumanti (abjad, aħmar u rożè)*

DESKRIZZJONI QASIRA

Bojod – Inbejjed li jvarjaw fil-kulur minn lewn iċ-ċitru għal isfar lewn it-tiben, b'aromi prinċipalment ta' fjuri, frott (ċitru u frott abjad) u minerali, togħma friska u bbilanċjata minħabba l-aċidità fissa tagħhom, u bi bżieżaq fini u persistenti.

Rożè – Inbejjed ta' kulur roża b'aromi prinċipalment ta' frott. Inbejjed friski b'aċidità bbilanċjata u bi bżieżaq fini u persistenti.

Ħomor – Inbejjed li jvarjaw fil-kulur minn aħmar jgħajjat għal aħmar skur, bi sfumaturi ħomor lewn il-briks li jiżviluppaw maż-żmien. Aromi prinċipalment ta' frott aħmar misjur u frott artab. Inbejjed ibbilanċjati bi bżieżaq fini u persistenti.

Il-karatteristiċi analitiċi l-oħra jridu jikkonformaw mal-limiti tal-leġiżlazzjoni applikabbli.

| Karatteristiċi analitiċi | |
|---|---|
| Qawwa alkoħolika totali massima (f'% tal-volum) | |
| Qawwa alkoħolika proprja minima (f'% tal-volum) | 10,0 |
| Aċidità totali minima | |
| Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru) | |
| Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru) | |

5. **Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid**

a. *Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom*

1. Qawwa alkoħolika proprja minima – inbid u nbid spumanti

Restrizzjoni fir-rigward tal-produzzjoni tal-inbid

Rekwiżit fir-rigward tal-qawwa alkoħolika proprja minima skont il-volum tal-most:

Inbejjed tal-IĠP Terras do Dão

— inbid abjad, rożè u aħmar: tal-anqas 10 % vol.

— cuvée għall-inbid spumanti: tal-anqas 10 % vol.

Inbejjed bl-indikazzjoni addizzjonali Terras de Lafões:

— inbid abjad, rożè u aħmar: tal-anqas 9,5 % vol.

— cuvée għall-inbid spumanti: tal-anqas 9,5 % vol.

2. Metodu tal-preparazzjoni - Inbid spumanti

Prattiki enoloġiċi speċifiċi użati biex isir l-inbid jew biex isiru l-inbejjed, u r-restrizzjonijiet rilevanti fuq il-produzzjoni tagħhom

Fil-preparazzjoni tal-inbejjed spumanti koperti mill-IĠP Terras do Dão, irid jintuża l-metodu tradizzjonali, f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.

3. Ħamrija u metodi ta' kultivazzjoni

Metodu ta' kultivazzjoni

Il-metodi ta' kultivazzjoni użati fil-vinji maħsuba għall-produzzjoni tal-inbejjed bl-isem tal-IĠP Terras do Dão jridu jkunu dawk tradizzjonali tar-reġjun jew dawk irrakkomandati mill-korp ta' ċertifikazzjoni.

Il-vinji użati għall-produzzjoni tal-inbejjed tal-IĠP Terras do Dão huma mħawla fit-tipi ta' ħamrija li ġejjin:

— Litosoli mhux umiċi jew umiċi ta' materjali tal-ġebel tar-ramel mhux ikkonsolidati jew litosoli umiċi ta' skisti u/jew materjali tal-granit;

— Ħamrija argiluvjali ta' skisti insaturata ħafna;

— Ħamrija Mediterranja kannella u/jew ħamra ta' skisti, lom u/jew ġebel tal-ġir iebes;

— Podzols tar-ramel jew tal-ġebel tar-ramel;

— Regosols psammitiċi ramlin;

— Ħamrija alluvjali moderna.

b. *Rendimenti massimi għal kull ettaru*

1. Inbid u Nbid spumanti - għeneb aħmar

18 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

2. Inbid u Nbid spumanti - għeneb abjad

20 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

6. **Definizzjoni taż-żona demarkata**

Iż-żona ġeografika għall-produzzjoni tal-IĠ Terras do Dão tinkludi:

a) Fid-distrett ta' Aveiro, il-parroċċa ta' Cedrim fil-muniċipalità ta' Sever do Vouga biss u fl-unjoni tal-parroċċi ta' Cedrim u Paradela;

b) Fid-distrett ta' Coimbra, il-parroċċi kollha tal-muniċipalitajiet ta' Arganil, Oliveira do Hospital u Tábua;

c) Fid-distrett ta' Guarda, il-parroċċi kollha tal-muniċipalitajiet ta' Aguiar da Beira, Fornos de Algodres, Gouveia u Seia;

d) Fid-distrett ta’ Viseu, il-parroċċi kollha tal-muniċipalitajiet ta’ Carregal do Sal, Castro Daire, Mangualde, Mortágua, Nelas, Oliveira de Frades, Penalva do Castelo, Santa Comba Dão, São Pedro do Sul, Sátão, Tondela, Vila Nova de Paiva, Viseu u Vouzela.

Iż-żona ġeografika għall-produzzjoni tal-inbejjed u tal-inbejjed spumanti intitolati li jinbiegħu bl-indikazzjoni komplementari tas-sottoreġjun Terras de Lafões hija din li ġejja:

a) Fid-distrett ta’ Aveiro, il-parroċċa ta’ Couto de Esteves fil-muniċipalità ta’ Sever do Vouga, u l-parroċċa ta’ Cedrim biss fl-unjoni tal-parroċċi ta’ Cedrim u Paradela;

b) Fid-distrett ta’ Viseu, il-parroċċi kollha tal-muniċipalitajiet ta’ Oliveira de Frades, São Pedro do Sul, Vouzela u Castro Daire. Fl-istess distrett, il-parroċċi ta’ Bodiosa, Calde, Campo, Lordosa u Ribafeita fil-muniċipalità ta’ Viseu.

7. **Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid/jinkisbu l-inbejjed**

Alfrocheiro - Tinta-Bastardinha

Alicante-Bouschet

Alicante-Branco

Alvar

Alvar -Roxo

Alvarelhão - Brancelho

Alvarinho

Amaral

Aragonez - Tinta-Roriz; Tempranillo

Arinto - Pedernã

Arinto-do-Interior

Assaraky

Azal

Baga

Barcelo

Bastardo - Graciosa

Bical - Borrado-das-Moscas

Branda

Cabernet Franc

Cabernet Sauvignon

Camarate

Campanário

Castelão - João-de-Santarém(1); Periquita

Cerceal-Branco

Cercial - Cercial-da-Bairrada

Chardonnay

Cidreiro

Coração-de-Galo

Cornifesto

Douradinha

Encruzado

Esganoso

Fernão-Pires - Maria-Gomes

Folgasão - Terrantez

Folgasão-Roxo

Folha-de-Figueira - Dona-Branca

Fonte -Cal

Gewürztraminer

Gouveio

Grand Noir

Jaen - Mencia

Jampal

Loureiro

Luzidio

Malvasia-Fina - Boal; Bual

Malvasia-Fina-Roxa

Malvasia-Preta

Malvasia-Rei

Marufo - Mourisco-Roxo

Merlot

Monvedro

Moreto

Moscatel-Galego-Branco - Muscat-à-Petits-Grains

Mourisco

Pilongo

Pinot Blanc

Pinot Noir

Português-Azul - Blauer-Portugieser

Rabo-de-Ovelha

Riesling

Rufete - Tinta-Pinheira

Sauvignon - Sauvignon Blanc

Semillon

Sercial - Esgana-Cão

Sercialinho

Syrah - Shiraz

Síria - Roupeiro, Códega

Tamarez - Molinha

Terrantez

Tinta-Carvalha

Tinta-Francisca

Tintem

Tinto-Cão

Touriga Franca

Touriga Fêmea

Touriga Nacional

Trincadeira - Tinta-Amarela, Trincadeira-Preta

Tália - Ugni-Blanc; Trebbiano-Toscano

Uva-Cão

Verdelho

Verdial-Branco

Vinhão - Sousão

Viosinho

Vital

Água -Santa

## 8. Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet

*Inbid u nbid spumanti*

Fatturi naturali u umani

Iż-żona ġeografika hija mdawra minn sriebet ta' muntanji li jipprovdu kenn mill-irjieħ mil-Lvant minn żoni aktar interni u mases ta' arja umda mill-kosta.

Il-ħafna widien fondi huma karatteristika ewlenija tal-pajsaġġ, u jiffurmaw network dens ta' korpi tal-ilma.

Il-klima hija moderata, b'medja ta' 1 100 sa 1 600 mm ta' xita fis-sena (prinċipalment ikkonċentrata fil-ħarifa u fix-xitwa), u medja ta' 2 200 sa 2 700 siegħa ta' xemx fis-sena (l-aktar bejn Mejju u Awwissu).

Iż-żona għandha xtiewi kesħin u sjuf sħan, b'varjazzjonijiet sinifikanti ħafna fit-temperatura.

Il-ħamrija - li toriġina prinċipalment mill-granit bi traċċi ta' shale pre-Kambrijan - ġeneralment ma tantx ikun fiha materja organika u għandha pH baxx.

Hemm biżżejjed evidenza li d-dwieli ilhom jitkabbru f'din iż-żona ġeografika għal aktar minn 1 000 sena. Hemm rekords li jiddokumentaw l-importanza ekonomika tal-vinji u tal-inbid f'dan ir-reġjun li jmorru lura sas-seklu 12.

*Il-karatteristiċi tal-inbejjed assoċjati maż-żona ġeografika*

Dawn l-inbejjed għandhom noti predominantament minerali, kif ukoll espressjoni aromatika tajba tad-diversi varjetajiet ta' dwieli. Huma nbejjed b'togħma persistenti, b'bilanċ tajjeb bejn l-alkoħol, il-ħlewwa u l-aċidità.

L-inbejjed bojod u rożè huma friski b'aċidità notevolment ibbilanċjata.

L-inbejjed ħomor huma ta' sawra bellusija u robusti, b'ammont moderat ta' tannini.

L-inbejjed spumanti huma fini ħafna b'aċidità u freskezza evidenti u integrati sew, u bi bżieżaq fini u persistenti.

*Rabta kawżali*

Il-kenn ipprovdut mir-riżalt huwa karatteristika ewlenija taż-żona ġeografika u jinfluwenza wkoll il-klima. Il-klima tiddetermina l-mod kif id-dwieli jikbru u jsiru, li jfisser li tinfluwenza b'mod dirett il-kwalità tal-inbejjed. Din l-influwenza hija evidenti b'mod ċar fl-espressjoni bellusija u aromatika tal-inbejjed.

Il-ħamrija l-aktar tal-granit b'kontenut baxx ta' materja organika u pH baxx tagħti lill-inbejjed u lill-inbejjed spumanti l-karattru minerali tagħhom u tikkontribwixxi b'mod deċiżiv għall-aċidità fissa tajba tagħhom.

L-inbejjed huma aromatiċi, minerali u friski b'aċidità bbilanċjata bħala riżultat tal-kundizzjonijiet li fihom isir l-għeneb: sjuf sħan b'varjazzjonijiet sinifikanti fit-temperatura ta' kuljum.

Is-sjuf sħan b'ħafna xemx jiżguraw li l-għeneb isir għalkollox. Il-varjazzjonijiet sinifikanti ta' kuljum fit-temperatura jiżguraw li z-zokkor jiżviluppa b'mod korrett u li jinżamm livell ottimali ta' aċidità.

B'riżultat ta' dan, l-inbejjed bojod u rożè huma friski, armonjużi u fini b'aromi minerali, aċidità fissa notevolment ibbilanċjata, espressjoni aromatika tajba tal-varjetajiet u togħma persistenti. L-inbejjed ħomor għandhom espressjoni aromatika tajba tal-varjetajiet, ammont ottimali ta' polifenoli, bilanċ tajjeb bejn l-aċidi u l-alkoħol, aromi minerali, tannini moderati, sawra bellusija u togħma persistenti.

Il-proċess ta' sajran relattivament twil u ġentili jipproduċi nbejjed b'espressjoni tajba tal-aromi tal-varjetajiet ta' dwieli.

Minħabba n-network dens tagħha ta' korpi tal-ilma, il-faċilità li biha l-ħamrija tassorbi x-xita u l-akkumulazzjoni tal-ilma fix-xitwa u l-influwenza tal-kesħa severa waqt li d-dwieli jkunu reqdin, iż-żona ġeografika hija adatta sew għall-vitikultura.

Bit-tradizzjoni ppreżervata għal aktar minn 1 000 sena, il-fattur uman huwa rifless fl-għażla tal-varjetajiet li huma l-aktar adatti għall-kundizzjonijiet taż-żona ġeografika. Dan huwa deċiżiv biex tiġi żgurata l-produzzjoni ta' għeneb ta' kwalità u l-karatteristiċi tal-inbejjed.

9. **Rekwiżiti oħra applikabbli**

*Inbid u nbid spumanti*

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonali:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Dispożizzjonijiet addizzjonali relatati mat-tikkettar:

— Approvazzjoni minn qabel tat-tikkettar: It-tikketti li għandhom jintużaw fuq il-prodotti tal-IĠP Terras do Dão jridu l-ewwel jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Awtorità ta' Ċertifikazzjoni.

— It-trademark trid tiġi rreġistrata mal-INPI [l-Istitut Nazzjonali tal-Proprjetà Industrijali], iżda ma hijiex esklużiva għall-IĠP.

— L-użu tal-indikazzjoni addizzjonali Terras de Lafões: għall-użu biss fuq it-tikketti tal-inbejjed koperti mill-IĠP Terras do Dão li ġew prodotti fiż-żona ġeografika tas-sottoreġjun Terras de Lafões (u li għandhom qawwa alkoħolika proprja minima ta' 9,5 % vol.).

**Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott**

http://www.ivv.gov.pt/np4/8616.html

**RETTIFIKA**

**Rettifika tal-Pożizzjoni (UE) Nru …/2023 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo *)**

**Adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2023**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 105 tal-21 ta' Marzu 2023)*

(2023/C 109/06)

Fil-qoxra, fil-werrej, u f'paġna 4, it-titolu għandu jaqra:

"**Pożizzjoni (UE) Nru 1/2023 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo *)**

**Adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Marzu 2023**"

**Rettifika għad-Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill: Pożizzjoni (UE) Nru …/2023 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo *)**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 105 tal-21 ta' Marzu 2023)*

(2023/C 109/07)

Fil-qoxra, fil-werrej, u f'paġna 8, it-titolu għandu jaqra:

**"Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill: Pożizzjoni (UE) Nru 1/2023 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1806 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa (Il-Kosovo** *)"

**Rettifika għal Public holidays 2023**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 39 tal-1 ta' Frar 2023)*

(2023/C 109/08)

Fil-paġna 20, ir-ringiela 24,

*minflok:*

| | |
|---|---|
| "Slovenija | 2.1, 6.4, 7.4, 10.4, 1.5, 29.5, 21.7, 31.10, 1.11, 25.12, 26.12" |

*aqra:*

| | |
|---|---|
| "Slovenija | 1.1, 2.1, 8.2, 10.4, 27.4, 1.5, 2.5, 25.6, 15.8, 31.10, 1.11, 25.12, 26.12" |

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT